

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 334

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

15 ta' Novembru 2013

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 334/01	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri — Kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea — Sena Finanzjarja 2012	1
2013/C 334/02	Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti mogħtija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-awditur indipendenti	122

MT

Prezz:
EUR 7

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U
LILL-QORTI TAL-AWDITURI

KONTIJET ANNWALI KONSOLIDATI TAL-UNJONI EWROPEA – SENA FINANZJARJA 2012

(2013/C 334/01)

WERREJ

	Paġna
Nota li takkumpanja l-kontijiet ikkonsolidati	2
Il-baġit tal-UE: mit-tħejjija sal-kwittanza	3
PARTI I: Rapporti finanzjarji kkonsolidati u noti ta' spjega	8
Karta Bilanċjali	9
Rapport tal-Introjtu	10
Rapport tal-Fluss tal-Flus	11
Dikjarazzjoni tal-Bidliet fl-Assi Netti	12
Noti għar-Rapporti Finanzjarji	13
PARTI II: Rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u noti ta' spjega	89
Riżultat tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u noti ta' spjega	90
Rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit	102

NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJET IKKONSOLIDATI

Il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2012 tħejjew fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u l-korpi skont l-Artikolu 148.2 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Jiena hawnhekk niddikjara li tħejjew skont it-Titolu IX ta' dan ir-Regolament Finanzjarju u skont il-prinċipji, ir-regoli u l-metodu tal-kontabilità stabbiliti fin-noti għar-rapporti finanzjarji.

L-informazzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni baġitarja, ksibtha mingħand l-uffiċjali tal-kontabilità ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-korpi, li ċċertifikat l-affidabilità tagħha.

Jiena hawnhekk niċċertifika li fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, u fuq it-tali verifiki li dehruli neċessarji biex niffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea, għandi assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-fluss tal-flus tal-Unjoni Ewropea fl-aspetti materjali kollha.

[iffirmata]

Manfred KRAFF

L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni

24 ta' Lulju 2013

IL-BAĠIT TAL-UE: MIT-THEJJJA SAL-KWITTANZA

Il-kontijiet annwali kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea (UE) jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħrajn tal-UE mill-perspettiva baġitarja u tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti. Dawn il-kontijiet ma jinvolvu il-kontijiet annwali tal-Istati Membri.

1. BAĠIT ANNWALI

Il-Baġit tal-UE jiffinanzja firxa wiesgħa ta' politiki u programmi fi ħdan l-UE. Skont il-prijoritajiet stabbiliti mill-Istati Membri fil-qafas finanzjarju pluriennali (MFF), il-Kummissjoni twettaq programmi, attivitajiet u proġetti speċifiċi fil-qasam. Dawn jistgħu jvaraw minn appoġġ għal proġetti edukattivi għall-mobilità ta' studenti u għalliema, sa appoġġ għall-bdiewa, investimenti protettivi li jgħolqu jew iżommu l-impjiegi, għajjnuna għall-iżvilupp, proġetti mmirati lejn l-appoġġ ta' ambjent tax-xogħol aħjar għall-ħaddiema fl-UE, u saħansitra tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri esterni.

Aktar minn 90 % tal-baġit tal-UE jmur għall-finanzjament ta' dawn il-politiki u attivitajiet tal-UE, li ntlaħaq qbil dwarhom bejn l-Istati Membri kollha. Ir-rabta diretta bejn il-baġit annwali u l-politiki tal-UE hija żgurata permezz ta' ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB). In-nomenklatura tal-baġit ibbażat fuq l-attività tippermetti li ssir identifikazzjoni ċara bejn l-oqsma politiċi tal-UE u l-ammont sħiħ ta' riżorsi allokat għal kull wieħed minn dawn l-oqsma.

L-oqsma politiċi huma maqsuma fmadwar 200 attività li aktar minn 110 minnhom jinkludu intestaturi operattivi tal-baġit u b'hekk huma riflessi fin-nomenklatura tal-baġit bħala kapitoli tal-baġit. Dawn l-oqsma politiċi huma fil-biċċa l-kbira tagħhom operattivi, peress li l-attivitajiet ewlenin tagħhom huma mmirati sabiex jibbenefikaw lil xi parti terza, kull waħda minnhom fi ħdan il-qasam rispettiv ta' attività tagħha. Madankollu, oqsma politiċi oħrajn huma orizzontali u jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Kummissjoni, bħall-Koordinazzjoni u pariri legali, u l-Baġit. L-istruttura tal-attività tipprovdi l-qafas kunċettwali komuni għat-tfassil tal-prijoritajiet, it-thejjja, l-ibbaġitjar, il-monitoraġġ u r-rapportar, bil-għan ewlieni li jissaħħaħ l-użu ekonomiku, effiċjenti u effettiv tar-riżorsi.

Il-baġit jitħejja mill-Kummissjoni u s-soltu jintlaħaq qbil dwaru fnofs Diċembru mill-Parlament u l-Kunsill skont il-proċedura tal-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

2. KIF INHI FFINANZJATA L-UE?

L-UE għandha żewġ kategoriji ewlenin ta' finanzjament: Dħul minn riżorsi proprji u dħul varju.

2.1 Dħul minn riżorsi proprji

Id-dħul minn riżorsi proprji huwa dovut b'mod awtomatiku lill-UE sabiex tkun tista' tiffinanzja l-baġit tagħha bla ma jkollha bżonn ta' deċiżjoni sussegwenti mill-awtoritajiet nazzjonali. L-ammont globali ta' riżorsi proprji meħtieġ biex jiġi ffinanzjat il-baġit jiġi stabbilit skont in-nefqa totali li minnha jitnaqqas dħul ieħor. L-ammont totali ta' riżorsi proprji ma jstax jaqbeż il-1.23 % tal-introjt nazzjonali gross (ING) tal-UE. Ir-riżorsi proprji jistgħu jinqasmu f'riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u r-riżorsa bbażata fuq l-introjt nazzjonali gross (ING).

2.2 Dħul varju

Dħul varju li ġej mill-attivitajiet tal-UE normalment jirrappreżenta anqas minn 10 % tad-dħul totali. Dawn pereżempju, huma multi ta' kompetizzjoni u ordnijiet ta' rkupru għal debituri privati u pubbliċi fir-rigward tal-immaniġġjar ta' proġetti tal-UE. Il-pagamenti ta' penali imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-Istati Membri li jonqsu milli jikkonformaw ma' ħlas partikolari jaqgħu f'din il-kategorija wkoll. Kwalunkwe dejn mhux imħallas fid-data dovuta huwa soġġett għal imgħax ta' inadempjenza. Meta d-djun ta' partijiet terzi li mhumiex Stati Membri jibqgħu ma jitħallsux, il-Kummissjoni (u l-Kunsill) tista' tadotta deċiżjonijiet li jimponu l-obbligu ta' ħlas li huma direttament infurzabbli skont ir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fit-territorju fejn jitwettaq l-infurzar. Id-debituri inadempjenti huma soġġetti għal proċeduri ta' għbir tad-dejn imnedija mis-Servizz Legali tal-Kummissjoni bl-għajjnuna tal-aġenziji legali esterni.

3. KIF JINTEFAQ U KIF INHU MMANIĠĠJAT IL-BAĠIT TAL-UE

3.1 Nefqa operazzjonali primarja

In-nefqa operazzjonali tal-UE tkopri d-diversi intestaturi tal-qafas finanzjarju u tiegħu forom differenti, skont kif jitħallsu u jiġu mmaniĠĠjati l-flus. Għall-kontijiet tal-2012, il-Kummissjoni tikklassifika n-nefqa tagħha kif ġej:

Ġestjoni diretta ċentralizzata: meta l-baġit ikun implimentat direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Ġestjoni indiretta ċentralizzata: din tirreferi għal każijiet li fihom il-Kummissjoni tgħaddi l-kompitu ta' implimentazzjoni tal-baġit lil korpi tal-liġi tal-UE jew tal-liġi nazzjonali, bħal aġenziji tal-UE tal-liġi pubblika jew b'missjonijiet ta' servizzi pubbliċi.

Ġestjoni deċentralizzata: dawn huma l-każijiet li fihom il-Kummissjoni tiddelega ċerti kompiti għall-implimentazzjoni tal-baġit lil pajjiżi terzi.

Ġestjoni kondiviża: b'dan il-metodu ta' ġestjoni, il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit jiġu delegati lill-Istati Membri. Il-parti l-kbira tan-nefqa taqa' taħt din il-modalità b'tali mod li tkopri oqsma bħall-infiq fuq l-agrikoltura u Azzjonijiet Strutturali.

Ġestjoni konġunta: b'dan il-metodu, il-Kummissjoni tinkariga ċerti kompiti ta' implimentazzjoni lil organizzazzjoni internazzjonali.

Mill-2014 'il quddiem, dawn il-klassifikazzjonijiet sejrjn jinbidlu wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju aġġornat.

3.2 L-atturi finanzjarji differenti fi ħdan il-Kummissjoni

Il-Kulleġġ tal-Kummissarji jassumi r-responsabilità politika kollettiva iżda fil-prattika ma jeżerċitax huwa stess is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit mogħtija lilu. Jiddelega dawn il-kompiti kull sena lil aġenti individwali tas-servizz pubbliku responsabbli mill-Kulleġġ u soġġetti għar-Regolament Finanzjarju u r-Regolamenti tal-Persunal. Il-persunal ikkonċernat – ġeneralment id-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizz - huma magħrufa bħala "Uffiċjali Awtorizzanti b'delega". Min-naħa tagħhom, dawn jistgħu jiddelegaw ulterjorment il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil "Uffiċjali Awtorizzanti b'sottodelega".

Ir-responsabilità tal-**Uffiċjali Awtorizzanti** tkopri l-proċess ta' ġestjoni sħiħ, mid-determinazzjoni ta' x'hemm bżonn isir biex jintlaħqu l-għanijiet politiċi stabbiliti mill-istituzzjoni sal-immaniĠĠjar tal-attivitajiet immedja kemm minn perspettiva operazzjonali kif ukoll baġitarja, inkluża l-adozzjoni ta' impenji legali, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni, il-ħlas ta' pagamenti u l-irkuprar ta' fondi, jekk ikun meħtieġ. Permezz tas-separazzjoni tal-kontroll tal-ġestjoni (f'idejn l-uffiċjali awtorizzanti) mill-awditjar intern u l-kontroll tal-konformità ma' standards ta' kontroll interni xierqa (ibbażati fuq standards internazzjonali), kontrolli ex-ante u ex-post, awditjar intern indipendenti fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju, u rapportar regolari fuq attivitajiet lill-Kummissarji individwali huma żgurati ġestjoni finanzjarja tajba u responsabilità xierqa fi ħdan kull wieħed mis-Servizzi.

Kull Uffiċjal Awtorizzanti huwa meħtieġ iħejji Rapport Annwali tal-Attività (AAR) dwar l-attivitajiet li hu responsabbli minnhom. F'dan l-AAR, jirrapporta dwar ir-riżultati tal-politika u dwar il-garanzija raġonevoli li jista' jkollu li r-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-rapport tiegħu ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll implimentati jagħtu l-garanziji meħtieġa dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Fuq il-bażi tal-Artikolu 66 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tadotta rapport ta' sinteżi dwar l-AARs, l-opinjoni ġenerali tal-Awditur Intern, li skontu l-Kummissjoni tiegħu responsabilità politika ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE b'konformità mal-Artikolu 317 tat-TFUE. Dan ir-rapport u l-AARs huma disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/atwork/planning-and-preparing/synthesis-report/index_mt.htm.

L-Uffiċjal tal-kontabilità jeżegwixxi pagament u ordnijiet ta' rkupru mfassla minn uffiċjali awtorizzanti u huwa responsabbli għall-immaniġġjar tat-teżor, l-istabbiliment ta' regoli u metodi tal-kontabilità, il-validazzjoni tas-sistemi kontabilistiċi, iż-żamma tal-kontijiet u t-tfassil tal-kontijiet annwali tal-istituzzjoni. Barra minn hekk, l-Uffiċjal tal-Kontabilità jrid jiffirma l-kontijiet annwali filwaqt li jiddikjara li dawn jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi ta' flus fl-aspetti materjali kollha.

3.3 Impenn ta' nfiq tal-baġit tal-UE

Qabel ma jkun jista' jiddaħħal impenn legali (pereżempju kuntratt jew ftehim ta' għoti) ma' parti terza, irid ikun hemm intestatura baġitarja li tawtorizza l-attività inkwistjoni fil-baġit annwali. Irid ikun hemm ukoll biżżejjed fondi fl-intestatura baġitarja biex ikopru n-nefqa. Jekk ikunu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet, il-fondi meħtieġa jridu jkunu riżervati fil-baġit permezz ta' impenn baġitarju li jiddaħħal fis-sistema kontabilistika.

Ma jistgħu jintefqu ebda flus mill-baġit tal-UE qabel ma l-Uffiċjal Awtorizzanti jadotta impenn legali.

Ladarba jkun approvat, l-impenn baġitarju huwa rreġistrat fis-sistema kontabilistika baġitarja u l-approprijazzjonijiet jiġu kkonsumati kif suppost. Madankollu, dan ma għandu ebda effett fuq il-kontijiet finanzjarji (jew il-ktieb ġenerali) peress li ma tkun għadha saret l-ebda spiża.

3.4 Ħlas ta' pagament

3.4.1 Regoli ġenerali

Ma jista' jsir ebda ħlas sakemm ma jkunx diġà ġie approvat impenn baġitarju mill-Uffiċjal Awtorizzanti li jkun qiegħed jitratta l-operazzjoni inkwistjoni. Ladarba jkun approvat ħlas fis-sistema kontabilistika, il-pass li jmiss huwa li jsir t-trasferiment fil-kont tal-benefiċjarju. Il-Kummissjoni taġhmel aktar minn 1,8 miljun pagament fis-sena. Il-Kummissjoni tieħu sehem fi SWIFT (Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija).

3.4.2 Prefinanzjament, dikjarazzjonijiet tal-kostijiet u eliġibilità tan-nefqa

Prefinanzjament huwa pagament maħsub sabiex jipprovi lill-benefiċjarju b'pagament fi flus bil-quddiem, jiġifieri float. Dan jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti fuq perjodu definit fl-impenn legali partikolari. Il-float jew il-pagament bil-quddiem jintuża jew għall-fini li għalih kien ipprovdut matul il-perjodu definit fl-impenn legali jew inkella jitħallas lura – jekk il-benefiċjarju ma jsostnix l-ispejjeż eliġibbli, għandu l-obbligu li jrodd lura l-pagament ta' prefinanzjament bil-quddiem lill-UE. B'hekk, prefinanzjament imħallas mhuwiex spiża definittiva sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti u b'hekk dan jitniżżel bħala ass fuq il-karta bilanċjali tal-UE meta jsir il-pagament inizjali. L-ammont tal-ass ta' prefinanzjament jitnaqqas (b'mod sħiħ jew parzjali) bl-aċċettazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli u l-ammonti mroddija lura.

Ftit żmien wara l-pagament tal-prefinanzjament, tasal pretensjoni ta' kost mill-korp rilevanti tal-UE sabiex tiġġustifika kif il-benefiċjarju nefaq l-ammont ta' prefinanzjament skont l-impenn legali. Ir-ritmu ta' dawn il-pretensjonijiet ta' kost mibgħuta matul is-sena jvarja skont it-tip ta' azzjoni li tkun qiegħda tiġi ffinanzjata u l-kundizzjonijiet, u mhux bilfors jaslu fi tmiem is-sena.

Il-kriterji ta' eliġibilità huma definiti fl-att bażiku, fis-sejħiet għal proposta, f'dokumenti informattivi oħrajn għal benefiċjarji ta' għotjiet u/jew fil-klawżoli kuntrattwali tal-ftehimiet ta' għoti jew fid-deċiżjoni ta' għoti. Wara l-analiżi, l-ammonti eliġibbli jittieħdu fl-ispejjeż u l-benefiċjarju jkun mgħarraf dwar kwalunkwe ammonti mhux eliġibbli.

4. ATTIVITAJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF

Permezz tal-atti bażiċi li ġejjin mit-Trattat tal-UE, l-UE għandha s-setgħa li tadotta programmi ta' teħid b'self sabiex timmobilizza r-riżorsi finanzjarji neċessarji sabiex taġti assistenza finanzjarja lil Stati Membri u dawk li mhumiex Stati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li taġixxi f'isem l-UE, bħalissa topera tliet programmi ewlenin, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM), il-Bilanċ tal-ħlasijiet (BOP) u l-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA), li bihom tista' taġti self u tiffinanzjahom billi toħroġ

strumenti tad-dejn fis-swieq kapitali jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji. Peress li l-fondi miġbura huma operazzjonijiet dahar ma' dahar, ma hemm l-ebda impatt dirett fuq il-baġit tal-UE, madankollu, minn perspettiva legali, is-servizz tad-dejn tat-teħid b'self jibqa' l-obbligu tal-UE.

5. PROTEZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE: KORREZZJONIJET FINANZJARJI U RKUPRI

Ir-Regolament Finanzjarju u leġislazzjoni oħra applikabbli, b'mod partikolari dik li tikkonċerna l-agrikoltura u l-politika ta' koeżjoni, jagħtu d-dritt li jsiru verifiki fuq in-nefqa sa ħafna snin wara li tkun saret. Meta jinstabu żbalji, irregolaritajiet jew frodi, jiġu applikati rkupri jew korrezzjonijiet finanzjarji. Is-sejba ta' żbalji, irregolaritajiet jew frodi u t-tiswija tagħhom huma l-aħħar stadju fit-tħaddim tas-sistemi ta' kontroll, u huma essenzjali sabiex tintwera ġestjoni finanzjarja tajba.

Fil-każ ta' għotjiet, l-eliġibilità tan-nefqa debitata lill-baġit hija verifikata mis-servizzi rilevanti tal-UE, jew fil-każ ta' ġestjoni kondiviża, mill-Istati Membri, fuq il-bażi tad-dokumenti ta' prova stipulati fil-leġislazzjoni applikabbli jew fil-kundizzjonijiet ta' kull għotja. Bil-għan li tiġi ottimizata r-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tas-sistemi ta' kontroll, il-verifiki fuq id-dokumenti ta' prova għall-pretensjonijiet finali fil-ġestjoni diretta ċentralizzata għandhom tendenza li jkunu aktar intensi minn dawk fuq pretensjonijiet interim, u b'hekk jistgħu jsibu żbalji f'pagamenti interim li jiġu kkoreġuti bl-aġġustament tal-pagament finali. Barra minn hekk, l-UE u/jew l-Istat Membru għandhom l-obbligu li jivverifikaw l-integrità assoluta tad-dokumenti ta' prova billi jagħmlu verifiki fil-bini tal-pretendent, matul l-implimentazzjoni tal-azzjoni finanzjarja u/jew wara (ex-post). Hemm bosta proċeduri previsti fil-leġislazzjoni applikabbli għall-proċess ta' ttrattar tal-iżbalji, l-irregolaritajiet jew il-frodi misjuba mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri – fin-nota 6 tar-rapporti finanzjarji hija inkluża informazzjoni aktar dettaljata.

6. RAPPORTAR FINANZJARJU

Il-kontijiet annwali tal-UE jinvolvu żewġ partijiet separati iżda marbuta ma' xulxin:

- (a) Rapporti finanzjarji.
- (b) Rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, li jipprovdu rekord dettaljat tal-implimentazzjoni tal-baġit.

Il-kontijiet annwali huma adottati mill-Kummissjoni u ppreżentati lill-Qorti tal-Awdituri għall-awditjar u finalment lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill bħala parti mill-proċess ta' kwittanza.

Minbarra r-rapportar annwali ta' hawn fuq, jitħejjew ukoll rapporti ta' kull xahar dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

6.1 Rapporti finanzjarji

Hija r-responsabilità tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni li jħejji r-rapporti finanzjarji tal-UE u li jiżgura li jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finali, ir-risultat tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tal-UE fl-aspetti materjali kollha. Dawn jifasslu skont ir-Regoli tal-Kontabilità tal-UE li huma bbażati fuq l-Istandards Kontabilistiċi Internazzjonali tas-Settur Pubbliku (IPSAS). Għal aktar informazzjoni, ara n-nota 1 tar-rapporti finanzjarji.

6.2 Kontijiet baġitarji

Hija r-responsabilità tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni li jħejji r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit kemm fuq bażi ta' kull xahar kif ukoll annwali. Huwa biss il-baġit tal-Kummissjoni li fiha approprijazzjonijiet amministrattivi u approprijazzjonijiet operatorji. L-Istituzzjonijiet l-oħrajn għandhom approprijazzjonijiet amministrattivi biss. Barra minn hekk, il-baġit jagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' approprijazzjoni: approprijazzjonijiet mhux differenzjati u approprijazzjonijiet differenzjati. Approprijazzjonijiet mhux differenzjati jintużaw biex jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' natura annwali (li jikkonformaw mal-prinċipju ta' annwalità). Approprijazzjonijiet differenzjati ddaħħlu sabiex jirrikonċiljaw il-prinċipju ta' annwalità mal-bżonn li jiġu ġestiti operazzjonijiet pluriennali. Huma maħsuba sabiex ikopru primarjament operazzjonijiet pluriennali. Approprijazzjonijiet differenzjati jinqasmu f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament:

- **approprijazzjonijiet ta' impenn:** ikopru l-ispiża totali tal-obbligi legali meħuda għas-sena finanzjarja attwali għal operazzjonijiet mifruxa fuq għadd ta' snin. Madankollu, l-impenni baġitarji għal azzjonijiet li jstgħdu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jstgħdu jiġu disaggregati fuq bosta snin f'pagamenti akkont annwali.

- **approprjazzjonijiet ta' pagament:** ikopru nefqa li ġejja minn impenji meħuda fis-sena finanzjarja attwali u/jew fi snin finanzjarji preċedenti.

Bl-introduzzjoni ta' approprjazzjonijiet differenzjati, żviluppat lakuna bejn l-impenji meħuda u l-pagamenti li saru: din il-lakuna, li tikkorrispondi għal impenji pendenti, tirrappreżenta d-dewmien bejn meta jittieħdu l-impenji u meta jsiru l-pagamenti korrispondenti. Dan huwa magħruf bħala r-RAL ("Reste à Liquider").

7. AWDITJAR U KWITTANZA

7.1 Awditjar

Il-kontijiet annwali u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-UE huma awditjati mill-awditur estern tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li tfassal rapport annwali għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Il-kompitu ewlieni tal-Qorti huwa li twettaq awditjar estern u indipendenti tal-kontijiet annwali tal-UE. Bħala parti mill-attivitajiet tagħha, il-Qorti tal-Awdituri tipproduċi:

- (1) rapport annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mil-baġit ġenerali, b'dettalji dwar l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-kontijiet annwali u t-tranżazzjonijiet sottostanti;
- (2) opinjoni, ibbażata fuq l-awditjar tagħha u mogħtija fir-rapport annwali fil-forma ta' dikjarazzjoni ta' aċċertament, dwar (i) l-affidabilità tal-kontijiet u (ii) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti li jinvolvu kemm dħul miġbur minn persuni taxxabbli kif ukoll pagamenti lil benefiċjarji finali;
- (3) rapporti speċjali li juru s-sejbiet tal-awditjar li jkopri oqsma speċifiċi.

7.2 Kwittanza

L-aħħar pass taċ-ċiklu tal-ħajja ta' baġit huwa l-kwittanza tal-baġit għal sena finanzjarja partikolari. Il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità tal-kwittanza fi ħdan l-UE. Dan ifisser li wara l-awditjar u l-finalizzazzjoni tal-kontijiet annwali, huwa fidejn il-Kunsill li jirrakkomanda u mbaġhad fidejn il-Parlament Ewropew li jagħti kwittanza lill-Kummissjoni u korpi oħrajn tal-UE sabiex jimplementaw il-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja ta' qabel. Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq analiżi tal-kontijiet annwali, ir-rapport ta' evalwazzjoni annwali tal-Kummissjoni u r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri u t-tweġibiet tal-Kummissjoni, u anki wara mistoqsijiet u talbiet għal aktar informazzjoni lill-Kummissjoni.

Il-kwittanza tirrappreżenta l-aspett politiku tal-kontroll estern tal-implimentazzjoni tal-baġit u hija d-deċiżjoni li biha l-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, "jeħles" lill-Kummissjoni (u korpi oħrajn tal-UE) mir-responsabilità u l-ġestjoni ta' baġit partikolari billi timmarka tmiem l-eżistenza ta' dak il-baġit. Din il-proċedura ta' kwittanza tista' tipproduċi wieħed minn dawn it-tliet eżiti: l-ġhoti, il-posponiment jew iċ-ċaħda tal-kwittanza. Il-parti integrali tal-proċedura annwali ta' kwittanza baġitarja fil-Parlament Ewropew hija s-smiġħ mal-Kummissarji li jsirulhom mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew dwar l-oqsma politiċi taħt ir-responsabilità tagħhom. Ir-rapport finali ta' kwittanza inkluża talba speċifika lill-Kummissjoni għal azzjoni jiġi adottat fi Plenarja. Ir-rakkomandazzjoni ta' kwittanza tal-Kunsill hija adottata mill-ECOFIN. Kemm ir-rapport ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ta' kwittanza tal-Kunsill huma soġġetti għal rapport ta' segwitu li filh il-Kummissjoni tispjega l-azzjonijiet konkreti li ħadet biex timplimenta t-talbiet li saru mill-Parlament Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

PARTI I

RAPPORTI FINANZJARJI KKONSOLIDATI U NOTI TA' SPJEGA ⁽¹⁾**WERREJ**

	<i>Paġna</i>
Karta Bilanċjali	9
Rapport tal-Introjtu	10
Rapport tal-Fluss tal-Flus	11
Dikjarazzjoni tal-Bidliet fl-Assi Netti	12
Noti għar-Rapporti Finanzjarji:	13
1. Politiki Kontabilistiċi Importanti	13
2. Noti għall-Karta Bilanċjali	24
3. Noti għar-Rapport tal-Introjtu	45
4. Noti għar-Rapport tal-Fluss tal-Flus	56
5. Assi u Obbligazzjonijiet Kontinġenti u Divulgazzjonijiet Importanti Oħrajn	56
6. Protezzjoni tal-Baġit tal-UE	60
7. Mekkaniżmi għall-Appoġġ Finanzjarju	69
8. Ġestjoni tar-Riskju Finanzjarju	76
9. Divulgazzjonijiet dwar Partijiet Relatati	82
10. Avvenimenti wara d-Data tal-Karta Bilanċjali	84
11. Kamp ta' Applikazzjoni tal-Konsolidazzjoni	84

⁽¹⁾ Ta' min jinnota li minħabba t-tqarrib taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi dejta finanzjarja fit-tabelli ta' hawn taħt ma taqbilx fl-għadd finali.

KARTA BILANĊJALI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2012	31.12.2011
ASSI MHUX KURRENTI			
Assi intanġibbli	2.1	188	149
Proprjetà, impjant u tagħmir	2.2	5 978	5 071
Investimenti magħduda bl-użu tal-metodu tal-ekwità	2.3	392	374
Assi finanzjarji	2.4	62 311	43 672
Riċevibbli u rekuperabbli	2.5	564	289
Prefinanzjament	2.6	44 505	44 723
		113 938	94 278
ASSI KURRENTI			
Inventarji	2.7	138	94
Assi finanzjarji	2.8	1 981	3 721
Riċevibbli u rekuperabbli	2.9	14 039	9 477
Prefinanzjament	2.10	13 238	11 007
Flus u ekwivalenti ta' flus	2.11	10 674	18 935
		40 070	43 234
ASSI TOTALI		154 008	137 512
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI			
Pensjoni u benefiċċji oħrajn tal-impjegati	2.12	(42 503)	(34 835)
Provedimenti	2.13	(1 258)	(1 495)
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2.14	(57 232)	(41 179)
Obbligazzjonijiet oħrajn	2.15	(2 527)	(2 059)
		(103 520)	(79 568)
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Provedimenti	2.16	(806)	(270)
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2.17	(15)	(51)
Pagabbli	2.18	(90 083)	(91 473)
		(90 904)	(91 794)
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		(194 424)	(171 362)
ASSI NETTI			
Riżervi	2.19	4 061	3 608
Ammonti li għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri ⁽¹⁾	2.20	(44 477)	(37 458)
ASSI NETTI		(40 416)	(33 850)

(¹) Il-Parlament Ewropew adotta baġit fit-13 ta' Diċembru 2012 li jipprovdi għall-pagament tal-obbligazzjonijiet b'terminu qasir minn riżorsi proprji sabiex jinġabru mill-Istati Membri, jew jiġu prelevati minnhom fl-2013. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 kif emendat), l-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu b'mod konġunt l-obbligazzjoni għall-pensjonijiet.

RAPPORT TAL-INTROJTU

		<i>EUR miljuni</i>	
	Nota	2012	2011
DĦUL OPERATORJU			
Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet	3.1	130 919	124 677
Dħul operatorju ieħor	3.2	6 826	5 376
		137 745	130 053
SPEJJEŻ OPERATORJI			
Spejjeż amministrattivi	3.3	(9 320)	(8 976)
Spejjeż operatorji	3.4	(124 633)	(123 778)
		(133 953)	(132 754)
BILANĊ POŻITTIV/(NEGATTIV) MINN ATTIVITAJIET OPERATORJI			
Dħul finanzjarju	3.5	2 157	1 491
Spejjeż finanzjarji	3.6	(1 942)	(1 355)
Ċaqliq fl-obbligazzjoni ta' pensjoni u benefiċċji oħrajn tal-impjegati		(8 846)	1 212
Sehem tad-defiċit nett ta' impriżi konġunti u assoċjati	3.7	(490)	(436)
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA		(5 329)	(1 789)

RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS

EUR miljuni

	Nota	2012	2011
Riżultat ekonomiku tas-sena		(5 329)	(1 789)
Attivitajiet operatorji	4.2		
Amortizzament		39	33
Deprezzament		405	361
(Żieda)/tnaqqis fis-self		(16 062)	(27 692)
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli u rekuperabbli		(4 837)	1 605
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament		(2 013)	(1 534)
(Żieda)/tnaqqis fl-inventarji		(44)	(3)
Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti		299	234
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji		16 017	27 781
Żieda/(tnaqqis) f'obbligazzjonijiet oħrajn		468	(45)
Żieda/(tnaqqis) fil-pagabbli		(1 390)	6 944
Bilanċ pożittiv tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi flus		(1 497)	(4 539)
Ċaqliq ieħor mhux ta' flus		260	(75)
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjoni ta' pensjoni u benefiċċji tal-impjegati		7 668	(2 337)
Attivitajiet ta' investiment	4.3		
(Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u proprjetà, impjant u taġħmir		(1 390)	(693)
(Żieda)/tnaqqis fl-investimenti magħduda bl-użu tal-metodu tal-ekwità		(18)	118
(Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ		(837)	(1 497)
FLUSS TAL-FLUS NETT		(8 261)	(3 128)
Żieda/(tnaqqis) netti fil-flus u ekwivalenti ta' flus		(8 261)	(3 128)
Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena	2.11	18 935	22 063
Flus u ekwivalenti ta' flus fi tmiem is-sena	2.11	10 674	18 935

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLJET FL-ASSI NETTI

EUR miljuni

	Riżervi (A)		Ammonti li għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri (B)		Assi netti = (A) + (B)
	Riżerva ta' valur ġust	Riżervi oħrajn	Bilanċ Pożittiv/(Negattiv) Akkumulat	Riżultat ekonomiku tas-sena	
BILANĊ FIL-31.12.2010	(61)	3 545	(48 163)	17 232	(27 447)
Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija		165	(165)		0
Ċaqliq fil-valur ġust	(47)				(47)
Oħrajn		2	(30)		(28)
Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2010		4	17 228	(17 232)	0
Riżultat tal-baġit 2010 kreditat lill-Istati Membri			(4 539)		(4 539)
Riżultat ekonomiku tas-sena				(1 789)	(1 789)
BILANĊ FIL-31.12.2011	(108)	3 716	(35 669)	(1 789)	(33 850)
Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija		168	(168)		0
Ċaqliq fil-valur ġust	258				258
Oħrajn		21	(19)		2
Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2011		6	(1 795)	1 789	0
Riżultat tal-baġit 2011 kreditat lill-Istati Membri			(1 497)		(1 497)
Riżultat ekonomiku tas-sena				(5 329)	(5 329)
BILANĊ FIL-31.12.2012	150	3 911	(39 148)	(5 329)	(40 416)

NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI

1. POLITIKI KONTABILISTIĊI IMPORTANTI

1.1 BAŻI LEGALI U REGOLI DWAR IL-KONTABILITÀ

Il-kontijiet tal-Unjoni Ewropea (EU) jinżammu skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 ⁽¹⁾, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament Finanzjarju) u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 ⁽²⁾ li jstabilixxi regoli dettaljati ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju.

Skont l-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju, l-UE tħejji r-rapporti finanzjarji tagħha fuq il-bażi ta' regoli dwar il-kontabilità bbażata fuq id-dovuti li huma bbażati fuq l-Istandards Kontabilistiċi Internazzjonali tas-Settur Pubbliku (IPSAS). Dawn ir-regoli dwar il-kontabilità, adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, iridu jiġu applikati mill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni sabiex jiġi stabbilit sett uniformi ta' regoli għall-kontabilità, il-valwazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet bil-għan li jiġi armonizzat il-proċess għat-tfassil tar-rapporti finanzjarji u l-konsolidazzjoni. Il-kontijiet jinżammu f'Euro fuq il-bażi tas-sena kalendarja.

1.2 PRINĊIPI TAL-KONTABILITÀ

L-għan tar-rapporti finanzjarji huwa li jipprovdu informazzjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni u l-flussi tal-flus ta' entità li hija utli għal firxa wiesgħa ta' utenti. Għall-UE bħala entità tas-settur pubbliku, l-għanijiet huma b'mod aktar speċifiku sabiex jipprovdu informazzjoni utli għat-teħid ta' deċiżjonijiet, u sabiex tintwera r-responsabilità tal-entità għar-riżorsi inkarigati lilha. U huwa b'dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar l-għanijiet li tfassal dan id-dokument.

Il-kunsiderazzjonijiet ġenerali (jew prinċipji kontabilistiċi) li għandhom jiġu segwiti meta jithejju ir-rapporti finanzjarji huma stabbiliti fir-regola kontabilistika 2 tal-UE u huma l-istess bħal daww deskritti fl-IPSAS 1, jiġifieri: preżentazzjoni ġusta, bażi tad-dovuti, negozju avvjat, konsistenza tal-preżentazzjoni, aggregazzjoni, tpaċija u informazzjoni kumparattiva.

It-thejjja tar-rapporti finanzjarji skont ir-regoli u l-prinċipji msemmija hawn fuq teħtieġ li l-maniġment joħroġ stimi li jaffettwaw l-ammonti rrapportati ta' ċerti entrati fil-karta bilanċjali u rapport tal-introjtu, kif ukoll id-divulgazzjonijiet ta' assi u obligazzjonijiet kontinġenti.

1.3 KONSOLIDAZZJONI

Kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni

Ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-UE jinvolvu l-entitajiet (istituzzjonijiet u aġenziji) kontrollati importanti kollha, l-assoċjati u l-impriżi konġunti, li huma 51 entità kkontrollata, 5 impriżi konġunti u 4 assoċjati. Il-lista sħiħa ta' entitajiet ikkonsolidati hija indikata fin-nota **11.1**. Meta wieħed iqabbel mal-2011, il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni ġie estiż b'entità (aġenzija) ikkontrollata waħda. L-impatt taż-żidiet fuq ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati mhuwiex materjali.

Entitajiet ikkontrollati

Id-deċiżjoni ta' inklużjoni ta' entità fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni hija bbażata fuq il-kunċett ta' kontroll. L-entitajiet ikkontrollati kollha huma entitajiet li fuqhom l-UE għandha, b'mod dirett jew indirett, is-setgħa li tirregola l-politiki finanzjarji u operattivi sabiex tkun tista' tibbenefika mill-attivitajiet ta' dawn l-entitajiet. Din is-setgħa trid tkun eżerċitabbli minnufih. L-entitajiet ikkontrollati huma kkonsolidati bis-sħiħ. Il-konsolidazzjoni tibda fl-ewwel data li fiha jeżisti kontroll, u tintemm meta ma jibqax jeżisti dan il-kontroll.

⁽¹⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p 1.

⁽²⁾ ĠU L 362, 31.12.2012, p 1.

L-aktar indikaturi komuni ta' kontroll fi ħdan l-UE huma: il-ħolqien tal-entità permezz ta' trattati fundaturi jew leġiżlazzjoni sekondarja, il-finanzjament tal-entità mill-baġit ġenerali, l-eżistenza tad-drittijiet tal-vot fil-korpi ta' governanza, l-awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-kwittanza mill-Parlament Ewropew. Jidher biċ-ċar li hemm bżonn issir valutazzjoni għal kull entità sabiex jiġi deċiż dwar jekk kriterju minnhom jew il-kriterji kollha elenkati hawn fuq humiex biżżejjed biex jattivaw kontroll.

B'dan l-approċċ, l-istituzzjonijiet tal-UE (minbarra l-BĊE) u l-aġenziji (ħlief l-aġenziji ta' dak li kien it-tieni pilastru) jitqiesu li huma taħt il-kontroll eżekuttiv tal-UE u b'hekk huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni. Barra minn hekk, anki l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA) titqies bħala entità kkontrollata.

It-tranżazzjonijiet materjali interkorporattivi kollha u l-bilanċi bejn entitajiet ikkontrollati mill-UE huma eliminati, filwaqt li l-qligħ u t-telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn entitajiet mhumiex materjali u għaldaqstant ma ġewx eliminati.

Impriżi konġunti

Impriża konġunta hija ftehim kuntrattwali li fiha l-UE u parti oħra jew aktar (l-"imprendituri") iwettqu attività ekonomika li hija soġġetta għal kontroll konġunt. Il-kontroll konġunt huwa qsim maqbul b'kuntratt ta' kontroll, direttament jew indirettament, fuq attività li tinkorpora potenzjal ta' servizz.

Il-parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti jingħaddu billi jintuża l-metodu tal-ekwità rikonoxxut inizjalment daqs il-kost. L-interess tal-UE fir-riżultati tal-entitajiet ikkontrollati b'mod konġunt tagħha huwa rikonoxxut fir-rapport tal-introjt, u l-interess tagħha fiċ-ċaqliq fir-riżervi huwa rikonoxxut fir-riżervi. Il-kost inizjali flimkien maċ-ċaqliq kollu (kontribuzzjonijiet oħrajn, sehem tar-riżultati ekonomiċi u ċaqliq tar-riżerva, indebolimenti, u dividendi) jagħtu l-valur skont il-kotba tal-impriża konġunta fil-kontijiet fid-data tal-karta bilanċjali.

Il-qligħ u t-telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn l-UE u l-entitajiet ikkontrollati b'mod konġunt tagħha mhumiex materjali u għaldaqstant ma ġewx eliminati. Il-politiki kontabilistiċi tal-impriżi konġunti jistgħu jvarjaw min dawk adottati mill-UE għal tranżazzjonijiet simili u avvenimenti f'ċirkostanzi simili.

Assoċjati

L-assoċjati huma entitajiet li fuqhom l-EU għandha, b'mod dirett jew indirett, influwenza importanti iżda mhux kontroll. Wieħed jassumi li tingħata influwenza importanti jekk l-UE jkollha b'mod dirett jew indirett 20 % jew aktar mid-drittijiet tal-vot.

Il-parteċipazzjonijiet f'assoċjati jingħaddu billi jintuża l-metodu tal-ekwità, fil-bidu rikonoxxut daqs il-kost. Is-sehem tal-UE mir-riżultati tal-assoċjati tagħha huwa rikonoxxut fir-rapport tal-introjt, u s-sehem tagħha taċ-ċaqliq fir-riżervi huwa rikonoxxut fir-riżervi. Il-kost inizjali flimkien maċ-ċaqliq kollu (kontribuzzjonijiet oħrajn, sehem tar-riżultati ekonomiċi u ċaqliq tar-riżerva, indebolimenti, u dividendi) jagħtu l-valur skont il-kotba tal-impriża konġunta fil-kontijiet fid-data tal-karta bilanċjali. Id-distribuzzjonijiet irċevuti minn assoċjat inaqqsu l-ammont riportat tal-ass. Il-qligħ u t-telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn l-UE u l-assoċjati tagħha mhumiex materjali u għaldaqstant ma ġewx eliminati.

Il-politiki kontabilistiċi tal-assoċjati jistgħu jvarjaw minn dawk adottati mill-UE għal tranżazzjonijiet simili u avvenimenti f'ċirkostanzi simili. F'każijiet li fihom l-UE jkollha 20 % jew aktar minn fond kapitali tal-investment, ma tfitix li teżerċita influwenza importanti. Għalhekk, dawn il-fondi huma trattati bħala strumenti finanzjarji u huma kategorizzati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

Entitajiet mhux ikkonsolidati li l-fondi tagħhom huma ġestiti mill-Kummissjoni

Il-fondi tal-Iskema tal-Assigurazzjoni tal-Mard għall-persunal tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipant huma mmexxija mill-Kummissjoni fisimhom, madankollu, peress li dawn l-entitajiet mhumiex ikkontrollati mill-UE, dawn mhumiex ikkonsolidati fil-kontijiet tagħha – ara n-nota 11.2 għal aktar dettalji dwar l-ammonti kkonċernati.

1.4 BAŻI TAT-THEJJJA

1.4.1 Munita u bażi għall-konverżjoni

Munita funzjonali u tar-rapportar

Ir-rapporti finanzjarji huma ppreżentati f'miljuni ta' euro, bl-euro li hija l-munita funzjonali u ta' rapportar tal-UE.

Tranżazzjonijiet u bilanċi

Tranżazzjonijiet f'munita barranin jinqelbu f'euro billi jintużaw ir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet. Il-qlich u t-telf tal-kambju li jirriżultaw mis-saldu ta' tranżazzjonijiet f'munita barranin u mill-qlich bir-rati tal-imgħax fi tmiem is-sena ta' assi u obligazzjonijiet monetarji denominati f'munita barranin huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

Metodi ta' konverżjoni differenti japplikaw għal proprjetà, impjant u tagħmir u assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom f'euro bir-rata li tkun ġiet applikata fid-data meta nxtraw.

Il-bilanċi ta' tmiem is-sena ta' assi u obligazzjonijiet monetarji denominati f'munita barranin jinbidlu f'euro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju li japplikaw fil-31 ta' Diċembru:

Rati tal-Kambju tal-EURO

Munita	31.12.2012	31.12.2011
BGN	1,9558	1,9558
CZK	25,1510	25,7870
DKK	7,4610	7,4342
GBP	0,8161	0,8353
HUF	292,3000	314,5800
LVL	0,6977	0,6995
LTL	3,4528	3,4528
PLN	4,0740	4,4580
RON	4,4445	4,3233
SEK	8,5820	8,9120
CHF	1,2072	1,2156
JPY	113,6100	100,2000
USD	1,3194	1,2939

Bidliet fil-valur għust tal-istrumenti finanzjarji monetarji denominati f'munita barranija u kklassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ li huma relatati ma' differenza fil-qlich huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu. Id-differenzi fil-qlich fuq assi finanzjarji u obligazzjonijiet mhux monetarji miżmuma b'valur għust permezz ta' profitt jew telf huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu. Id-differenzi fil-qlich fuq strumenti finanzjarji mhux monetarji kklassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ huma inklużi fir-riżerva ta' valur għust.

1.4.2 Użu ta' stimi

Skont IPSAS u prinċipji kontabilistiċi aċċettati b'mod ġenerali, ir-rapporti finanzjarji bilfors jinkludu ammonti bbażati fuq stimi u suppożizzjonijiet mill-maniġment ibbażati fuq l-aktar informazzjoni affidabbli għad-dispożizzjoni. Stimi importanti jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, ammonti għal obligazzjonijiet ta' benefiċċju tal-impjegati, provvedimenti, riskju finanzjarju fuq inventarji u riċievibbli tal-kontijiet, dħul u allokazzjonijiet dovuti, assi u obligazzjonijiet kontinġenti, u l-grad ta' indeboliment ta' assi intanġibbli u proprjetà, impjant u tagħmir. Ir-riżultati reali jistgħu jvarjaw minn dawk l-istimi. Il-bidliet fl-istimi huma riflessi fil-perjodu li fih ikunu magħrufa.

1.5 KARTA BILANĊJALI

1.5.1 Assi intanġibbli

Il-liċenzji tal-kompjuter mixtrija huma ddikjarati bil-kost storiku li minnu jitnaqqas it-telf akkumulat minn amortizzament u indeboliment. L-assi huma amortizzati fuq bażi lineari fuq il-ħajjiet utli stmati tagħhom. Assi intanġibbli żviluppati internament huma kapitalizzati meta jkunu ssodisfati l-kriterji rilevanti tar-regoli kontabilistiċi tal-UE. Il-kostijiet kapitalizzabbli jinkludu l-ispejjeż direttament attribwibbli kollha neċessarji sabiex jinħoloq, jiġi prodott u jitħejja l-ass sabiex ikun jista' jopera bil-mod maħsub mill-maniġment. Il-kostijiet assoċjati mal-attivitajiet ta' riċerka, kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzabbli u kostijiet ta' manutenzjoni huma rikonoxxuti bħala kostijiet kif sostnuti.

1.5.2 Proprjetà, impjant u tagħmir

Il-proprjetajiet, l-impjanti u t-tagħmir kollu huwa ddikjarat bil-kost storiku li minnu jitnaqqas it-telf akkumulat minn deprezzament u indeboliment. Il-kost storiku jinkludi n-nefqa li hija direttament attribwibbli għax-xiri jew il-bini tal-ass.

Il-kostijiet sussegwenti huma inklużi fl-ammont riportabbli tal-ass jew rikonoxxuti bħala ass separat, kif xieraq, biss meta jkun probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi fil-ġejjieni jew il-potenzjal tas-servizz assoċjat mal-entrata sejrjn imorru lejn l-UE u l-kost tiegħu jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Il-kostijiet ta' tiswija u manutenzjoni huma debitati lir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu finanzjarju li jseħħu fih.

Art u opri tal-arti mhumiex deprezzati peress li jitqiesu li għandhom ħajja utli indefinita. L-assi li qegħdin jinbnew mhumiex deprezzati peress li dawn l-assi għandhom mhumiex disponibbli sabiex jintużaw. Id-deprezzament fuq assi oħrajn huwa kkalkolat billi jintuża l-metodu tal-linja dritta sabiex il-kost tagħhom jiġu allokat għall-valuri residwi tagħhom matul il-ħajjiet utli stmati tagħhom, kif ġej:

Tip ta' ass	Rata ta' deprezzament lineari
Bini	4 %
Impjant, makkinarju u tagħmir	10 % sa 25 %
Għamara	10 % sa 25 %
Partijiet fissi u fittings	10 % sa 33 %
Vetturi	25 %
Hardwer tal-kompjuter	25 %
Assi tanġibbli oħrajn	10 % sa 33 %

Il-qligħ u t-telf fuq disponimenti huma ddeterminati billi jitqabbel ir-rikavat neqes l-ispejjeż tal-bejgħ mal-ammont riportat tal-ass dispost u huma inklużi fir-rapport tal-introjtu.

Kirjiet

Il-kirjiet ta' assi tanġibbli, meta l-UE jkollha sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjeda, huma klassifikati bħala kirjiet finanzjarji. Il-kirjiet finanzjarji huma kapitalizzati fil-bidu tal-kirja bl-inferjuri tal-valur ġust tal-ass mikri u l-valur preżenti tal-pagamenti minimi tal-kirja. Kull pagament tal-kirja huwa allokat bejn l-allokkazzjonijiet tal-obbligazzjoni u finanzjarji sabiex tinkiseb rata kostanti fuq il-bilanċ fnianzarju pendenti. L-obbligi tal-kirja, netti mill-ħlasijiet finanzjarji, huma inklużi f'obbligazzjonijiet oħrajn (mhux kurrenti u kurrenti). L-element tal-imgħax tal-kost tal-finanzjament huwa ddebitat lir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu tal-kirja sabiex tiġi prodotta rata tal-imgħax perjodika kostanti fuq il-bilanċ li jifdal tal-obbligazzjoni għal kull perjodu. L-assi miżmuma taħt kirjiet finanzjarji huma deprezzati matul l-iqsar ħajja utli tal-assi u t-terminu tal-kirja.

Kirjiet li fihom il-lokatur iżomm sehem importanti tar-riskji u l-benefiċċji inerenti għas-sjeda huma klasifikati bħala kirjiet operatorji. Il-ħlasijiet li jsiru skont kirjiet operatorji huma ddebitati lir-rapport tal-introjtu fuq bażi lineari tul il-perjodu tal-kirja.

1.5.3 *Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji*

L-assi li għandhom ħajja utli indefinita mhumiex soġġetti għal amortizzament/deprezzament u huma ttestjati kull sena għal indeboliment. L-assi li huma soġġetti għal amortizzament/deprezzament huma riveduti għal indeboliment kull meta avvenimenti jew bidliet fiċ-ċirkostanzi jindikaw li l-ammont riportat jista' ma jkunx rekuperabbli. Telf minn indeboliment huwa rikonoxxut għall-ammont li bih l-ammont riportat tal-ass jaqbeż l-ammont rekuperabbli tiegħu. L-ammont rekuperabbli huwa l-ogħla ta' valur ġust ta' ass li minnu jitnaqqsu l-kostijiet biex jinbiegħ u l-valur tiegħu fl-użu.

Il-valuri residwi u l-ħajjiet utli ta' assi intanġibbli u proprjetà, impjant u tagħmir huma riveduti u, jekk ikun hemm bżonn, aġġustati tal-anqas darba fis-sena. Ammont riportat ta' ass jitniżżel fil-valur minnufih għall-ammont rekuperabbli tiegħu jekk l-ammont riportat tal-ass huwa akbar mill-ammont rekuperabbli stmat tiegħu. Jekk ir-raġunijiet għall-indebolimenti rikonoxxuti fis-snin preċedenti ma jibqgħux japplikaw, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura kif xieraq.

1.5.4 *Investimenti*

Parteċipazzjonijiet f'Assoċjati u Impriżi Konġunti

Il-parteċipazzjonijiet f'assoċjati u impriżi konġunti jingħaddu billi jintuża l-metodu tal-ekwità. Il-kostijiet tal-ekwità huma aġġustati biex jirriflettu s-sehem taż-żidiet jew it-tnaqqis fl-assi netti tal-assoċjati u l-impriżi konġunti li huma attribwibbli għall-UE wara rikonoxximent inizjali jekk hemm indikazzjonijiet ta' indeboliment u jitniżżlu fil-valur sal-anqas ammont rekuperabbli jekk ikun meħtieġ. L-ammont rekuperabbli huwa ddeterminat kif spjegat f'**1.5.3**. Jekk ir-raġuni għall-indeboliment ma tibqax tapplika f'data aktar tard, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura għall-ammont riportat li kien ikun determinat li kieku ma ġie rikonoxxut l-ebda telf minn indeboliment.

Investimenti f'Fondi tal-Kapital ta' Riskju

Investimenti f'Fondi tal-Kapital ta' Riskju huma kklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ (ara **1.5.5**) u b'hekk, huma riportati bil-valur ġust bil-qligħ u t-telf li ġej minn bidliet fil-valur ġust (inklużi differenzi tal-qlib) rikonoxxuti fir-riżerva ta' valur ġust.

Peress li ma għandhomx prezz tas-suq ikkwotat f'suq attiv, l-investimenti fil-Fondi tal-Kapital ta' Riskju huma vvalutati fuq bażi ta' linja b'linja bl-anqas spiża jew valur nett attribwibbli tal-assi ("NAV"). Qligħ mhux realizzat li ġej mill-kejl tal-valur ġust huwa rikonoxxut permezz ta' riżervi u telf mhux realizzat huwa valutat għal indeboliment sabiex jiġi ddeterminat jekk huwiex rikonoxxut bħala telf minn indeboliment fir-rapport tal-introjt jew bħala bidliet fir-riżerva ta' valur ġust.

1.5.5 *Assi finanzjarji*

Klassifikazzjoni

L-UE tikklassifika l-assi finanzjarji tagħha fil-kategoriji li ġejjin: assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' profit jew telf; telf u riċevibbli; investimenti miżmuma sal-maturità; u assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ. Il-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji hija ddeterminata bir-ikonoxximent inizjali u terġa' tiġi evalwata f'kull data tal-karta bilanċjali.

(i) Assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' profit jew telf

Ass finanzjarju huwa kklassifikat f'din il-kategorija jekk dan jinxtara primarjament għall-fini ta' bejgħ fit-terminu qasir jew jekk hekk tkun għażlet l-UE. Anki d-derivati huma kategorizzati f'din il-kategorija. L-assi f'din il-kategorija huma klassifikati bħala assi kurrenti jekk huma mistennija jkunu realizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta bilanċjali.

(ii) Self u riċevibbli

Is-self u riċevibbli huma assi finanzjarji mhux derivati b'pagamenti fissi jew determinabbli li mhumiex ikkwotati f'suq attiv. Ifeġġu meta l-UE tipprovdri flus, prodotti jew servizzi direttament lil debitur bla intenzjoni ta' negozjar tar-riċevibbli. Huma inklużi fl-assi mhux kurrenti, ħlief għal maturitajiet fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta bilanċjali.

(iii) *Investimenti miżmuma sal-maturità*

L-investimenti miżmuma sal-maturità huma assi finanzjarji mhux derivati b'pagamenti fissi jew determinabbli u maturitajiet fissi li l-UE għandha l-intenzjoni u l-ħila pożittiva li żżomm sal-maturità. Matul din is-sena finanzjarja, l-UE ma żammitx xi investiment f'din il-kategorija.

(iv) *Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ*

L-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma mhux derivati li jew jitqiegħdu f'din il-kategorija jew inkella mhumiex klassifikati f'xi waħda mill-kategoriji l-oħrajn. Huma klassifikati jew bħala assi kurrenti jew inkella assi mhux kurrenti, skont il-perjodu ta' żmien li fih l-UE tistenna li tid-disponi minnhom, li normalment ikun il-maturità li jkun fadal fid-data tal-karta bilanċjali. Anki investimenti f'entitajiet mhux ikkonsolidati u investimenti oħrajn tal-ekwiżità (eż. Operazzjonijiet tal-Kapital ta' Riskju) li mhumiex magħduda billi jintuża l-metodu tal-ekwiżità huma kklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

Kejl u rikonoxximent inizjali

Ix-xirjiet jew il-bejgħ ta' assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, miżmuma sal-maturità u disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti fid-data tan-negożju – id-data li fiha l-UE tieħu l-impenn li tixtri jew tbiegħ l-ass. Is-self huwa rikonoxxut meta l-flus ikunu avvanzati lill-mutwatarji. L-istrumenti finanzjarji huma inizjalment rikonoxxuti bil-valur ġust. Għall-assi finanzjarji kollha mhux riportati bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, jiżdedu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet mal-valur ġust fir-rikonoxximent inizjali. L-assi finanzjarji riportati bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf huma inizjalment rikonoxxuti bil-valur ġust u kostijiet tat-tranżazzjoni jiġu ddebitati fir-rapport tal-introjt.

Normalment, il-valur ġust ta' ass finanzjarju fir-rikonoxximent huwa l-prezz tat-tranżazzjoni (jiġifieri l-valur ġust tal-konsiderazzjoni riċevuta). Madankollu, meta jingħata self fit-tul li ma jkollu ebda mgħax jew imgħax taħt il-kundizzjonijiet tas-suq, il-valur ġust tiegħu jista' jkun stmat bil-valur preżenti tar-riċevuti ta' flus kollha fil-ġejjieni skontati billi tintuża r-rata tal-imgħax tas-suq prevalenti għal strument simili bi klassifikazzjoni tal-kreditu simili.

Self mogħti fuq fondi meħuda b'self jitkejjel bl-ammont nominali tiegħu, li jitqies li huwa l-valur ġust tas-self. Ir-raġunament għal dan huwa kif ġej:

- L-“ambjent tas-suq” għall-għoti b'self mill-UE huwa ferm speċifiku u differenti mis-suq kapitali użat biex jinħarġu bonds kummerċjali jew tal-gvern. Peress li l-mutwanti f'dawn is-swieq għandhom l-opportunità li jagħżlu investimenti alternattivi, il-possibilità ta' opportunità tiddaħħal fil-kalkolu tal-prezzijiet tas-suq. Madankollu, din l-opportunità għal strumenti alternattivi ma teżistix għall-UE li mhijiex awtorizzata tinvesti flus fis-swieq kapitali; tieħu biss b'self fondi għall-fini ta' għoti b'self bl-istess rata. Dan ifisser li ma hemm l-ebda għażla alternattiva ta' għoti b'self jew investiment disponibbli għall-UE għas-somom meħuda b'self. B'hekk, ma hemm l-ebda kost ta' opportunità mitlufa u għalhekk ma hemmx bażi ta' paragun mar-rati tas-suq. Fil-fatt, l-operazzjoni nnifisha ta' għoti b'self tal-UE tirrappreżenta s-suq. Essenzjalment, peress li l-“għażla” tal-kost ta' opportunità mitlufa mhijiex applikabbli, il-prezz tas-suq ma jirriflettix b'mod ġust is-sustanza tat-tranżazzjonijiet ta' għoti b'self tal-UE. Għaldaqstant, mhuwiex xieraq li jiġi ddeterminat il-valur ġust tal-għoti b'self tal-UE b'referenza għal bonds kummerċjali jew tal-gvern.
- Barra minn hekk, peress li ma hemm l-ebda suq attiv jew tranżazzjonijiet simili ma' xiex isir paragun, ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża mill-UE għas-sejbien tal-valur ġust għall-operazzjonijiet ta' għoti b'self tagħha skont l-EFSM, il-BOP u self ieħor bhā dawn, għandha tkun ir-rata tal-imgħax mitluba.
- Barra minn hekk, għal dan is-self, hemm effetti kumpensatorji bejn l-għoti u t-teħid b'self minħabba l-karattru ta' dahar ma' dahar tagħhom. B'hekk, l-imgħax effettiv għas-self huwa daqs ir-rata effettiva tal-imgħax għat-teħid b'self relatat. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni sostnuti mill-UE li mbagħad jergħu jintalbu lill-benefiċjarju tas-self huma rikonoxxuti direttament fir-rapport tal-introjt.

Ir-rikonoxximent tal-istrumenti finanzjarji jiġi rtirat meta jiskadu jew jiġu ttrasferiti d-drittijiet ta' riċevuta tal-flussi ta' flus mill-investimenti u l-UE tkun ittrasferixxiet b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji tas-sjeda kollha.

Kejl sussegwenti

- (i) Imbagħad, l-assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf jiġu riportati bil-valur ġust. Qligħ u telf li ġej minn bidliet fil-valur ġust tal-kategorija ta' 'strumenti finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf huma inklużi fir-rapport tal-introjtu fil-perjodu li jseħħu fih.
- (ii) Is-self u r-riċevibbli u l-investimenti miżmuma sal-maturità huma riportati bil-kost amortizzat billi jintuża l-metodu effettiv tal-imgħax. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi meħuda b'self, l-istess rata effettiva tal-imgħax tkun applikata kemm għall-ġħoti kif ukoll għat-teħid b'self peress li dan is-self ikollu l-karatteristiċi ta' 'operazzjonijiet dahar ma' dahar' u d-differenzi bejn is-self u l-kundizzjonijiet u l-ammonti tal-ġħoti b'self mhumiex materjali. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni sostnuti mill-UE li mbagħad jergħu jintalbu lill-benefiċjarju tas-self huma rikonoxxuti direttament fir-rapport tal-introjtu.
- (iii) Miżmuma sal-maturità – bħalissa l-UE mhijiex iżżomm l-ebda investimenti miżmuma sal-maturità.
- (iv) Imbagħad, l-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ jiġu riportati bil-valur ġust. Il-qligħ u t-telf li ġejjin minn bidliet fil-valur ġust tal-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti fir-riżerva ta' valur ġust. Meta l-assi kklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ jinbiegħu jew ikunu danneġġati, l-aġġustamenti kumulattivi fil-valur ġust li qabel kienu rikonoxxuti fir-riżerva ta' valur ġust huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu. L-imgħax fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ ikkalkolat billi jintuża l-metodu tal-imgħax effettiv huwa rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu. Id-dividendi fuq strumenti azzjonarji disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti meta jiġi stabbilit id-dritt li l-UE tirċievi pagament.

Il-valuri ġusti ta' investimenti kkwotati fi swieq attivi huma bbażati fuq prezzijiet tal-offerta attwali. Jekk is-suq għal ass finanzjarju ma jkunx attiv (u għal titoli mhux ikkwotati), l-UE tistabbilixxi valur ġust billi tuża tekniki ta' valwazzjoni. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet distakkati riċenti, referenza għal strumenti oħrajn li sostanzjalment huma l-istess, analiżi tal-fluss tal-flus skontat, mudelli tal-ipprezzar tal-opzjoni u tekniki ta' valwazzjoni oħrajn użati spiss mill-parteciċipanti fis-suq.

F'każijiet li fihom il-valur ġust tal-investimenti fi strumenti azzjonarji li ma għandhomx prezz tas-suq ikkwotat f'suq attiv ma jistax jitkejjel b'mod affidabbli, dawn l-investimenti jiġu valwati bil-kost li minnu jtnaqqas it-telf minn indeboliment.

Indeboliment ta' assi finanzjarji

L-UE tivvaluta f'kull data tal-karta bilanċjali jekk hemmx evidenza oġġettiva li ass finanzjarju huwa indebolit. Ass finanzjarju jkun indebolit u telf minn indeboliment ikun sostnut jekk, u biss jekk, hemm evidenza oġġettiva ta' indeboliment minħabba avveniment wieħed jew aktar li seħħew wara r-rikonoxximent inizjali tal-ass u li l-avveniment (jew avvenimenti) ta' telf għandu impatt fuq il-flussi tal-flus stmati fil-ġejjieni tal-ass finanzjarji li jstgħu jiġu stmati b'mod affidabbli.

(a) Assi riportati bil-kost amortizzat

Jekk hemm evidenza oġġettiva li ġie sostnut telf minn indeboliment fuq self u riċevibbli jew investimenti miżmuma sal-maturità riportati bil-kost amortizzat, l-ammont tat-telf jitkejjel bħala d-differenza bejn l-ammont riportat tal-ass u l-valur preżenti tal-flussi ta' flus stmati fil-ġejjieni (eskluż telf ta' kreditu fil-ġejjieni li ma ġiex sostnut) skontat bir-rata effettiva oriġinali tal-imgħax tal-ass finanzjarju. L-ammont riportat tal-ass jtnaqqas u l-ammont tat-telf huwa rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu. Jekk self jew investiment miżmum sal-maturità jkollu rata tal-imgħax varjabbli, ir-rata tal-iskont għall-kejl ta' kwalunkwe telf minn indeboliment hija r-rata effettiva tal-imgħax kurrenti determinata bil-kuntratt. Il-kalkolu tal-valur preżenti tal-flussi ta' flus stmati fil-ġejjieni ta' ass finanzjarju kollateralizzat jirrifletti l-flussi ta' flus li jstgħu jirriżultaw minn esklużjoni li minnhom jtnaqqsu l-kostijiet għall-kisba u l-bejgħ tal-kollateral, kemm jekk esklużjoni hija probabbli kif ukoll jekk mhijiex. Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minn indeboliment jonqos u t-tnaqqis jista' jkun relatat b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara r-rikonoxximent tal-indeboliment, it-telf minn indeboliment rikonoxxut qabel jitreggħa' lura permezz tar-rapport tal-introjtu.

(b) *Assi riportati bil-valur ġust*

Fil-każ ta' investimenti ta' ekwità kklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, tnaqqis importanti jew permanenti (imtawwal) fil-valur ġust tat-titolu taħt il-kost tiegħu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni ta' jekk it-titoli humiex indeboliti. Jekk tkun teżisti xi evidenza bħal din għal assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, it-telf kumulattiv – imkejjel bħala d-differenza bejn il-kost ta' akkwiżizzjoni u l-valur ġust attwali, li minnha jitnaqqas kwalunkwe telf minn indeboliment fuq dak l-ass finanzjarju rikonoxxut qabel fir-rapport tal-introjtu – jitnaqqas mir-riżervi u jkun rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu. Telf minn indeboliment rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu fuq strumenti azzjonarji ma jitreġġax lura permezz tar-rapport tal-introjtu. Jekk, f'perjodu sussegwenti, jiżdied il-valur ġust ta' strument tad-dejn klassifikat bħala ass finanzjarju disponibbli għall-bejgħ u ż-żieda tista' tkun relatata b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara li jkun ġie rikonoxxut it-telf minn indeboliment, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura permezz tar-rapport tal-introjtu.

1.5.6 *Inventarji*

L-inventarji huma ddikjarati bl-anqas fost il-kost u l-valur nett realizzabbli. Il-kost huwa ddeterminat billi jintuża l-metodu ta' joħroġ li daħal l-ewwel (FIFO). Il-kost tal-prodotti lesti u xogħol fl-idejn jinvolvi l-materja prima, ix-xogħol dirett, kostijiet oħrajn direttament attribwibbli u spejjeż ġenerali relatati mal-produzzjoni (ibbażati fuq kapaċità operattiva normali). Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz tal-bejgħ stmat fil-perkors normali tan-negozju, li minnu jitnaqqas l-kostijiet tat-tlestija u l-ispejjeż tal-bejgħ. Meta jinżammu inventarji għad-distribuzzjoni bla ħlas jew għal allokkazzjoni nominali, dawn jitkejlu bl-anqas fost il-kostijiet u l-anqas kostijiet ta' sostituzzjoni attwali. Il-kost ta' sostituzzjoni attwali huwa l-kost li l-UE ssostni biex tikseb l-ass fid-data ta' rapportar.

1.5.7 *Ammonti tal-prefinanzjament*

Il-prefinanzjament huwa pagament maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju b'pagament fi flus bil-quddiem, jiġifieri float. Jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Il-float jew il-pagament bil-quddiem jitħallas lura jew jintuża għall-fini li għalih ġie pprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim. Jekk il-benefiċjarju ma jsostnix l-ispejjeż eliġibbli, għandu l-obbligu li jrodd lura l-pagament ta' prefinanzjament fi flus bil-quddiem lill-UE. L-ammont ta' prefinanzjament jitnaqqas (b'mod sħiħ jew parzjali) bl-aċċettazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli (li huma rikonoxxuti bħala spiża) u l-ammonti mroddja lura.

Fi tmiem is-sena, l-ammonti ta' prefinanzjament pendenti huma vvalutati bl-ammont(i) oriġinali mħallsa li minnhom jitnaqqas: l-ammonti mroddja lura, l-ammonti eliġibbli minfuqa, l-ammonti eliġibbli stmati li jkunu għadhom mhumiex ikklerjati fi tmiem is-sena, u tnaqqis tal-valur.

L-imġhax fuq il-prefinanzjament huwa rikonoxxut hekk kif jinkiseb skont il-provvedimenti tal-ftehim rilevanti. Fi tmiem is-sena ssir stima tad-dħul mill-imġhax dovut, ibbażata fuq l-aktar informazzjoni affidabbli, u din tiddaħħal fil-karta bilanċjali.

1.5.8 *Riċevibbli*

Ir-riċevibbli huma riportati bl-ammont oriġinali li minnu jitnaqqas it-tniżżil fil-valur għal indeboliment. Tniżżil fil-valur għal indeboliment ta' riċevibbli huwa stabbilit meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-UE mhijiex sejra tkun tista' tiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-riċevibbli. L-ammont tat-tniżżil fil-valur huwa d-differenza bejn l-ammont riportat tal-ass u l-ammont rekuperabbli. L-ammont tat-tniżżil fil-valur huwa rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu. Tniżżil ġenerali fil-valur, ibbażat fuq l-esperjenza fl-imġhoddi, isir ukoll għal ordnijiet ta' rkupru pendenti li mhumiex diġà soġġetti għal tniżżil speċifiku. Ara n-nota **1.5.14** aktar 'il quddiem rigward it-trattament tad-dħul dovut fi tmiem is-sena.

1.5.9 *Flus u ekwivalenti ta' flus*

Flus u ekwivalenti ta' flus huma strumenti finanzjarji u huma definiti bħala assi kurrenti. Jinkludu flus fl-idejn, depożiti miżmuma lesti għall-eżerċitar mal-banek, investimenti oħrajn għal terminu qasir ferm likwidi b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew anqas.

1.5.10 *Pensjoni u benefiċċji oħrajn tal-impjegati*

Obbligi tal-pensjoni

L-UE topera pjanijiet ta' pensjoni ta' benefiċċju definit. Filwaqt li l-persunal jikkontribwixxi mis-salarji tiegħu għal terz mill-kost mistenni ta' dawn il-benefiċċji, l-obbligazzjoni mhijiex iffinanzjata. L-obbligazzjoni rikonoxxuta fil-karta bilanċjali fir-rigward ta' pjanijiet tal-pensjonijiet ta' benefiċċju definit hija l-valur preżenti tal-obbligu ta' benefiċċju definit fid-data tal-karta bilanċjali. L-obbligu ta' benefiċċju definit huwa kkalkolat skont l-attwarji billi jintuża l-metodu ta' kreditu għal kull unità proġettata. Il-valur preżenti tal-obbligu ta' benefiċċju definit huwa ddeterminat billi jiġu skontati l-flussi ta' ħruġ ta' flus stmati għall-ġejjieni billi jintużaw ir-rati tal-imgħax ta' bonds tal-gvern li huma denominati f'munita li fihom sejrjn jithallu l-benefiċċji, u li għandhom termini sal-maturità qrib it-termini tal-obbligazzjoni tal-pensjoni relatata.

Il-qligħ u t-telf attwarjali li ġejjin mill-aġġustamenti u l-allokkazzjoni tal-esperjenza fis-suppożizzjonijiet attwarjali huma rikonoxxuti minnufih fir-rapport tal-introjtu. Il-kostijiet tas-servizz passat huma rikonoxxuti minnufih fir-rapport tal-introjtu, sakemm il-bidliet fil-pjan tal-pensjonijiet ma jkunx kundizzjonali fuq il-fatt li l-impjegati jibqgħu fis-servizz għal perjodu speċifikat ta' żmien (il-perjodu tal-vestment). F'dan il-każ, il-kostijiet tas-servizz passat huma amortizzati fuq bażi lineari fuq il-perjodu tal-vestment.

Benefiċċji tal-mard ta' wara l-impjieg

L-UE ttipprovi benefiċċji tas-saħħa lill-impjegati tagħha permezz ta' rimborż tal-ispejjeż mediċi. Inħoloq fond separat għall-amministrazzjoni ta' kuljum. Kemm l-impjegati attwali, il-pensjonanti, ir-romol kif ukoll il-benefiċjarji tagħhom jibbenefikaw mis-sistema. Il-benefiċċji mogħtija lill-"inattivi" (pensjonanti, orfni, eċċ) huma kklassifikati bħala "Benefiċċji ta' Wara l-Impjieg għall-Impjegati". Minħabba l-għamla ta' dawn il-benefiċċji, hemm bżonn li jsir kalkolu attwarju. L-obbligazzjoni fil-karta bilanċjali hija determinata fuq bażi simili bħala dik għall-obbligi tal-pensjonijiet (ara aktar 'il fuq).

1.5.11 *Provvedimenti*

Il-provvedimenti huma rikonoxxuti meta l-UE jkollha obbligu legali jew kostruttiv preżenti lejn il-partijiet terzi bħala riżultat ta' avvenimenti passati, huwa aktar probabbli milli le li sejjer ikun hemm bżonn ta' fluss ta' ħruġ ta' riżorsi biex jiġi saldat l-obbligu, u l-ammont jista' jiġi stmat b'mod affidabbli. Il-provvedimenti mhumiex rikonoxxuti għal telf operatorju fil-ġejjieni. L-ammont tal-provvediment huwa laħjar stima tannefiet mistennija li sejrjn ikunu meħtieġa biex jiġi saldat l-obbligu preżenti fid-data ta' rapportar. Meta l-provvediment jinvolvi numru kbir ta' entrati, l-obbligu jiġi stmat billi jiġu peżati l-eżiti kollha possibbli skont il-probabilitajiet assoċjati magħhom (metodu tal-"valur mistenni").

1.5.12 *Obbligazzjonijiet finanzjarji*

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf jew bħala obbligazzjonijiet finanzjarji riportati bil-kost amortizzat (teħid b'self). It-teħid b'self huwa magħmul mit-teħid b'self minn istituzzjonijiet ta' kreditu u djun evidenzjati b'ċertifikati. Huma inizjalment rikonoxxuti bil-valur ġust, peress li huma r-rikavat tal-ħarġa tagħhom (valur ġust tal-kunsiderazzjoni riċevuta) nett mill-kostijiet tat-tranżazzjoni sostnuti, imbagħad wara riportati bil-kost amortizzat billi jintuża l-metodu tal-imgħax effettiv; kwalunkwe differenza bejn ir-rikavat, nett mill-kostijiet tat-tranżazzjoni, u l-prezz tal-fidwa hija rikonoxxuta fir-rapport tal-introjtu tul il-perjodu tat-teħid b'self billi jintuża l-metodu tal-imgħax effettiv.

Huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet mhux kurrenti, ħlief għal maturitajiet anqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi meħuda b'self, il-metodu tal-imgħax effettiv jista' ma jiġix applikat għal self u teħid b'self, fuq il-baży ta' kunsiderazzjonijiet dwar il-materjalità. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni sostnuti mill-UE li mbagħad jerġgħu jintalbu lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

Obbligazzjonijiet finanzjarji kategorizzati bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf jinkludu derivati meta l-valur ġust ikun negattiv. Isegwu l-istess trattament kontabilistiku bħala assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, ara n-nota 1.5.5.

1.5.13 **Pagabbli**

Ammont importanti tal-pagabbli tal-UE mhuwiex relatat max-xiri ta' prodotti jew servizzi – minflok, huma pretensjonijiet tal-kost mhux imħallsa minn benefiċjarji ta' għotjiet jew finanzjament ieħor tal-UE. Huma rreġistrati bħala pagabbli għall-ammont mitlub meta tasal il-pretensjoni tal-kost. Wara verifika u aċċettazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli, il-pagabbli huma vvalutati bl-ammont aċċettat u eliġibbli.

Pagabbli li ġejjin mix-xiri ta' prodotti u servizzi huma rikonoxxuti mar-riċevuta tal-fattura għall-ammont oriġinali u l-ispejjeż korrispondenti jiddaħħlu fil-kontijiet meta l-provvisti jew is-servizzi jiġu forniti u aċċettati mill-UE.

1.5.14 **Dħul u allokazjonijiet dovuti u differiti**

Skont ir-regoli tal-UE dwar il-kontabilità, it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti huma rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji fil-perjodu li huma relatati magħhom. Fi tmiem il-perjodu kontabilistiku, l-ispejjeż dovuti huma rikonoxxuti fuq il-bażi ta' ammont stmat tal-obbligu ta' trasferiment tal-perjodu. Il-kalkolu tal-ispejjeż dovuti jsir skont il-linji gwida operazzjonali u prattiċi dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni li għandhom l-għan li jiżguraw li r-rapporti finanzjarji jirriflettu sitwazzjoni vera u ġusta.

Id-dħul jingħadd ukoll fil-perjodu relatat miegħu. Fi tmiem is-sena, jekk fattura tkun għadha ma nħarġitx iżda s-servizz ikun ġie pprovdut, il-provvisti twasslu mill-UE jew hemm ftehim kuntrattwali (jiġifieri b'referenza għal trattat), dħul dovut sejjer ikun rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji.

Barra minn hekk, fi tmiem is-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizz jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti jew il-prodotti forniti jkunu għadhom ma twasslux, id-dħul sejjer jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu kontabilistiku ta' wara.

1.6 **RAPPORT TAL-INTROJTU**

1.6.1 **Dħul**

Dħul mhux minn skambju

Dan jiffirma l-parti l-kbira tad-dħul tal-UE u jinkludi l-aktar taxxi diretti u indiretti u ammonti ta' riżorsi proprji. Minbarra taxxi, l-UE tista' tirċievi wkoll pagamenti minn partijiet oħrajn, bħal dazji, multi u donazzjonijiet.

Riżorsi bbażati fuq l-ING u riżorsi tal-VAT

Id-dħul huwa rikonoxxut għall-perjodu li fih il-Kummissjoni Ewropea tibgħat sejħa għal fondi lill-Istati Membri fejn titlob il-kontribuzzjoni tagħhom. Dawn jitkejlu bl-"ammont eżerċitat" tagħhom. Peress li riżorsi tal-VAT u tal-ING huma bbażati fuq l-istimi tad-dejta għas-sena baġitarja kkonċernata, jistgħu jkunu riveduti hekk kif iseħħu l-bidliet sakemm tinħareġ id-dejta finali mill-Istati Membri. L-effet ta' bidla fl-istima huwa inkluż meta jiġi ddeterminat il-bilanċ pożittiv jew negattiv nett għall-perjodu li fih seħħet il-bidla.

Riżorsi proprji tradizzjonali

Riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-dikjarazzjonijiet A rilevanti ta' kull xahar (inklużi dazji miġbura u ammonti dovuti li huma ggarantiti u mhux ikkontestati) huma riċevuti mill-Istati Membri. Fid-data ta' rapportar, id-dħul miġbur mill-Istati Membri għall-perjodu iżda li jkunu għadhom ma tħallsux lill-Kummissjoni Ewropea jiġi stmat u rikonoxxut bħala dħul dovut. Id-dikjarazzjonijiet B trimestrali (inklużi dazji li la huma miġbura u lanqas garantiti, kif ukoll ammonti garantiti li ġew ikkontestati mid-debitur) riċevuti mill-Istati membri huma rikonoxxuti bħala dħul li minnu jitnaqqsu l-kostijiet tal-ġbir li huma intitolati għalihom (25 %). Barra minn hekk, tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut għall-ammont tal-lakuna stmata tal-irkupru fir-rapport tal-introjt.

Multi

Id-dħul minn multi huwa rikonoxxut meta tittieħed id-deċiżjoni tal-UE li timponi multa u meta din tkun innotifikata b'mod uffiċjali lid-destinatarju. Jekk ikun hemm xi dubji dwar is-solvenza tal-impriża, ikun rikonoxxut tnaqqis fil-valur fuq l-intitolament. Wara d-deċiżjoni li timponi multa, id-debituri għandhom xahrejn mid-data ta' notifika:

- jew sabiex jaċċettaw id-deċiżjoni, f'liema każ iridu jħallsu l-multa fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit u l-ammont huwa miġbur b'mod definittiv mill-UE;
- jew sabiex ma jaċċettawx id-deċiżjoni, f'liema każ jippreżentaw appell skont il-liġi tal-UE.

Madankollu, anki jekk appellat, il-kapital tal-multa jrid jitħallas fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' tliet xhur stabbilit peress li l-appell ma għandux effett sospensiv (l-Artikolu 278 tat-Trattat tal-UE) jew, f'ċerti ċirkostanzi u soġġetti għall-qbil tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, tista' tiġi ppreżentata garanzija tal-bank għall-ammont minflok.

Jekk l-impriża tappella kontra d-deċiżjoni, u diġà tkun ħallset il-multa b'mod proviżorju, l-ammont jiġi ddivulgat bħala obligazzjoni kontinġenti. Madankollu, peress li appell kontra deċiżjoni tal-UE mid-destinatarju ma għandux effett sospensiv, il-flus riċevuti jintużaw biex jikklerjaw ir-riċevibbli. Jekk minflok il-pagament tasal garanzija, il-multa tibqa' bħala riċevibbli. Jekk jidher probabbli li l-Qorti Ġenerali tista' ma tiddeċidix favur l-UE, jiġi rikonoxxut provvediment biex jiġi kopert dan ir-riskju. Jekk minflok tingħata garanzija, f'dak il-każ ir-riċevibbli pendent ijtniżżel fil-valur kif ikun meħtieġ. L-imgħax dovut riċevut mill-Kummissjoni Ewropea fuq il-kontijiet bankarji meta l-pagamenti riċevuti jkunu depożitati huwa rikonoxxut bħala dħul, u kwalunkwe obligazzjoni kontinġenti tiżdzied kif xieraq.

Dħul minn skambju

Dħul mill-bejgħ ta' prodotti u servizzi hwa rikonoxxut meta r-riskju u l-benefiċċji importanti tas-sjeda tal-prodotti jkunu trasferiti lix-xerrej. Id-dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi huwa rikonoxxut b'referenza għall-istadju tat-tlestija tat-tranżazzjoni fid-data ta' rapportar.

Dħul u spejjeż tal-imgħax

Id-dħul u l-ispejjeż tal-imgħax huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu billi jintuża l-metodu tal-imgħax effettiv. Dan huwa metodu ta' kalkolu tal-kost amortizzat ta' ass finanzjarju jew obligazzjoni finanzjarja u ta' allokazzjoni tad-dħul mill-imgħax jew l-ispejjeż tal-imgħax tul il-perjodu rilevanti. Meta tikkalkola r-rata effettiva tal-imgħax, l-UE tistima flussi tal-flus wara li tikkunsidra t-termini kuntrattwali kollha tal-istrument finanzjarju (pereżempju, għażliet ta' prepagament) iżda ma tqisx it-telf ta' kreditu fil-ġejjieni. Il-kalkolu jinkludi t-tariffi u l-punti kollha mħallsa jew riċevuti bejn partijiet għall-kuntratt li huma parti integrali tar-rata effettiva tal-imgħax, kostijiet tat-tranżazzjoni u l-primjums jew l-iskonti kollha l-oħrajn.

Ladarba ass finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji simili jkun tniżżel fil-valur minħabba telf minn indeboliment, id-dħul mill-imgħax ikun rikonoxxut billi tintuża r-rata tal-imgħax biex jiġu skontati l-flussi futuri ta' flus għall-fini ta' kejl tat-telf minn indeboliment.

Dħul minn dividendi

Dħul minn dividendi huwa rikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt ta' riċevuta ta' pagament.

1.6.2 *Spiża*

L-ispejjeż tal-iskambju li ġejjin mix-xiri ta' prodotti u servizzi huma rikonoxxuti meta l-provvisti jiġu forniti u aċċettati mill-UE. Huma vvalutati bil-kost tal-fattura oriġinali. Spejjeż mhux tal-iskambju huma speċifiċi għall-UE u jammontaw għall-maġġoranza tal-ispejjeż tagħha. Huma relatati ma' trasferimenti lil benefiċjarji u jistgħu jkunu ta' tliet tipi: intitolamenti, trasferimenti skont ftehim u għotjiet diskrezzjonali, kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet.

It-trasferimenti huma rikonoxxuti bħala spejjeż fil-perjodu li matulu sehhej l-avvenimenti li ġabu t-trasferiment, diment li l-għamla tat-trasferiment tkun awtorizzata mir-regolament (ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolamenti tal-Persunal, jew regolament ieħor) jew ikun ġie ffirmat kuntratt li jawtorizza t-trasferiment; ikun issodisfat kwalunkwe kriterju ta' eliġibiltà; u tista' tinħareġ stima raġonevoli tal-ammont.

Meta tasal talba għal pagament jew pretensjoni tal-kost u din tkun tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent, tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fi tmiem is-sena, l-ispejjeż eliġibbli sostnuti dovuti lill-benefiċjarji iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati jiġu stmati u rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

1.7 ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

1.7.1 Assi kontinġenti

Ass kontinġenti huwa ass possibbli li jiġi minn avvenimenti passati u li l-eżistenza tiegħu sejra tkun ikkonfermata biss bl-okkorrenza jew in-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment wieħed jew aktar inċert fil-ġejjieni li mhuwiex fil-kontroll sħiħ tal-UE. Ass kontinġenti huwa ddivulgat meta jkun hemm probabbiltà ta' fluss ta' dħul ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz.

1.7.2 Obligazzjonijiet kontinġenti

Obligazzjoni kontinġenti hija obbligu possibbli li jiġi minn avvenimenti passati u li l-eżistenza tiegħu sejra tkun ikkonfermata biss bl-okkorrenza jew in-nuqqas ta' okkorrenza ta' avveniment wieħed jew aktar inċert fil-ġejjieni li mhuwiex fil-kontroll sħiħ tal-UE; jew obbligu preżenti li ġej minn avvenimenti passati iżda mhux rikonoxxut għaliex: mhuwiex probabbli li sejjer ikun hemm bżonn ta' fluss ta' ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz sabiex jiġi saldat l-obbligu jew, fiċ-ċirkostanzi rari li fihom l-ammont tal-obbligu ma jistax jitkejjel b'mod affidabbli biżżejjed.

2. NOTI GĦALL-KARTA BILANĠJALI

ASSI MHUX KURRENTI

2.1 ASSI INTANĠIBBLI

	<i>EUR miljuni</i>
	Ammont
Ammont gross riportat fil-31.12.2011	301
Żidiet	89
Disponimenti	(11)
Allokazzjonijiet oħrajn	0
Ammont gross riportat fil-31.12.2012	379
Amortizzament akkumulat fil-31.12.2011	(152)
Allokazzjoni għal amortizzament għas-sena	(39)
Disponimenti	4
Allokazzjonijiet oħrajn	(4)
Amortizzament akkumulat fil-31.12.2012	(191)
Ammont nett riportat fil-31.12.2012	188
<i>Ammont nett riportat fil-31.12.2011</i>	149

L-ammonti ta' hawn fuq huma primarjament relatati ma' softwer tal-kompjuter.

2.2 **PROPRJETÀ, IMPJANT U TAGĦMIR**

Inklużi taħt l-assi li kienu għadhom qegħdin jinbnew fil-31 ta' Diċembru 2012 hemm EUR 660 miljun (2011: EUR 219 miljun) tal-assi relatati mal-proġett Galileo, is-Sistema tal-UE ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita, li qiegħda tinbena bl-assistenza tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Meta titlesta, is-sistema sejra tinvolvi 30 satellita, 2 ċentri ta' kontroll u 16-il stazzjon fuq l-art. L-ammont fuq il-karta bilanċjali jirrifletti l-kostijiet kapitalizzabbli sostnuti mill-Kummissjoni fuq dan il-proġett sa mit-22 ta' Ottubru 2011, id-data li fiha ġew varati l-ewwel żewġ satelliti tas-sistema. Qabel din id-data, u kif spjegat fil-kontijiet annwali ta' qabel, il-Kummissjoni qieset li l-proġett għadu ffażi ta' riċerka, u b'hekk skont ir-regoli tal-UE dwar il-kontabilità l-ispejjeż kollha sostnuti ġew debitati. Mill-bidu tal-proġett u sa tmiem il-qafas finanzjarju attwali, il-baġit previst jammonta għal EUR 3 837 miljun. Għall-qafas finanzjarju li jmiss, huma previsti EUR 5 400 miljun oħrajn li għandhom jintefqu fuq l-iskjerament sħiħ tas-sistema, it-tħaddim tagħha, il-forniment ta' servizzi ta' Galileo sal-2020 u t-tnejn tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-kostellazzjoni, u dan sejjer ikun iffinanzjat kompletament mill-baġit tal-UE. Fl-2012, ammont ta' EUR 13-il miljun ta' kost tal-iżvilupp mhux kapitalizzabbli ġie rikonxxut bħala spejjeż.

Fid-data tal-karta bilanċjali, ġew varati erba' satelliti b'kollox sa minn Ottubru 2011 u ladarba jitlestew it-testijiet sussegwenti tagħhom, tasal fi tmiemha l-fażi ta' Validazzjoni fl-Orbita ("IOV") tal-proġett. Din il-fażi ġiet iffinanzjata b'mod konġunt mill-UE u l-ESA u b'konformità mal-ftehim ta' għoti konkluż bejn iż-żewġ partijiet, l-ESA għandha tagħmel trasferiment uffiċjali tal-assi mibnija lill-UE. Dan it-trasferiment legali sejjer jeħtieġ il-ftehim tal-Kunsill tal-ESA, fejn hemm in-nota li l-Istati Membri kollha tal-ESA minbarra tnejn (in-Norveġja u l-Isvizzera), huma Stati Membri tal-UE wkoll. Għalissa, il-Kummissjoni ma għandha xejn li jagħtiha x'tifhem li trasferiment bħal dan jista' jkun imblokkat minn xi membru/i tal-ESA.

PROPRJETÀ, IMPJANT U TAGĦMIR

EUR miljuni

	Art u bini	Impjant u tagħmir	Għamara u vetturi	Hardwer tal-kompjuter	Assi tanġibbli oħrajn	Kirjiet finanzjarji	Assi li qegħdin jinbnew	Total
Ammont gross riportat fi tmiem is-sena l-oħra	4 118	528	229	557	228	2 685	645	8 990
Żidiet	96	42	22	52	11	511	583	1 317
Disponimenti	(26)	(23)	(21)	(54)	(11)	0	0	(135)
Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi	102	8	0	12	0	(14)	(111)	(3)
Allokazzjonijiet oħrajn	24	3	3	11	3	(1)	1	44
Ammont gross riportat fi tmiem is-sena	4 314	558	233	578	231	3 181	1 118	10 213
Deprezzament akkumulat fi tmiem is-sena l-oħra	(1 999)	(425)	(166)	(396)	(137)	(796)		(3 919)
Allokazzjoni għal deprezzament għas-sena	(138)	(45)	(20)	(67)	(21)	(114)		(405)
Deprezzament bil-valur imreġġa' lura	0	0	0	0	0	1		1
Disponimenti	3	23	21	51	10	5		113
Trasferimenti bejn kategoriji ta' assi	—	0	0	(11)	0	14		3
Allokazzjonijiet oħrajn	(3)	(2)	(1)	(13)	(2)	(7)		(28)
Deprezzament akkumulat fi tmiem is-sena	(2 137)	(449)	(166)	(436)	(150)	(897)		(4 235)
Ammont nett riportat fil-31.12.2012	2 177	109	67	142	81	2 284	1 118	5 978
<i>Ammont nett riportat at 31.12.2011</i>	2 119	103	63	161	91	1 889	645	5 071

L-alkokazzjonijiet li għad iridu jitħallsu fir-rigward tal-kirjiet finanzjarji u intitolamenti simili jintwerew f'obbligazzjonijiet mhux kurrenti u kurrenti fil-karta bilanċjali (ara n-noti 2.15 u 2.18.1). Huma disaggregati kif ġej:

KIRJIET FINANZJARJI

EUR miljuni

Deskrizzjoni	Allokazzjonijiet kumulattivi (A)	Ammonti futuri li jridu jitħallsu				Valur Totali (A+B)	Nefqa sussegwenti fuq l-assi (C)	Valur tal-Ass (A+B+C)	Deprezzament (D)	Ammont Nett Riportat = (A+B+C+D)
		< sena	> sena	> 5 snin	Obbligazzjoni Totali (B)					
Art u bini	992	63	342	1 686	2 091	3 083	61	3 144	(877)	2 267
Assi tanġibbli oħrajn	18	7	11	1	19	37	—	37	(20)	17
Total fil-31.12.2012	1 010	70	353	1 687	2 110	3 120	61	3 181	(897)	2 284
Element tal-imgħax		85	307	502	893					
Ħlasijiet futuri totali minimi tal-kuntratti tal-kera fil-31.12.2012		155	660	2 189	3 003					
<i>Ħlasijiet futuri totali minimi tal-kuntratti tal-kera fil-31.12.2011</i>		153	608	1 859	2 620					

2.3 INVESTIMENTI MAGĦDUDA BL-UŻU TAL-METODU TAL-EKWITÀ

EUR miljuni			
	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti	2.3.1	42	62
Parteċipazzjonijiet f'assoċjati	2.3.2	350	312
Total		392	374

2.3.1 Parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti

EUR miljuni						
	GJU	SESAR	ITER	IMI	FCH	Total
Ammont fil-31.12.2011	0	0	0	25	37	62
Kontribuzzjonijiet	—	70	116	98	54	338
Sehem mir-riżultat nett	—	(70)	(106)	(91)	(91)	(358)
Ammont fil-31.12.2012	0	0	10	32	0	42

Il-parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti jingħaddu billi jintuża l-metodu tal-ekwità. L-ammonti riportati li ġejjin huma attribwibbli għall-UE fuq il-bażi tal-perċentwal ta' parteċipazzjoni tagħha:

EUR miljuni		
	31.12.2012	31.12.2011
Assi mhux kurrenti	226	211
Assi kurrenti	106	123
Obbligazzjonijiet mhux kurrenti	0	0
Obbligazzjonijiet kurrenti	(291)	(314)
Dħul	8	8
Spejjeż	(427)	(379)

L-Impriża Konġunta Galileo (GJU) f'likwidazzjoni

L-Impriża Konġunta Galileo (GJU) bdiet bil-likwidazzjoni fi tmiem l-2006 u l-proċess għadu għaddej. Peress li l-entità kienet inattiva u għadha għaddeja minn likwidazzjoni fl-2012, ma kien hemm ebda dħul jew spejjeż sostnuti.

L-Impriża Konġunta SESAR

L-għan ta' din l-Impriża Konġunta huwa li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-implimenazzjoni rapida tal-Pjan Prinċipali Ewropew ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru billi jiġu kkoordinati u kkonċentrati l-isforzi kollha rilevanti ta' riċerka u żvilupp fl-UE. Fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni kellha 46.12 % tal-parteċipazzjoni tas-sjieda fis-SESAR. Il-kontribuzzjoni totali (indikattiva) tal-Kummissjoni prevista għal SESAR (mill-2007 sal-2013) hija ta' EUR 700 miljun. Is-sehem kumulattiv mhux rikonoxxut tat-telf huwa ta' EUR 157 miljun.

ITER Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija minn Fużjoni (ITER)

L-ITER tinvolvi l-UE u ċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, il-Ġappun u l-Istati Uniti. L-ITER inħolqot sabiex; tamministra l-faċilitajiet tal-ITER, thegġegħ l-isfruttament tal-faċilitajiet tal-ITER, tippromwovi l-fehim pubbliku u l-aċċettazzjoni tal-enerġija minn fużjoni, u sabiex twettaq kwalunkwe attività oħra li hija meħtieġa sabiex tilħaq l-iskop tagħha. Il-kontribuzzjoni tal-UE (Euratom) għall-ITER Internazzjonali tingħata permezz tal-Aġenzija tal-Fużjoni għall-Enerġija, inklużi wkoll il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u

L-Isvizzera. Il-kontribuzzjoni totali hija legalment meqjusa bħala kontribuzzjoni tal-Euratom lill-ITER peress li l-Istati Membri u l-Isvizzera ma għandhomx interessi ta' sjieda fl-ITER. Peress li l-UE hija detentur legali tal-parteċipazzjoni fl-impriża konġunta ITER Internazzjonali, il-Kummissjoni trid tirrikonoxxi l-parteċipazzjoni fil-kontijiet tagħha. Fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni kellha 44.25 % tal-parteċipazzjoni ta' sjieda fl-ITER. Il-kontribuzzjoni totali (indikattiva) tal-Euratom prevista għall-ITER (mill-2007 sal-2041) hija ta' EUR 8 949 miljun.

Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti

Is-sħubijiet pubbliċi-privati fil-forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti, li kienu implimentati permezz tal-Impriżi Konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat, inħolqu sabiex jimplimentaw l-għanijiet tal-Aġenda ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Imppjeggi. L-IMI u l-FCH huma inklużi f'din l-intestatura iżda tlieta oħra, ARTEMIS, Clean Sky u ENIAC, għad li legalment jissejħu impriżi konġunti, minn perspettiva kontabilistika jridu jitqiesu assoċjati (u hekk huma inklużi fin-nota 2.3.2) għaliex il-Kummissjoni għandha influwenza importanti, u mhux kontroll konġunt, fuqhom.

IMI Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi

L-Impriża Konġunta IMI tappoġġja r-riċerka u l-iżvilupp tal-farmaċewtika ta' qabel il-fażi kompetittiva fl-Istati Membri u pajjiżi assoċjati, bil-għan li żżid l-investment fir-riċerka fis-settur bijofarmaċewtiku u tippromwovi l-involvement ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-attivitajiet tagħha. Fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni kellha 78.58 % tal-parteċipazzjoni ta' sjieda fl-IMI. Il-kontribuzzjoni massima indikattiva tal-Kummissjoni għandha tammonta għal EUR 1 biljun sal-31.12.2017.

FCH Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu

L-għan tal-Impriża Konġunta FCH huwa li tiġbor ir-riżorsi mis-setturi pubbliċi u privati biex issaħħaħ l-attivitajiet ta' riċerka bil-għan li żżid l-effiċjenza ġenerali tal-isforzi ta' riċerka Ewropej u tħaffef l-iżvilupp u l-iskjerament ta' teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu. Fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni kellha 80.6 % tal-parteċipazzjoni ta' sjieda fl-FCH. Il-kontribuzzjoni massima indikattiva tal-UE għandha tammonta għal EUR 470 miljun sal-31.12.2017. Is-sehem kumulattiv mhux rikonoxxut tat-telf huwa ta' EUR 12-il miljun.

2.3.2 Parteċipazzjonijiet f'assoċjati

	<i>EUR miljuni</i>				
	FEI	ARTEMIS	Clean Sky	ENIAC	Total
Ammont fil-31.12.2011	292	0	0	20	312
Kontribuzzjonijiet	—	22	97	16	135
Sehem tal-bilanċ pożittiv/(negattiv) nett	9	(22)	(97)	(22)	(132)
Ċaqliq ieħor fl-ekwità	35	—	—	—	35
Ammont fil-31.12.2012	336	0	0	14	350

Il-parteċipazzjonijiet fl-assoċjati jingħaddu billi jintuża l-metodu tal-ekwità. L-ammonti riportati li ġejjin huma attribwibbli għall-UE fuq il-bażi tal-perċentwal ta' parteċipazzjoni tagħha:

	<i>EUR miljuni</i>	
	31.12.2012	31.12.2011
Assi	505	460
Obbligazzjonijiet	(191)	(162)
Dħul	33	28
Defiċit	(177)	(182)

Fond Ewropew tal-Investment (FEI)

Il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) huwa l-istituzzjoni tal-UE li tispċjalizza fil-forniment ta' kapital ta' riskju u garanziji lill-SMEs. Il-Kummissjoni ħallset 20 % tal-parteċipazzjoni tagħha, bil-bilanċ li mhuwiex imħallas li jikkorrispondi għal ammont ta' EUR 720 miljun.

EUR miljuni

FEI	Kapital totali tal-FEI	Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni
Kapital Azzjonarju Totali	3 000	900
Imħallas	(600)	(180)
Mhux imħallas	2 400	720

Impriża Konġunta ARTEMIS

Din l-entità nħolqot biex timplimenta Inizjattiva Teknoloġika Konġunta mas-settur privat fuq Sistemi Kompjuterizzati Inkorporati. Il-kontribuzzjoni massima indikattiva tal-Kummissjoni għandha tammonta għal EUR 420 miljun. Is-sehem mhux rikonoxxut kumulattiv tat-telf huwa ta' EUR 5 miljuni (parteċipazzjoni tas-sjieda ta' 95.2 %).

Impriża Konġunta Clean Sky

L-għan ta' din l-entità huwa li tħaffef l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-wiri ta' teknoloġiji tat-trasport li jżommu l-arja nadifa fl-UE u b'mod partikolari biex tinholq Sistema ta' Trasport bl-Ajru radikalment innovattiva bil-għan li jonqos l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru. Il-kontribuzzjoni massima indikattiva tal-Kummissjoni għandha tammonta għal EUR 800 miljun. Is-sehem mhux rikonoxxut kumulattiv tat-telf huwa ta' EUR 48 miljun (parteċipazzjoni tas-sjieda ta' 62.89 %).

Impriża Konġunta ENIAC

L-għan tal-ENIAC huwa li tiddefinixxi aġenda ta' riċerka maqbula b'mod komuni fil-qasam tan-nanoelettronika sabiex jiġu stabbiliti prijoritajiet ta' riċerka għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' kompetenzi ewlenin f'dak il-qasam. Dawn l-għanijiet sejin jiġu segwiti billi jinġabru riżorsi mis-setturi pubbliċi u privati biex jappoġġjaw attivitajiet ta' R&Ż fil-forma ta' proġetti. L-impenn totali tal-UE għandu jammonta għal EUR 450 miljun. Fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni kellha 95.90 % tal-parteċipazzjoni ta' sjieda fl-ENIAC.

2.4 ASSI FINANZJARJI MHUX KURRENTI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	2.4.1	4 870	2 272
Self	2.4.2	57 441	41 400
Total		62 311	43 672

2.4.1 Assi finanzjarji mhux kurrenti disponibbli għall-bejgħ

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Fond ta' Garanzija (1)	1 327	1 475
KEFA f'likwidazzjoni	1 102	—
Investimenti BUFI	832	—
Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF)	593	—
Strument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T (LGTT)	52	—

	<i>EUR miljuni</i>	
	31.12.2012	31.12.2011
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	52	—
Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp	188	188
Operazzjonijiet tal-Kapital ta' Riskju	123	134
Bidu tal-ETF	305	234
Investimenti oħrajn disponibbli għall-bejgħ	296	241
Total	4 870	2 272

(¹) Il-Fond ta' Garanzija għandu bonds tal-EFSM maħruġa mill-Kummissjoni, u b'hekk dawn iridu jitneħħew.

Sabiex tiġi ppreżentata aħjar ir-realtà ekonomika, mill-2012 'il quddiem, l-assi finanzjarji kollha disponibbli għall-bejgħ, huma ppreżentati skont il-maturità li jifdlilhon fid-data tal-karta bilanċjali. L-assi b'maturità ta' aktar minn sena fid-data ta' rapportar jintwerew bħala mhux kurrenti, filwaqt li l-assi li jimmatraw qabel tmien l-2013 jintwerew bħala kurrenti (ara n-nota **2.8**). Għall-kuntrarju tal-2011, l-ammont tal-2012 ta' hawn fuq għall-Fond ta' Garanzija jintwera mingħajr flus u ekwivalenti ta' flus (2011: EUR 302 miljun) u l-obbligazzjoni relatata (2011: EUR 1 miljun). Li kieku kellu jiġi segwit l-approċċ attwali fil-kontijiet tal-2011, il-komparattivi kienu jkunu kif ġej:

	<i>EUR miljuni</i>	
	31.12.2012	31.12.2011
Fond ta' Garanzija (¹)	1 327	973
KEFA f'likwidazzjoni	1 102	982
Investimenti BUFI	832	588
Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF)	593	365
Strument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T (LGTT)	52	47
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	52	91
Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp	188	188
Operazzjonijiet tal-Kapital ta' Riskju	123	134
Bidu tal-ETF	305	234
Investimenti oħrajn disponibbli għall-bejgħ	296	241
Total	4 870	3 843

(¹) Il-Fond ta' Garanzija għandu bonds tal-EFSM maħruġa mill-Kummissjoni, u b'hekk dawn iridu jitneħħew.

Fond ta' Garanzija

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni jkopri self iggarantit mill-UE minħabba Deċiżjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari operazzjonijiet ta' għoti b'self tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) barra l-UE u self għall-assistenza makrofinanzjarja (MFA) u self tal-Euratom barra l-UE. Huwa strument fit-tul biex ikopri kwalunkwe telf inadempjenti ggarantit mill-UE. Il-Fond huwa dotat minn pagamenti mill-baġit ġenerali tal-UE ekwivalenti għal 9 % tal-valur kapitali tal-operazzjonijiet, ir-rikavat mill-imgħax fuq l-investimenti li jsiru mill-assi tal-Fond, u s-somom irkuprati minn debituri inadempjenti li għalihom il-Fond kellu jattiva l-garanzija tiegħu. Kwalunkwe blianc pożittiv tas-sena li jirriżulta għandu jitħallas lura bħala dħul għall-baġit tal-UE.

L-UE trid tinkludi riżerva ta' garanzija biex tkopri self lil pajjiżi terzi. Ir-riżerva hija maħsuba sabiex tkopri r-rekwiżiti tal-Fond ta' Garanzija u, fejn ikun meħtieġ, garanziji attivati li jaqbżu l-ammont disponibbli fil-Fond, sabiex dawn l-ammonti jkunu jistgħu jiġu ddebitati lill-baġit. Din ir-riżerva tikkorrispondi għall-ammont fil-mira ta' 9 % tas-self pendenti fi tmien is-sena.

KEFA Flikwidazzjoni

Rigward l-ammonti tal-KEFA flikwidazzjoni, l-assi finanzjarji kollha disponibbli għall-bejgħ huma titoli ta' dejn denominati f'EUR u kkwotati f'suq attiv. Fil-31 ta' Diċembru 2012, it-titoli ta' dejn (espressi bil-valur ġust tagħhom) li jilhqgħ l-maturità finali matul l-2012 kienu jammontaw għal EUR 490 miljun (2011: EUR 481 miljun).

Investimenti BUFI

Mill-1 ta' Jannar 2010, il-multi msarrfa b'mod provviżorju huma amministrati mill-Kummissjoni f'fond maħluq b'mod speċifiku (BUFI) u investiti fi strumenti finanzjarji kategorizzati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji RSFF

Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji hija mmexxija mill-BEI u l-portafoll ta' investiment tal-Kummissjoni jintuża biex iforni riskju finanzjarju għal self u garanziji mogħtija mill-BEI għal proġetti ta' riċerka eliġibbli. B'kolloxx, baġit tal-Kummissjon li jasal sa EUR 1 biljun huwa previst għall-perjodu 2007 sa 2013, li EUR 800 miljun minnhom huma mill-programm speċifiku "Koooperazzjoni" u sa EUR 200 miljun mill-programm speċifiku "Kapaċitàjiet". Il-BEI ħa l-impenn li jipprovdi l-istess ammont.

Fil-31 ta' Diċembru 2012 il-Kummissjoni kkontribwixxiet, inklużi wkoll kontribuzzjonijiet tal-EFTA u pajjiżi terzi, EUR 1 006 miljun lill-RSFF. Il-kontribuzzjonijiet ġew investiti mill-BEI f'bonds (valur ġust ta' EUR 754 miljun fil-31 ta' Diċembru 2012) u depożiti fi flus u ta' żmien fiss (EUR 314 miljun). L-ammont iddivulgat bħala obbligazzjoni kontinġenti (nota 5.2.1), EUR 948 miljun, jirrappreżenta t-telf massimu stmat fil-31 ta' Diċembru 2012 li l-Kummissjoni ġġarrab f'każ ta' inadempjenzi fuq self jew garanziji mogħtija mill-BEI fi ħdan il-qafas tal-RSFF. Ta' min jinnota li r-riskju ġenerali tal-Kummissjoni huwa limitat għall-ammont li tikkontribwixxi għall-Faċilità.

Strument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T (LGTT)

L-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T joħroġ garanziji sabiex inaqqas ir-riskju tad-dħul fis-snin bikrin tal-proġetti TEN-Trasport. B'mod speċifiku, il-garanzija tkun tkopri bis-sħiħ linji ta' kreditu pendenti, li jkunu prelevati biss f'każijiet meta ma jkunx hemm biżżejjed flussi ta' flus tal-proġett biex jisservizzjaw id-dejn superjuri. L-istrument huwa prodott finanzjarju konġunt tal-Kummissjoni u l-BEI u r-regolament dwar it-TEN-T assenja EUR 500 miljun mill-baġit tal-UE sabiex ikunu allokati matul il-perjodu 2007-2013. Il-BEI sejjerr jalloka EUR 500 miljun oħrajn, sabiex b'kolloxx l-ammont disponibbli sejjerr ikun ta' EUR 1 biljun għall-istrument.

Fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni kkontribwixxiet EUR 155 miljun għal-LGTT. Dan ġie investit mill-BEI f'bonds (valur ġust ta' EUR 75 miljun fil-31 ta' Diċembru 2012) u depożiti b'terminu fiss (EUR 88 miljun). Fi tmiem l-2012, ġew iffirmati EUR 523 miljun f'self u b'hekk huma koperti mill-garanzija. L-ammont iddivulgat bħala obbligazzjoni kontinġenti (nota 5.2.1), EUR 39 miljun, jirrappreżenta t-telf massimu stmat fil-31 ta' Diċembru 2012 li l-Kummissjoni jkollha ġġarrab f'każ ta' inadempjenzi fuq self mogħti mill-BEI fi ħdan il-qafas tal-operazzjonijiet tal-LGTT. Dan jirrappreżenta 7.4 % tal-ammonti totali ggarantiti. Ta' min jinnota li r-riskju ġenerali tal-Kummissjoni huwa limitat għall-ammont li tikkontribwixxi għall-Istrument.

Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ)

Peress li l-BERŻ mhuwiex ikkwotat fuq xi borża u fid-dawl tar-restrizzjonijiet kuntrattwali inklużi fl-artikoli ta' inkorporazzjoni tal-BERŻ relatati, fost l-oħrajn, mal-bejgħ ta' parteċipazzjonijiet, limitati għall-kost ta' akkwiżizzjoni u awtorizzati biss għal azzjonisti eżistenti, il-parteeipazzjoni azzjonarja tal-Kummissjoni hija vvalutata daqs il-kost li minnu jitnaqqas kwalunkwe tniżżil fil-valur għal indeboliment.

EUR miljuni

BERŻ	Kapital totali tal-BERŻ	Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni
Kapital Azzjonarju Totali	29 601	900
Imħallas	(6 202)	(188)
Mhux Imħallas	23 399	712

Operazzjonijiet tal-Kapital ta' Riskju

Fl-Operazzjonijiet tal-Kapital ta' Riskju, l-ammonti jingħataw lil intermedjarji finanzjarji biex jiffinanzjaw investimenti ta' ekwità. Huma mmexxija mill-BEI u ffinanzjati mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Bidu tal-ETF

Il-bidu tal-ETF ikopri l-programm għat-Tkabbir u l-Impjeggi, il-programm MAP, il-programm CIP u l-Proġett Pilota tat-Trasferiment tat-Teknoloġija, taħt il-fiduċjarja tal-FEI, billi jappoġġja l-ħolqien u l-finanzjament tal-bidu tal-SMEs billi jinvesti f'fondi tal-kapital ta' riskju speċjalizzati xierqa. Fi tmiem is-sena, EUR 122 miljun oħran relatati mal-Bidu tal-ETF ġew impenjati għall-partijiet l-oħrajn, iżda għadhom ma ġewx prelevati minnhom.

Investimenti oħrajn disponibbli għall-bejgħ

L-ammonti ewlenin inklużi taħt investimenti oħrajn mhux kurrenti disponibbli għall-bejgħ ta' hawn fuq huma l-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EUR 113 miljun), il-Fond għat-Tkabbir Ekoloġiku (EUR 39 miljun) u l-Fond GEEREF (EUR 68 miljun).

2.4.2 Self mhux kurrenti

EUR miljuni

	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Self mogħti mill-baġit tal-UE u l-KEFA	2.4.2.1	162	170
Self mogħti minn fondi meħuda b'self	2.4.2.2	57 279	41 230
Total		57 441	41 400

2.4.2.1 Self mogħti mill-baġit tal-Unjoni Ewropea u l-KEFA f'Likwidazzjoni

EUR miljuni

	Self b'kundizzjonijiet speċjali	Self tal-KEFA għad-djar	Total
Total fil-31.12.2011	151	19	170
Self ġdid	—	—	—
Ripagamenti	(17)	(4)	(21)
Differenzi tal-kambju	1	—	1
Bidliet fl-ammont riportat	11	1	12
Total fil-31.12.2012	146	16	162

Self b'kundizzjonijiet speċjali jingħata b'rati preferenzjali bħala parti mill-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux membri. L-ammonti kollha huma dovuti f'aktar minn 12-il xahar wara tmiem is-sena. Ir-rati effettivi tal-imgħax fuq dan is-self ivarjaw bejn 7.73 % u 14.507 %.

2.4.2.2 Self mogħti minn fondi meħuda b'self

EUR miljuni

	MFA	Euratom	BOP	EFSM	KEFA f'Likwidazzjoni	Total
Total fil-31.12.2011	595	451	11 625	28 344	266	41 281
Self ġdid	39	—	—	15 800	—	15 839
Ripagamenti	(84)	(24)	—	—	(46)	(154)

EUR miljuni

	MFA	Euratom	BOP	EFSM	KEFA f'Likwidazz- joni	Total
Differenzi tal-kambju	—	—	—	—	5	5
Bidliet fl-ammont riportat	(1)	(2)	(2)	332	(4)	323
Total fil-31.12.2012	549	425	11 623	44 476	221	57 294
Ammont dovut < 1 sena	15	—	—	—	—	15
Ammont dovut > 1 sena	534	425	11 623	44 476	221	57 279

Iż-żieda kbira f'dawn l-ammonti hija dovuta għas-self tal-EFSM mogħti matul l-2012 u hija riflessa minn żieda fit-teħid b'self tal-UE (ara n-nota **2.14**). Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitatijiet ta' għoti u teħid b'self, ara n-nota 7.

2.5 RIĊEVIBBLI U REKUPERABBLI MHUX KURRENTI

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Stati Membri	545	268
Oħrajn	19	21
Total	564	289

Mir-riċevibbli ta' hawn fuq, EUR 550 miljun (2011: EUR 273 miljun) huma relatati ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju.

Iż-żieda fl-ammonti dovuti minn Stati Membri hija relatata mad-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet mhux eżegwiti tal-FAEG u l-FAEŻR tal-iżvilupp rurali.

2.6 PREFINANZJAMENT MHUX KURRENTI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Prefinanzjament	2.6.1	40 790	40 625
Spejjeż imħallsa minn qabel	2.6.2	3 715	4 098
Total		44 505	44 723

2.6.1 Prefinanzjament

It-twaqqit tar-rekuperabilità jew l-użu tal-prefinanzjament jirregola jekk huwiex iddivulgat bħala prefinanzjament kurrenti jew mhux kurrenti. L-użu huwa definit mill-ftehim sottostanti tal-proġett. Ir-ripagamenti kollha jew l-użu dovuti qabel tmax-il xahar mid-data ta' rapportar huma ddivulgati bħala prefinanzjament kurrenti.

Garanziji riċevuti fir-rigward ta' prefinanzjament

Dawn huma garanziji li l-Kummissjoni titlob mill-benefiċjarji li mhumiex Stati Membri, f'ċerti każijiet meta jħallsu pagamenti bil-quddiem (prefinanzjament). Hemm żewġ valuri x'jiġu ddivulgati għal dan it-tip ta' garanzija, il-valur "nominali" u dak "kontinwu". Għall-valur "nominali", l-avveniment at' ġenerazzjoni huwa marbut mal-eżistenza tal-garanzija. Għall-valur "kontinwu", l-avveniment ta' ġenerazzjoni tal-garanzija huwa l-pagament tal-prefinanzjament u/jew l-ikklerjar sussegwenti. Fil-31 ta' Diċembru 2012 il-valur "nominali" tal-garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament ammonta għal EUR 1 348 miljun filwaqt li l-valur "kontinwu" ta' dawk il-garanziji kien ta' EUR 1 083 miljun (2011: EUR 1 330 miljun u EUR 1 083 miljun, rispettivament).

Ċerti ammonti tal-prefinanzjament imħallsa skont is-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7) huma koperti b'mod effettiv minn Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF) – l-ammont ta' prefinanzjament imħallas fl-2012 laħaq total ta' EUR 4 biljun (2011: EUR 3,3 biljun). Dan il-fond huwa entità separata mlil-UE u mhuwiex ikkonsolidat f'dawn il-kontijiet – nota **11.2.3**.

Tip ta' Ġestjoni	EUR miljuni	
	31.12.2012	31.12.2011
Ġestjoni diretta ċentralizzata	1 249	1 219
Ġestjoni indiretta ċentralizzata	1 042	774
Ġestjoni deċentralizzata	677	697
Ġestjoni kondiviża	37 214	37 249
Ġestjoni konġunta	592	686
Implimentati minn Istituzzjonijiet u Aġenziji oħrajn	16	—
Total	40 790	40 625

L-aktar ammonti importanti ta' prefinanzjament mhux kurrenti huma relatati ma' Azzjonijiet Strutturali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013: il-fond tal-iżvilupp reġjonali (FEŻR) u l-fond ta' koeżjoni (CF) EUR 23,9 biljun, il-fond soċjali (FSE) EUR 6,5 biljun, il-fond agrikolu għall-iżvilupp rurali (FAEŻR) EUR 6,1 biljun u l-fond tas-sajd (FES) EUR 0,6 biljun. Peress li ħafna minn dawn il-proġetti huma fit-tul fl-għamla tagħhom, hemm bżonn li l-pagamenti bil-quddiem relatati jkunu disponibbli għal aktar minn sena. B'hekk, dawn l-ammonti tal-prefinanzjament jintwerew bħala assi mhux kurrenti.

Il-prefinanzjament jippreżenta sehem kbir mill-assi totali tal-UE, u b'hekk jirċievi attenzjoni xierqa u regolari. Ta' min jinnotta li l-livell ta' ammonti tal-prefinanzjament fil-bosta programmi jrid ikun biżżejjed biex jiżgura l-float meħtieġa ħalli l-benefiċjarju jibda l-proġett, filwaqt li jkunu salvagwardjati wkoll -interessi finanzjarji tal-UE u jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni restrizzjonijiet legali, operazzjonali u tal-kosteffiċjenza. Dawn l-elementi kollha ngħataw kunsiderazzjoni xierqa mill-Kummissjoni fi sforz biex ittejjeb is-segwitu tal-prefinanzjament.

2.6.2 Spejjeż imħallsa minn qabel

	EUR miljuni	
	31.12.2012	31.12.2011
Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja	2 717	3 378
Skemi ta' Għajnuna	998	720
Total	3 715	4 098

Fil-qafas tal-programmi tal-fondi strutturali 2007-2013, il-pagamenti jistgħu jsiru mill-baġit tal-UE lill-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-Istrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja (kemm fil-forma ta' self, investimenti ta' ekwità jew inkella garanziji) stabbiliti u mmexxija taħt ir-responsabilità tal-Istati Membri. Il-flejjes li ma jintużawx minn dawn l-istrumenti fi tmiem is-sena huma proprjetà tal-UE (bħal bil-prefinanzjament standard) u b'hekk huma ttrattati bħala ass fuq il-karta bilanċjali tal-Kummissjoni. Madankollu, l-atti legali bażiċi ma jobbligawx lill-Istati Membri sabiex jipprovdu rapporti perjodiċi lill-Kummissjoni dwar l-użu li għamlu minn dawn il-pagamenti bil-quddiem, u f'xi każijiet lanqas ma jidentifikawhom fid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ppreżentati lill-Kummissjoni. B'hekk, u fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri dwar l-użu tal-fondi, issir stima fi tmiem kull sena tal-valur ta' dan l-ass.

L-ammonti inklużi taħt l-intestatura tal-Iskemi ta' Għajnuna huma l-istima tal-Kummissjoni tal-pagamenti miftuħa bil-quddiem għal bosta skemi ta' għajnuna (għajnuna mill-istat, miżuri tas-suq tal-FAEG).

ASSI KURRENTI

2.7 INVENTARJI

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Materjali xjentifiċi	81	78
Oħrajn	57	16
Total	138	94

2.8 ASSI FINANZJARJI KURRENTI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	2.8.1	1 858	3 619
Self	2.8.2	123	102
Total		1 981	3 721

2.8.1 Assi finanzjarji kurrenti disponibbli għall-bejgħ

L-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ jinxtraw għar-redditu jew il-qlich fuq l-investiment tagħhom, jew jinżammu biex jistabbilixxu struttura ta' ass partikolari jew sors sekondarju ta' likwidità u għaldaqstant jistgħu jinbiegħu bħala tweġiba għal ħtiġijiet ta' likwidità jew bidliet fir-rati tal-imgħax. It-tabella li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn l-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ li jifdlilhom maturità għal qabel tmiem l-2013:

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Fond ta' Garanzija	268	—
KEFA f'likwidazzjoni	490	1 463
Investimenti BUFI	845	1 358
Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF)	160	547
Strument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T (LGTT)	23	97
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	69	151
Investimenti oħrajn disponibbli għall-bejgħ	3	3
Total	1 858	3 619

Kif spjegat fin-nota 2.4.1, il-preżentazzjoni ta' assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ inbidlet mill-2012 'il quddiem. Li kieku ntuża l-istess approċċ fil-kontijiet tal-2011, il-kumparattivi kienu jkunu kif ġej:

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Fond ta' Garanzija	268	201
KEFA f'likwidazzjoni	490	481
Investimenti BUFI	845	770
Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF)	160	182
Strumenti ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T (LGTT)	23	49
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	69	60
Investimenti oħrajn disponibbli għall-bejgħ	3	3
Total	1 858	1 746

2.8.2 *Self kurrenti*

Inklużi f'din l-intestatura hawn self li fadlilhom maturitajiet finali fanqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali (ara n-nota 2.4.2.2 ta' hawn fuq għal aktar dettalji). F'din l-intestatura hawn inklużi wkoll depożiti b'terminu fiss tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EUR 42 miljun) u l-KEFA f'likwidazzjoni (EUR 22 miljun).

2.9 RIĊEVIBBLI U REKUPERABBLI KURRENTI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Multi	2.9.1	4 090	3 125
Stati Membri	2.9.2	6 270	2 693
Dħul dovut u allokazżjonijiet differiti	2.9.3	3 368	3 267
Riċevibbli u rekuperabbli oħrajn	2.9.4	311	392
Total		14 039	9 477

It-total ta' hawn fuq fih stima ta' EUR 13 729 miljun (2011: EUR 8 955 miljun) relatati ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju.

2.9.1 *Multi*

Din tikkonċerna ammonti għall-irkupru relatati ma' multi maħruġa mill-Kummissjoni ta' EUR 4 357 miljun (2011: EUR 3 369 miljun) li minnhom jitnaqqas tniżżil fil-valur ta' EUR 267 miljun (2011: EUR 244 miljun).

Garanziji b'total ta' EUR 2 513 miljun kienu ġew riċevuti għall-multi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2012 (2011: EUR 3 012 miljun) fir-rigward ta' dawn ir-riċevibbli. Ta' min jinnota li EUR 1 471 miljun mir-riċevibbli kienu dovuti għal pagament wara l-31 ta' Diċembru 2012.

2.9.2 *Stati Membri*

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Riċevibbli tal-FAEG u l-Iżvilupp Rurali:		
FAEG	1 172	1 439
FAEŻR	14	23
STŻR	44	37
SAPARD	136	142
Tniżżil fil-valur	(814)	(771)
Total	552	870
VAT imħallsa u rekuperabbli	44	41
Riżorsi proprji:		
Stabbiliti fil-kont A	45	29
Stabbiliti fil-kont separat	1 294	1 263
Riżorsi proprji li għandhom ikunu riċevuti	3 617	—
Tniżżil fil-valur	(773)	(779)
Oħrajn	16	114
Total	4 199	627
Riċevibbli oħrajn mill-Istati Membri:		
Irkupru tal-prefinanzjament mistenni	1 220	963
Oħrajn	255	192
Total	1 475	1 155
Total	6 270	2 693

Riċevibbli oħrajn tal-FAEG u l-Iżvilupp Rurali

Din l-entrata tkopri primarjament l-ammonti dovuti mill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru, kif iddikjarati u ċertifikati mill-Istati Membri fil-15 ta' Ottubru. Tinhaq stima għar-riċevibbli li jirriżultaw wara din iddikjarazzjoni u sal-31 ta' Diċembru. Il-Kummissjoni toħroġ stima ta' tniżżil fil-valur ukoll għall-ammonti dovuti mill-benefiċjarji li aktarx li mhumiex sejrini ikunu rkuprati. Il-fatt li jsir aġġustament bħal dan ma jfissirx li l-Kummissjoni qiegħda tirrinunzja għall-irkupru ta' dawn l-ammonti fil-ġejjieni. Huwa inkluż ukoll tnaqqis ta' 20 % fl-aġġustament, u jikkorrispondi għal dak li l-Istati Membri jistgħu jżommu sabiex ikopru l-kostijiet amministrattivi.

Riċevibbli tar-riżorsi proprji

Iż-żieda importanti fir-riċevibbli mill-Istati Membri hija spjegata l-aktar minn EUR 3 617 miljun frizorsi proprji li għandhom ikunu riċevuti fil-31 ta' Diċembru 2012 relatati mal-Baġits Emendatorji 5 u 6/2012. Dawn il-Baġits Emendatorji ġew adottati fil-21 ta' Novembru 2012 u t-12 ta' Diċembru 2012 rispettivament. Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 l-entrati li jikkorrispondu għar-riaġġustamenti tal-kontribuzzjonijiet tal-ING ġew eżegwiti fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Jannar 2013.

Ta' min jinnota li l-Istati Membri huma intitolati jżommu 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali bħala kostijiet tal-ġbir, u b'hekk iċ-ċifri ta' hawn fuq jintwerew netti minn dan it-tnaqqis. Fuq il-bażi tal-istimi mibgħuta mill-Istati Membri, tniżżil fil-valur tnaqqas mir-riċevibbli mill-Istati Membri. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni qiegħda tirrinunzja għall-irkupru tal-ammonti koperti minn dan l-aġġustament fil-valur.

2.9.3 Dħul dovut u allokazjonijiet differiti

	EUR miljuni	
	31.12.2012	31.12.2011
Dħul dovut	3 002	2 952
Allokazzjonijiet differiti	351	296
Oħrajn	15	19
Total	3 368	3 267

L-ammont ewlieni f'din l-intestatura huwa dħul dovut:

	EUR miljuni	
	31.12.2012	31.12.2011
Riżorsi proprji	2 388	2 644
Dħul assenjat għall-agrikoltura Novembru u Diċembru	218	111
Fondi ta' Koeżjoni, Reġjonali u tal-Iżvilupp Rurali: korrezzjonijiet finanzjarji	276	16
Dħul dovut ieħor	120	181
Total	3 002	2 952

2.9.4 Riċevibbli u rekuperabbli oħrajn

Inklużi f'din l-intestatura hawn l-aktar rekuperabbli ta' ammonti tal-prefinanzjament, l-irkupru ta' spejjeż kif ukoll dħul ieħor minn azzjonijiet amministrattivi u operazzjonali.

2.10 PREFINANZJAMENT KURRENTI

	EUR miljuni		
	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Prefinanzjament	2.10.1	9 548	8 089
Spejjeż imħallsa minn qabel	2.10.2	3 690	2 918
Total		13 238	11 007

2.10.1 *Prefinanzjament*

Tip ta' Ġestjoni	EUR miljuni	
	31.12.2012	31.12.2011
Ġestjoni diretta ċentralizzata	3 289	3 048
Ġestjoni indiretta ċentralizzata	3 908	3 037
Ġestjoni deċentralizzata	301	330
Ġestjoni kondiviża	1 008	761
Ġestjoni konġunta	844	803
Implimentati minn Istituzzjonijiet u Aġenziji oħrajn	198	110
Total	9 548	8 089

Il-bilanċ tal-prefinanzjament kurrenti għandu żewġ komponenti differenti: il-prefinanzjament gross u d-dovuti li saru fuq dan il-prefinanzjament (li saru biex jirriflettu n-nefqa relatata stmata li ġiet sostnuta fi tmiem is-sena). Iż-żewġ elementi ttieħdu f'kunsiderazzjoni għal analiżi xierqa tal-varjazzjoni tal-bilanċ kurrenti nett tal-prefinanzjament minn sena għal oħra.

Minn naħa, is-sena 2012 rat tnaqqis ieħor ta' EUR 3 biljun fi prefinanzjament kurrenti gross fil-ġestjoni kondiviża minħabba l-avvanz importanti fil-proċess tal-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni ta' qabel 2000-2006. Min-naħa l-oħra, id-dovuti fuq dan il-prefinanzjament naqsu bi EUR 3,3 biljun, u dan wassal għal żieda ġenerali ta' EUR 0,3 biljun fil-prefinanzjament kurrenti nett. Ir-raġuni għal dan iċ-ċaqliq tinsab fis-sovrappożizzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni ta' qabel 2000-2006 (li issa jinsab fil-fażi tal-għeluq tiegħu mal-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2007-2013. Filwaqt li l-prefinanzjament relatat mal-perjodu ta' programmazzjoni ta' qabel huwa stmat li ntuża kompletament (jiġifieri bilanċ nett zero), il-prefinanzjament tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali huwa stmat li ntuża biss b'mod parzjali sal-31 ta' Diċembru 2012. Il-parti li fadal hija stmata li sejra tintuża fl-2013 jew aktar tard.

Hija osservata sitwazzjoni simili għall-ġestjoni diretta ċentralizzata, fejn il-prefinanzjament gross naqas b'EUR 741 miljun, filwaqt li l-prefinanzjament żdied f'tit b'EUR 241 miljun.

2.10.2 *Spejjeż imħallsa minn qabel*

	EUR miljuni	
	31.12.2012	31.12.2011
Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja	1 358	1 126
Skemi ta' Għajnuna	2 332	1 792
Total	3 690	2 918

2.11 **FLUS U EKWIVALENTI TA' FLUS**

	Nota	EUR miljuni	
		31.12.2012	31.12.2011
Flus mhux ristretti:	2.11.1		
Kontijiet ma' Teżori u Banek Ċentrali		2 203	7 450
Kontijiet kurrenti		967	1 099
Kontijiet imprest		38	43
Trasferimenti (flus fi tranżitu)		(1)	(5)
Total		3 207	8 587
Flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji u depożiti b'terminu fiss	2.11.2	2 345	2 028
Flus ristretti	2.11.3	5 122	8 320
Total		10 674	18 935

2.11.1 *Flus mhux ristretti*

Il-flus mhux ristretti jkopru l-fondi kollha li l-UE żżomm fil-kontijiet tagħha f'kull Stat Membru u pajjiż tal-EFTA (teżor jew bank ċentrali), kif ukoll f'kontijiet kurrenti, kontijiet imprest u flejjes żgħar.

It-tnaqqis importanti fil-flus mhux ristretti kien ikkaġunat l-aktar minn tnaqqis fil-kontijiet ma' teżori u banek ċentrali. Il-bilanċ ta' tmiem tal-2012 kien ferm anqas mill-bilanċ ta' tmiem tal-2011 minħabba r-rata għolja tar-riżultat tal-baġit għall-2012. Barra minn hekk, riżervi ta' flus addizzjonali li huma relatati mal-Baġit Emendatorju 5/2012 u l-Baġit Emendatorju 6/2012 ġew riċevuti biss fl-2013.

2.11.2 *Flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji u depożiti b'terminu fiss*

L-ammonti murija f'din l-intestatura huma fil-parti l-kbira ekwivalenti ta' flus (EUR 1 845 miljun) ġestiti minn fiduċjarji fisem il-Kummissjoni għall-fini ta' implimentazzjoni ta' programmi partikolari ta' strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE u depożiti oħrajn b'terminu fiss (EUR 500 miljun). B'hekk, il-flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji jstgħu jintużaw biss fil-programm tal-istrumenti finanzjarji kkonċernat. Fi tmiem is-sena, kienu ġew impenjati EUR 100 miljun għal strumenti finanzjarji ġestiti minn fiduċjarji, iżda li kienu għadhom ma ġewx prelevati minn partijiet oħrajn.

Kif spjegat fin-nota **2.4.1**, il-preżentazzjoni tal-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ u l-flus u l-ekwivalenti ta' flus relatati nbidlet mill-2012 'il quddiem. Fl-2012, din l-intestatura tinkludi l-flus u l-ekwivalenti ta' flus tal-Fond ta' Garanzija filwaqt li t-total tal-2011 ma jinkludix it-EUR 302 miljuni fi flus u ekwivalenti ta' flus tal-Fond ta' Garanzija għall-2011, li kienu ntwerew taħt assi finanzjarji mhux kurrenti disponibbli għall-bejgħ. Li kieku fil-kontijiet tal-2011 ġiet segwita l-preżentazzjoni l-ġdida, inkluż il-wiri tal-flus li jappartjenu għall-istrumenti finanzjarji kollha f'linja separata, il-kumparattivi kienu jkunu EUR 963 miljun għall-kontijiet kurrenti u EUR 2 466 miljun għall-flus li jappartjenu għal strumenti finanzjarji u depożiti b'terminu fiss.

2.11.3 *Flus ristretti*

Flus ristretti jirreferu għal ammonti riċevuti b'rabta ma' multi maħruġa mill-Kummissjoni li għalihom il-każ għadu miftuħ. Dawn jinżammu f'kontijiet ta' depożitu speċifiċi li ma jintużawx għal attivitajiet oħrajn. F'każ li jkun ġie ppreżentat appell jew meta ma jkunx magħruf jekk hux sejra ssir appell mill-parti l-oħra, l-ammont sottostanti jintwera bħala obbligazzjoni kontinġenti fin-nota **5.2**.

It-tnaqqis fil-flus ristretti huwa dovut għal żewġ raġunijiet ewlenin: min-naħa, kien hemm numru ta' deċiżjonijiet finali mill-Qorti tal-Ġustizzja li kienu jikkonċernaw ammonti importanti, u min-naħa l-oħra, kien hemm użu akbar tal-fond maħluq b'mod speċifiku għall-multi (BUFI). Mill-1 ta' Jannar 2010 il-multi kollha msarrfa b'mod provviżorju bdew jitmexxew mill-Kummissjoni f'dan il-fond u investiti fi strumenti finanzjarji kategorizzati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ (ara n-nota **2.4** u **2.8**).

OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI

2.12 PENSJONI U BENEFIĊĠI OĦRAJN TAL-IMPJEGATI

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Pensjonijiet – Persunal	37 528	30 617
Pensjonijiet – Oħrajn	968	777
Skema Konġunta tal-Assigurazzjoni tal-Mard	4 007	3 441
Total	42 503	34 835

Iż-żieda importanti fl-obbligazzjoni tal-pensjoni hija spjegata mit-tnaqqis imdaqas fir-rata ta' skont applikata, li tirriżulta f'telf attwarjali kbir għas-sena.

2.12.1 Pensjonijiet – Persunal

B'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-pagament tal-benefiċċji stipulati fl-iskema ta' pensjoni tal-persunal (PSEO: Skema ta' Pensjoni għall-Uffiċjali Ewropej) jikkostitwixxi nefqa fil-baġit tal-UE. Din l-iskema mhijiex iffinanzjata, iżda l-Istati Membri jiggarrantixxu l-ħlas ta' dawn il-benefiċċji b'mod kollettiv skont l-iskala stabbilita għall-finanzjament ta' din in-nefqa. Barra minn hekk, l-uffiċjali jikkontribwixxu għal terz għall-finanzjament fit-tul ta' din l-iskema permezz ta' kontribuzzjoni obbligatorja.

L-obbligazzjonijiet tal-iskema ta' pensjoni ġew ivvalutati fuq il-bażi tan-numru ta' persunal u persunal irtirat fil-31 ta' Diċembru 2012 u fuq ir-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli f'din id-data. Din il-valwazzjoni twettqet skont il-metodoloġija ta' IPSAS 25 (u għaldaqstant anki r-regola 12 tal-UE dwar il-kontabilità). Il-metodu użat biex tiġi kkalkolata din l-obbligazzjoni huwa l-metodu ta' kreditu għal kull unità proġettata. Is-suppożizzjonijiet attwarjali ewlenin disponibbli fid-data ta' valwazzjoni u użati fil-valwazzjoni kienu kif ġej:

Obbligazzjoni tal-pensjoni tal-persunal	31.12.2012	31.12.2011
Rata ta' skont nominali	3,6 %	4,9 %
Rata tal-inflazzjoni mistennija	2,0 %	1,8 %
Rata ta' skont reali	1,6 %	3,0 %
Probabilità ta' żwieġ: Raġel/Mara	84 %/38 %	84 %/38 %
Tkabbir fis-Salarju Ġenerali/rivalorizzar tal-pensjoni	0 %	0 %
Tabella Internazzjonali 2008 dwar il-Ħajja tal-Ħaddiema tas-Servizz Pubbliku	Yes	Yes

Ċaqliq fl-obbligazzjoni ta' Benefiċċji Grossi tal-Impjegati

EUR miljuni

	Obbligazzjoni tal-pensjoni tal-persunal	Assigurazzjoni tal-Mard
Obbligazzjoni Gross fi tmiem is-sena	34 233	3 711
Kost tas-servizz/normali	1 144	—
Kost tal-imgħax	1 043	—
Benefiċċji mħallsa	(1 243)	—
Telf attwarjali	6 691	567
Bidla minħabba parteċipanti ġodda	93	—
Obbligazzjoni Gross fi tmiem is-sena	41 961	4 278
Koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikati għall-pensjonijiet	1 022	N/A
Tnaqqis ta' taxxi fuq pensjonijiet	(5 455)	N/A
Assi tal-pjan	N/A	(271)
Obbligazzjoni netta fi tmiem is-sena	37 528	4 007

2.12.2 Pensjonijiet – Oħrajn

Din tirreferi għall-obbligazzjoni relatata mal-obbligi tal-pensjoni lejn il-Membri u dawk li kienu Membru tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja (u l-Qorti Ġenerali) u l-Qorti tal-Awdituri, is-Segretarji Ġenerali tal-Kunsill, l-Ombudsman, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. F'din l-intestatura hemm inkluża wkoll obbligazzjoni relatata mal-pensjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

2.12.3 Skema Konġunta tal-Assigurazzjoni tal-Mard

Issir valwazzjoni wkoll għall-obbligazzjoni stmata li l-UE għandha rigward il-kontribuzzjonijiet tagħha għall-iskema Konġunta tal-Assigurazzjoni tal-Mard fir-rigward tal-persunal irtirat tagħha. L-obbligazzjoni gross ġiet ivvalutata għal EUR 4 278 miljun u l-assi tal-pjan ta' EUR 271 miljun jitnaqqsu mill-obbligazzjoni gross biex tasal għall-ammont nett. Ir-rata ta' skont u t-tkabbir tas-salarju ġenerali użati fil-kalkolu huma l-istess bħal dawk użati fil-valwazzjoni tal-pensjoni tal-persunal.

2.13 PROVVEDIMENTI MHUX KURRENTI

EUR miljuni							
	Ammont fil-31.12.2011	Provvedimenti addizzjonali	Ammonti mhux użati m'reġġa' lura	Ammonti użati	Trasferiment għal kurrenti	Bidla fl-istima	Ammont fil-31.12.2012
Kawżi legali	368	58	(241)	(53)	0	0	132
Żarmar ta' siti nukleari	1 005	0	0	(3)	(29)	24	997
Finanzjarji	100	38	0	0	(33)	3	108
Oħrajn	22	1	(1)	(1)	0	0	21
Total	1 495	97	(242)	(57)	(62)	27	1 258

Kawżi legali

Din hija l-istima tal-ammonti li aktarx se jrin ikollhom jitħallsu wara li jgħaddu 12-il xahar minn tmiem is-sena fir-rigward ta' numru ta' kawżi legali li għaddeja bħalissa. It-tnaqqis fil-provvedimenti tal-kawżi legali huwa dovut l-aktar għall-għeluq tal-kawża fil-qorti tal-FAEG fl-2012.

Żarmar ta' siti nukleari

Fl-2008, konsorzju ta' esperti indipendenti għamel aġġornament tal-istudju tiegħu tal-2003 fl-ispejjeż smati tad-dekummissjonament tal-faċilitajiet nukleari tal-JRC u l-programm ta' mmaniġġjar tal-iskart. L-istima riveduta tagħhom ta' EUR 1 222 miljun (qabel kienet EUR 1 145 miljun) tittieħed bħala l-bażi għall-provvediment li għandu jkun inkluż fir-rapporti finanzjarji. B'konformità mar-regoli tal-UE dwar il-kontabilità, din l-istima hija indiċizzata għall-inflazzjoni u mbagħad skontata għall-valur preżenti nett tagħha (billi tintuża l-kurva tas-swaps bla kupun tal-euro). Fid-dawl tad-durata smata ta' dan il-programm (madwar 20 sena), ta' min jinnota li hemm ċerta inċertezza dwar din l-istima, u l-kost finali jista' jkun differenti mill-ammonti mdaħħla bħalissa.

Provvedimenti finanzjarji

Dawn jikkonċernaw provvedimenti li jirrappreżentaw it-telf smat li se jrin jiġu sostnutii fir-rigward tal-garanziji mogħtija fil-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs tal-1998, il-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs tal-2001 u l-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs tal-2007 skont is-CIP u l-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (Garanzija), fejn il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) jingħata s-setgħa li joħroġ garanziji f'ismu stess iżda filwaqt li jirrappreżenta l-Kummissjoni u bir-riskju tagħha. Madankollu, ir-riskju finanzjarju marbut mal-garanziji prelevati u mhux prelevati huwa limitat. Il-provvedimenti finanzjarji mhux kurrenti huma skontati għall-valur preżenti nett tagħhom (billi tintuża r-rata annwali tas-Swap tal-Euro).

2.14 OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI MHUX KURRENTI

EUR miljuni		
	31.12.2012	31.12.2011
Teħid b'self mhux kurrenti	57 252	41 200
Fond ta' Garanzija tal-Eliminazzjoni ⁽¹⁾	(20)	(21)
Total	57 232	41 179

⁽¹⁾ Il-Fond ta' Garanzija għandu bonds tal-EFSM maħruġa mill-Kummissjoni, u b'hekk dawn iridu jiġu eliminati.

Teħid b'self mhux kurrenti

EUR miljuni						
	MFA	Euratom	BOP	EFSM	KEFA f'Likwidazzjoni	Total
Total fil-31.12.2011	595	451	11 625	28 344	236	41 251
Teħid b'self ġdid	39	—	—	15 800	—	15 839
Ripagamenti	(84)	(24)	—	—	(46)	(154)

EUR miljuni

	MFA	Euratom	BOP	EFSM	KEFA f'Lik-widazzjoni	Total
Differenzi tal-kambju	—	—	—	—	4	4
Bidliet fl-ammont riportat	(1)	(2)	(2)	332	—	327
<i>Total fil-31.12.2012</i>	549	425	11 623	44 476	194	57 267
<i>Ammont dovut < sena</i>	15	—	—	—	—	15
Ammont dovut > sena	534	425	11 623	44 476	194	57 252

Din l-intestatura tinkludi teħid b'self dovut mill-UE li jimmatra f'aktar minn sena. It-teħid b'self jinkludi djun evidenzjati minn ċertifikati li jammontaw għal EUR 57 026 miljun (2011: EUR 41 011 miljun). Il-bidliet fl-ammont riportat jikkorrispondu għall-bidla fl-imgħaxijiet dovuti. Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitatiet ta' għoti u teħid b'self, ara n-nota 7.

2.15 OBBLIGAZZJONIJIET OĦRAJN MHUX KURRENTI

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Djun ta' Kirjiet Finanzjarji	2 040	1 603
Bini mħallas f'pagamenti akkont	352	367
Oħrajn	135	89
Total	2 527	2 059

OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI

2.16 PROVVEDIMENTI KURRENTI

EUR miljuni

	Ammont fil-31.12.2011	Provvedimenti addizzjonali	Ammonti mhux użati m'reġġa' lura	Ammonti użati	Trasferimenti minn mhux kurrenti	Bidla fl-istima	Ammont fil-31.12.2012
Kawżi legali	17	218	(2)	(9)	0	0	224
Żarmar ta' siti nukleari	29	0	0	(29)	29	0	29
Finanzjarji	165	30	0	(43)	33	3	188
Oħrajn	59	342	(32)	(5)	1	0	365
Total	270	590	(34)	(86)	63	3	806

2.17 OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI KURRENTI

Din l-intestatura hija relatata ma' teħid b'self (ara n-nota 2.14) li jimmatra matul it-12-il xahar ta' wara d-data tal-karta bilanċjali.

2.18 PAGABBLI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Sehem kurrenti ta' obligazzjonijiet mhux kurrenti	2.18.1	89	81
Pagabbli	2.18.2	21 558	22 311
Imgħaxijiet dovuti u dħul differit	2.18.3	68 436	69 081
Total		90 083	91 473

2.18.1 *Sehem kurrenti ta' obligazzjonijiet mhux kurrenti*

EUR miljuni		
	31.12.2012	31.12.2011
Djun ta' Kirjiet Finanzjarji	70	66
Oħrajn	19	15
Total	89	81

2.18.2 *Pagabbli*

EUR miljuni		
	31.12.2012	31.12.2011
Stati Membri	23 029	22 200
Fornituri u oħrajn	1 704	1 611
Ammonti stmata mhux eliġibbli u prepagamanti pendenti	(3 175)	(1 500)
Total	21 558	22 311

Il-pagabbli jinkludu dikjarazzjonijiet tal-kostijiet riċevuti mill-Kummissjoni fil-qafas tal-attivitajiet ta' għoti. Huma kreditati għall-ammont pretensjonat mill-mument li tasal it-talba. Jekk il-kontroparti hija Stat Membru, din tkun ikklassifikata bħala tali. Hija l-istess proċedura għal fatturi u noti tal-kreditu riċevuti f'attivitajiet ta' akkwist. Il-pretensjonijiet tal-kost ikkonċernati ttieħdu f'kunsiderazzjoni għall-proċeduri ta' limitu ta' tmiem is-sena. Għalhekk, billi ġew segwiti dawn l-entrati ta' limitu, l-ammonti eliġibbli stmata ġew irreġistrati fil-kontijiet bħala spejjeż, filwaqt li l-parti li fadal hija ddivulgata bħala "ammonti stmata mhux eliġibbli u prepagamanti pendenti" (ara aktar 'l isfel). Sabiex l-assi u l-obbligazzjonijiet ma jiġux stmata żżejjed, ġie deċiż li jiġi ppreżentat l-ammont nett taħt l-obbligazzjonijiet kurrenti.

Stati Membri

L-ammonti primarji ta' hawnhekk huma relatati ma' pretensjonijiet tal-kost mhux imħallsa għal azzjonijiet tal-Fond Strutturali (EUR 5,6 biljun għall-FSE u EUR 15,6 biljun għall-FEŻR u s-CF).

Fornituri u oħrajn

Inklużi taħt din l-intestatura hemm il-pagabbli varji, l-ammonti dovuti wara attivitajiet ta' għoti u tal-akkwist, kif ukoll ammonti pagabbli lil korpi pubbliċi u entitajiet mhux ikkonsolidati (eż. l-FEŻ).

Ammonti stmata mhux eliġibbli u prepagamanti pendenti

Il-pagabbli jitnaqqsu b'dik il-parti tat-talbiet għal rimborż riċevuti, li madankollu għadhom mhumiex ivverifikati, li tqieset li hija ineliġibbli. L-akbar ammonti jikkonċernaw id-DG tal-Azzjonijiet Strutturali. Il-pagabbli jitnaqqsu wkoll bil-parti tat-talbiet għal rimborż riċevuti li jikkorrispondu għan-nefqa mħallsa minn qabel li għad trid titħallas fi tmiem is-sena (EUR 2,4 biljun).

2.18.3 *Allokazzjonijiet dovuti u dħul differit*

EUR miljuni		
	31.12.2012	31.12.2011
Allokazzjonijiet dovuti	68 216	68 577
Dħul differit	201	490
Oħrajn	19	14
Total	68 436	69 081

Il-qsim tal-allokkazzjonijiet dovuti sar kif ġej:

	EUR miljuni	
	31.12.2012	31.12.2011
Agrikoltura u Żvilupp Rurali:		
FAEG: Perjodu ta' ghajjnuna diretta bejn 16/10 sa 31/12	33 040	33 774
FAEG: Ghajjnuna Diretta – intitolamenti oħrajn	11 492	10 701
FAEG: Ristrutturar taz-zokkor	0	224
FAEG: Oħrajn	1	23
FAEŻR	12 497	12 127
Total	57 030	56 849
Azzjonijiet Strutturali:		
FES/SFGS	66	56
FEŻR u Fond ta' Koeżjoni	4 359	4 791
ISPA	382	172
FSE	1 378	1 687
Total	6 185	6 706
Allokkazzjonijiet dovuti oħrajn:		
Riċerka u Żvilupp	1 077	1 157
Oħrajn	3 924	3 865
Total	5 001	5 022
Total	68 216	68 577

ASSI NETTI

2.19 RIŻERVI

	EUR miljuni		
	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Riżerva ta' valur ġust	2.19.1	150	(108)
Riżerva tal-Fond ta' Garanzija	2.19.2	2 079	1 911
Riżervi oħrajn	2.19.3	1 832	1 805
Total		4 061	3 608

2.19.1 Riżerva ta' valur ġust

B'konformità mar-regoli dwar il-kontabilità, l-aġġustament fil-valur ġust tal-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ jingħadd permezz tar-riżerva ta' valur ġust. Fl-2012, inħarġu EUR 5 miljun netti (2011: EUR 24 miljun) fi tnaqqis akkumulat tal-valur ġust mir-riżerva ta' valur ġust u ġew rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu relatat ma' assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

2.19.2 Riżerva tal-Fond ta' Garanzija

Din ir-riżerva tirrifletti l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-ammonti pendenti ggarantiti mill-Fond li huwa meħtieġ li jinżamm bħala assi.

2.19.3 Riżervi oħrajn

L-ammont huwa primarjament relatat mar-riżerva tal-KEFA f'likwidazzjoni (EUR 1 534 miljun) għall-assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar u nħoloq fil-kuntest tal-istralċ tal-KEFA.

2.20 AMMONTI LI GĦANDHOM JIĠU EŻERĊITATI MILL-ISTATI MEMBRI

EUR miljuni

	Ammont
Ammonti li għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri fil-31.12.2011	37 458
Radd lura tal-bilanċ pożittiv tal-baġit 2011 lill-Istati Membri	1 497
Ċaqliq fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija	168
Ċaqliq ieħor fir-riżerva	25
Riżultat ekonomiku tas-sena	5 329
Ammonti totali li għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri fil-31.12.2012	44 477
Maqsuma bejn:	
Benefiċċji tal-impjegati	42 503
Ammonti oħrajn	1 974

Dan l-ammont jirrappreżenta dik il-parti tal-ispejjeż diġà sostnuti mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2012 li jridu jiġu ffinanzjati mill-baġits tal-ġejjieni. Ħafna mill-ispejjeż huma rikonoxxuti skont ir-regoli dwar il-kontabilità bbażata fuq id-dovuti fis-sena N għad li proprjament jistgħu jitħallsu fis-sena N+1 u ffinanzjati billi jintuża l-baġit tas-sena N+1. L-inklużjoni fil-kontijiet ta' dawn l-obbligazzjonijiet flimkien mal-fatt li l-ammonti korrispondenti huma ffinanzjati minn baġits tal-ġejjieni, tirriżulta f'obbligazzjonijiet li jaqbżu sew l-assi fi tmiem is-sena. L-aktar ammonti importanti li ta' min jixħet l-attenzjoni fuqhom huma l-attivitajiet tal-FAEG. Il-parti l-kbira tal-ammonti li għandhom jiġu eżerċitati huma fil-fatt imħallsa mill-Istati Membri f'anqas minn 12-il xahar wara tmiem is-sena finanzjarja inkwistjoni bħala parti mill-baġit tas-sena li jmiss.

Essenzjalment huma biss l-obbligi ta' benefiċċju tal-impjegati tal-Kummissjoni lejn il-persunal tiegħu li jitħallsu fuq perjodu itwal, u ta' min jinnota li l-finanzjament tal-pagamenti tal-pensjoni mill-baġits annwali huwa ggarantit mill-Istati Membri. Għal skopijiet ta' informazzjoni biss, hawn taħt qiegħda tingħata stima tal-qsim tal-pagamenti tal-benefiċċju tal-impjegati fil-ġejjieni:

EUR miljuni

	Ammont
Ammonti li għandhom jitħallsu fl-2013	1 399
Ammonti li għandhom jitħallsu wara l-2013	41 104
Obbligazzjoni totali ta' benefiċċji tal-impjegati fil-31.12.2012	42 503

Ta' min jinnota wkoll li dawn ta' hawn fuq ma għandhom ebda effett fuq ir-riżultat tal-baġit – id-dħul tal-baġit dejjem għandu jkun daqs jew akbar min-nefqa tal-baġit u kwalunkwe dħul eċċessiv jitrodd lura lill-Istati Membri.

3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-INTROJTU

3.1 DĦUL MINN RIŻORSI PROPRI U KONTRIBUZZJONIJIET

EUR miljuni

	Nota	2012	2011
Riżorsi tal-ING		98 061	88 442
Riżorsi proprji tradizzjonali: Dazji doganali		16 087	16 528
Imposti fuq iz-zokkor		157	161
Riżorsi tal-VAT		14 871	14 763
Dħul minn riżorsi proprji	3.1.1	129 176	119 894

		EUR miljuni	
	Nota	2012	2011
Aġġustamenti baġitarji	3.1.2	1 439	4 533
Kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi (inkl. l-EFTA)		304	250
Total		130 919	124 677

3.1.1 *Dħul minn riżorsi proprji*

Ir-riżorsi proprji huma l-element primarju tad-dħul operatorju tal-UE. B'hekk, il-parti l-kbira tan-nefqa hija ffinanzjata minn riżorsi proprji peress li dħul ieħor jirrappreżenta biss parti żgħira tal-finanzjament totali. Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprji: riżorsi proprji tradizzjonali ("TOR"), ir-riżorsa bbażata fuq il-VAT u r-riżorsa bbażata fuq l-ING. Riżorsi proprji tradizzjonali jinvolve imposti fuq iz-zokkor u dazji doganali. Anki mekkaniżmu ta' korrezzjoni fir-rigward tal-iżbilanċi tal-baġit (Tnaqqis tar-Renju Unit) kif ukoll tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq l-ING tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja huma parti mis-sistema ta' riżorsi proprji. L-Istati Membri jżommu, permezz ta' kostijiet tal-ġbir, 25 % mir-riżorsi proprji tradizzjonali, u l-ammonti ta' hawn fuq jintwerew netti wara dan it-tnaqqis.

Ta' min jinnotta li fl-2011 l-awtoritajiet Belġjani ppreżentaw pretensjoni ta' rifużjoni ta' madwar EUR 126 miljun (netti) rigward ammonti ttrasferiti lill-baġit tal-UE taħt it-TOR. Peress li l-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni u l-awditjar imwettaq mill-Qorti tal-Awdituri xeħtu dawl fuq xi nuqqasijiet fis-sistemi ta' kklerjar u kontabilistiċi tal-Belġju, li ħallew impatt ukoll fuq l-affidabilità tal-ammonti ttrasferiti lill-baġit tal-UE taħt it-TOR, sar awditjar estern. Fl-ewwel semestru tal-2013 saret spezzjoni addizzjonali tas-servizzi tal-Kummissjoni li tevalwa r-riżultati tal-awditjar, inkluża l-pretensjoni ta' rifużjoni u l-azzjonijiet korrettivi meħuda fejn meħtieġ. Il-konklużjonijiet tal-awditjar, appoġġjati mill-ispezzjoni tal-Kummissjoni, ikkonfermat li l-pretensjoni ta' rifużjoni hija ħielsa minn żbalji materjali u li l-kalkolu tagħha huwa affidabbli. Għaldaqstant, fil-31 ta' Diċembru 2012 ġie rreġistrat provvediment fil-kontijiet tal-Kummissjoni biex ikopri r-rimborż tal-pretensjoni lill-awtoritajiet Belġjani, li sejjer jiġi pproċessat fl-2013.

3.1.2 *Aġġustamenti baġitarji*

L-aġġustamenti baġitarji jinkludu l-bilanċ pożittiv tal-baġit mill-2011 (EUR 1 497 miljun) li huwa mrodd lura indirettament lill-Istati Membri permezz ta' tnaqqis tal-ammonti ta' riżorsi proprji li jridu jittrasferixxu lill-UE fis-sena ta' wara – u b'hekk dan jiġi dħul għall-2012.

3.2 **DĦUL OPERATORJU IEĦOR**

		EUR miljuni	
	Nota	2012	2011
Multi	3.2.1	1 884	868
Imposti agrikoli	3.2.2	87	65
Irkupru ta' spejjeż:	3.2.3		
Ġestjoni diretta ċentralizzata		63	76
Ġestjoni indiretta ċentralizzata		30	17
Ġestjoni deċentralizzata		27	106
Ġestjoni konġunta		8	3
Ġestjoni kondiviża		1 376	845
Total		1 504	1 047

EUR miljuni			
	Nota	2012	2011
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi:	3.2.4		
Persunal		1 209	1 141
Dħul relatat ma' proprjetà, impjant u tagħmir		23	94
Dħul amministrattiv ieħor		59	119
Total		1 291	1 354
Dħul operatorju mixxellanju:	3.2.5		
Aġġustamenti/provedimenti		280	59
Qligħ mill-kambju		335	476
Oħrajn		1 445	1 507
Total		2 060	2 042
Total		6 826	5 376

3.2.1 Multi

Dan id-dħul huwa relatat ma' multi imposti mill-Kummissjoni għall-ksur ta' regoli dwar il-kompetizzjoni. Ir-riċevibbli u d-dħul relatat huma rikonossuti meta tittieħed deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa u meta din tkun innotifikata b'mod uffiċjali lid-destinatariju. Iż-żieda fil-multi meta mqabbla mal-2011 hija dovuta għal każ ta' multa ta' valur għoli fl-2012 relatat ma' tubi tat-televiżjoni u tal-monitors tal-komputer.

F'Marzu 2013 Microsoft weħlet multa ta' EUR 561 miljun għaliex naqset milli tippromwovi firxa ta' brawżers tal-web, minflok Internet Explorer waħdu, lill-utenti fl-UE.

3.2.2 Imposti agrikoli

Dawn l-ammonti jikkonċernaw l-aktar, l-imposti fuq il-ħalib li huma għodda ta' ġestjoni tas-suq li għandha l-għan li tippenalizza lill-produtturi tal-ħalib li jaqbzū l-kwantitajiet ta' referenza ta' tagħhom. Peress li mhijiex marbuta ma' pagamenti preċedenti mill-Kummissjoni, fil-prattika din titqies bħala dħul għal skop speċifiku.

3.2.3 Irkupru ta' spejjeż

Din l-intestatura tirrappreżenta l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni u t-tnaqqis mill-pagamenti sussegwenti rreġistrati fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni, biex jiġu rkuprati spejjeż li tħallsu qabel mill-baġit ġenerali, fuq il-bażi ta' kontrolli, awditjar magħluq jew analiżi tal-eliġibilità, flimkien ma' ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Istati Membri lil benefiċjarji ta' nefqa tal-FAEG. Tinkludi wkoll il-varjazzjoni tal-istimi tad-dħul dovuti minn tmiem is-sena preċedenti sa dik attwali.

Ta' min jinnota li dawn iċ-ċifri jirrapreżentaw l-impatt kontabilistiku tal-attivitajiet korrettivi tal-UE biss, fuq il-bażi tar-regoli tal-UE dwar il-kontabilità li hawn fis-seħħ. Għal din ir-raġuni, dawn iċ-ċifri ma jistgħux juru l-ammont sħiħ tal-irkupru tan-nefqa tal-UE, b'mod partikolari għall-oqsma ta' nfiq importanti tal-Azzjonijiet Strutturali fejn hemm fis-seħħ mekkaniżmi speċifiċi biex jiżguraw ir-ritorn ta' flejjes ineliġibbli, li ħafna minnhom ma jinvolvu il-ħruġ ta' ordni ta' rkupru u li għaldaqstant ma jħallux impatt fuq is-sistema kontabilistika tal-UE. Barra minn hekk, l-irkupri tal-ammonti ta' prefinanzjament lanqas ma huma inklużi bħala dħul, b'konformità mar-regoli tal-UE dwar il-kontabilità. Fin-Nota 6 jingħataw aktar dettalji dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri ta' spejjeż.

Agrikoltura: FAEG u żvilupp rurali

Fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), l-ammonti magħduda bħala dħul tas-sena f'din l-intestatura huma ta' EUR 1 020 miljun, imsawra kif ġej:

— korrezzjonijiet tal-konformità deċiżi matul is-sena, EUR 724 miljun;

- frodi u irregolaritajiet, EUR 296 miljun: rimborżi ddikjarati mill-Istati Membri u rkuprati matul is-sena ta' EUR 195 miljun flimkien maż-żieda netta fl-ammonti pendenti ddikjarati mill-Istati Membri li għandhom ikunu rkuprati fi tmiem is-sena u li jikkonċernaw frodi u irregolaritajiet ta' EUR 101 miljun.

Azzjonijiet Strutturali

L-irkupru ta' nefqa tal-azzjonijiet Strutturali inkluża f'din l-intestatura ammontat għal EUR 356 miljun (2011: EUR 109 miljun). L-ammonti ewlenin f'din is-sottointestatura jinkludu ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni biex tiġi rkuprata nefqa żejda li saret fis-snin preċedenti għal ammont ta' EUR 95 miljun (inklużi EUR 5 miljun relatati mal-Gwida tal-FAEGG) u l-varjazzjoni (żieda) tad-dħul dovut fi tmiem is-sena għal EUR 261 miljun.

L-ordnijiet ta' rkupru jinħarġu biss fil-każijiet li ġejjin:

- deċiżjonijiet formali ta' korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni wara s-sejbien ta' nefqa irregolari fl-ammonti mitluba mill-Istati Membri
- aġġustamenti fl-għeluq ta' programm li jwasslu għal tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-UE meta Stat Membru ma jkunx iddikjara nefqa eliġibbli suffiċjenti biex jiġġustifika l-prefinanzjament totali u l-pagamenti interim li diġà saru; it-tali operazzjonijiet jistgħu jkunu mingħajr deċiżjoni formali tal-Kummissjoni jekk ikunu aċċettati mill-Istat Membru;
- ripagament tal-ammonti rkuprati wara l-għeluq bħala segwitu għall-konklużjoni ta' proċedimenti legali li kienu pendenti fi żmien l-għeluq.

Ordnijiet ta' rkupru oħrajn maħruġa taħt l-Azzjonijiet Strutturali jikkonċernaw l-irkupru tal-prefinanzjament – ara n-nota 6.5. Dawn l-ammonti jintwerew bħala dħul, iżda huma kreditati fl-intestatura tal-prefinanzjament fil-karta bilanċjali.

3.2.4 Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi

Dan id-dħul ġej minn tnaqqis mis-salarji tal-persunal u huwa msawwar primarjament minn żewġ ammonti – kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tal-persunal u taxxi fuq id-dħul.

3.2.5 Dħul operatorju mixxellanju

Ammont ta' EUR 672 miljun (2011: EUR 535 miljun) huwa relatat ma' ammonti riċevuti minn pajjiżi aderenti. Anki qligħ mill-kambju, ħliet f'attivitajiet finanzjarji indirizzati f'ni-nota 3.5 ta' hawn taħt, huwa inkluż f'din l-intestatura. Dan jiġi mill-attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jsiru f'muniti li mhumiex euro, kif ukoll ir-rivalwazzjoni ta' tmiem is-sena meħtieġa biex jitħejjew il-kontijiet. Fih kemm qligħ realizzati kif ukoll mhux realizzati. Kien hemm qligħ nett tal-kambju ta' EUR 52 miljun (2011: EUR 94 miljun) għas-sena.

3.3 SPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI

	EUR miljuni	
	2012	2011
Spejjeż tal-persunal	5 708	5 416
Deprezzament u indeboliment	451	412
Spejjeż amministrattivi oħrajn	3 161	3 148
Total	9 320	8 976

Inklużi taħt din l-intestatura hemm spejjeż ta' EUR 379 miljun (2011: EUR 358 miljun) relatati ma' kiri operatorju – l-ammonti impenjati li għandhom jitħallsu matul it-terminu li fadal ta' dawn il-kuntratti ta' kiri huma kif ġej:

EUR miljuni

	Ammonti futuri li għandhom jitħallsu			
	< sena	1- 5 snin	> 5 snin	Total
Bini	340	947	575	1 862
Materjali tal-IT u tagħmir ieħor	5	7	0	12
Total	345	954	575	1 874

3.4 SPEJJEŻ OPERATORJI

EUR miljuni

	Nota	2012	2011
Spejjeż operatorji primarji:	3.4.1		
Ġestjoni diretta ċentralizzata		9 883	10 356
Ġestjoni indiretta ċentralizzata		4 151	4 119
Ġestjoni deċentralizzata		1 019	766
Ġestjoni kondiviża		106 378	104 067
Ġestjoni konġunta		1 819	1 714
Total		123 250	121 022
Spejjeż operatorji oħrajn:	3.4.2		
Aġġustamenti/provvedimenti		427	251
Telf mill-kambju		281	382
Oħrajn		675	2 123
Total		1 383	2 756
Total		124 633	123 778

3.4.1 Spejjeż operatorji primarji

In-nefqa operazzjonali tal-UE tkopri l-bosta intestaturi tal-qafas finanzjarju u tiegħu forom differenti, skont kif jitħallsu u jiġu mmaniġġjati l-flus. Il-maġġoranza tan-nefqa taqa' taħt l-intestatura "Ġestjoni kondiviża" li tinvolvi d-delegazzjoni tal-kompiti lill-Istati Membri, li jkopru oqsma bħall-infiq tal-FAEG u azzjonijiet ifffinanzjati permezz tal-Azzjonijiet Strutturali differenti (il-fond tal-iżvilupp reġjonali, il-fond soċjali, il-fond agrikolu għall-iżvilupp rurali, il-fond ta' koeżjoni u l-fond għas-sajd).

L-elementi ewlenin tal-ispejjeż operatorji għal ta' hawn fuq ikopru l-oqsma li ġejjin: l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali (EUR 57 biljun), l-iżvilupp rurali u l-koeżjoni (EUR 39 biljun), l-impjiegi u l-affarijiet soċjali (EUR 11-il biljun), netwerks ta' riċerka u komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija (EUR 6 biljun) u relazzjonijiet esterni (EUR 3 biljun).

3.4.2 Spejjeż operatorji oħrajn

Telf mill-kambju, ħliet fuq attivitajiet finanzjarji indirizzati fin-nota 3.6 hawn taħt, iseħħ fuq l-attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jkunu saru f'muniti oħrajn li mhumiex l-euro, kif ukoll ir-rivalwazzjoni fi tmiem is-sena meħtieġa biex jitħejjew il-kontijiet – huma kemm realizzati kif ukoll mhux realizzati.

L-intestatura tal-2011 oħrajn (taħt spejjeż operatorji oħrajn) involviet l-aktar il-korrezzjoni ta' multi maħruġa fis-snin preċedenti b'total ta' EUR 1 471 miljuni.

Kostijiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp

Inklużi kemm taħt spejjeż amministrattivi (nota 3.3) kif ukoll spejjeż operatorji hemm il-kostijiet tar-riċerka u l-kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzati kif ġej:

	<i>EUR miljuni</i>	
	2012	2011
Kostijiet tar-riċerka	331	327
Kostijiet tal-iżvilupp mhux kapitalizzati	76	145
Rikonoxxuti bħala spiża	407	472

3.5 DĦUL FINANZJARJU

	<i>EUR miljuni</i>	
	2012	2011
Dħul minn dividendi	12	5
Dħul mill-imgħax:		
Fuq prefinanzjament	28	40
Fuq pagamenti tard	242	89
Fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	100	113
Fuq self	1 559	921
Fuq flus u ekwivalenti ta' flus	26	132
Oħrajn	2	5
Total	1 957	1 300
Dħul finanzjarju ieħor:		
Qligħ realizzat fuq il-bejgħ ta' assi finanzjarji	18	3
Oħrajn	160	178
Total	178	181
Aġġustamenti tal-valur preżenti	0	1
Qligħ mill-kambju	10	4
Total	2 157	1 491

Iż-żieda fid-dħul finanzjarju huwa spjegat l-aktar minn żieda fid-dħul mill-imgħax fuq self. Din iż-żieda hija konformi mal-bilanċ miżjud tas-self tal-EFSM (ara n-noti 2.4.2 u 7). Peress li dan is-self huwa self dahar ma' dahar, ġiet osservata wkoll żieda korrispondenti fl-ispejjeż tal-imgħax fuq self (ara n-nota 3.6 hawn taħt). It-tnaqqis fid-dħul fuq flus u ekwivalenti ta' flus jista' jkun spjegat minn tniżżil importanti tar-rati tal-imgħax tas-suq irregjistrat fl-2012. Il-kategorija li ntlagtet l-aktar hija l-imgħax minn multi msarrfa b'mod provviżorju. F'din il-kategorija speċifika, l-effett ikkombinat tat-tnaqqis fir-rata tal-imgħax flimkien ma' numru importanti ta' kontijiet ta' multi magħluqa fl-2012 wassal għat-tniżżil tad-dħul mill-imgħax b'madwar EUR 81 miljun.

3.6 SPEJJEŻ FINANZJARJI

	<i>EUR miljuni</i>	
	2012	2011
Spejjeż tal-imgħax:		
Lokazzjonijiet	88	91
Fuq teħid b'self	1 545	903
Oħrajn	23	30
Total	1 656	1 024

	EUR miljuni	
	2012	2011
Spejjeż finanzjarji oħrajn:		
Aġġustamenti fil-provvedimenti finanzjarji	75	74
Spejjeż relatati ma' strumenti finanzjarji mmaniġġjati minn fiduċjarji	43	47
Telf minn indeboliment fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	8	12
Telf realizat fuq il-bejgħ ta' assi finanzjarji	4	5
Oħrajn	143	144
Total	273	282
Telf mill-kambju	13	49
Total	1 942	1 355

3.7 SEHEM TAD-DEFIĊIT NETT TA' IMPRIŻI KONGŪNTI U ASSOĊJATI

B'konformità mal-metodu tal-ekwità tal-kontabilità, il-Kummissjoni tinkludi fir-rapport tal-introjtu tagħha s-sehem tagħha fil-bilanċ negattiv nett tal-impriżi kongūnti u l-assoċjati tagħha (ara wkoll in-noti **2.3.1** u **2.3.2**).

3.8 DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TA' SKAMBJU

Fl-2012, fir-rapport tal-introjtu ġew rikonoxxuti EUR 137 023 miljun (2011: EUR 130 391 miljun) fi dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju.

3.9 RAPPORTAR FUQ IS-SEGMENT

Ir-rapport fuq is-segment jagħti l-qsim tad-dħul u l-ispejjeż operatorji skont il-qasam politiku, fuq il-bażi tal-istruttura tal-Baġit Ibbażat fuq l-Attività, fi ħdan il-Kummissjoni. Dawn l-oqsma politiki jistgħu jinġabru fi gruppi taħt tliet intestaturi usa' – Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea u Servizzi u oħrajn.

L-“Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea” hija l-akbar fost dawn l-intestaturi peress li tkopri l-ħafna oqsma politiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea. L-“Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea” tikkonċerna l-politiki operati barra l-UE, bħall-kummerċ u l-ghajjnuna. “Servizzi u oħrajn” huma l-attivitajiet interni u orizzontali meħtieġa għall-funzjonament tal-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Kun af li l-informazzjoni relatata mal-Aġenziji hija inkluża taħt il-qasam politiku rilevanti. Kun af ukoll li r-riżorsi proprji u l-kontribuzzjonijiet mhumiex maqsuma bejn il-bosta attivitajiet peress li huma kkalkolati, miġbura u ġestiti mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni.

	Attivitajiet fi ħdan l-UE	Attivitajiet barra l-UE	Servizzi u Oħrajn	KEFA f'Likwidazzjoni	Istituzzjonijiet Oħrajn	Eliminazzjonijiet tal-Konsolidazzjoni	Total
Multi	1 884	—	—	—	—	—	1 884
Imposti agrikoli	87	—	—	—	—	—	87
Irkupru ta' spejjeż	1 444	59	1	—	—	—	1 504
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	99	1	992	—	664	(465)	1 291
Dħul operatorju mixxellanju	2 692	90	440	7	8	(1 177)	2 060
Dħul operatorju ieħor	6 206	150	1 433	7	672	(1 642)	6 826
Spejjeż tal-persunal	(2 256)	(318)	(1 352)	—	(1 802)	20	(5 708)
Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE	(126)	1	(113)	—	(213)	—	(451)
Spejjeż amministrattivi oħrajn	(1 003)	(311)	(880)	—	(1 594)	627	(3 161)
Spejjeż amministrattivi	(3 385)	(628)	(2 345)	—	(3 609)	647	(9 320)
Ġestjoni diretta ċentralizzata	(6 996)	(3 572)	(159)	—	—	844	(9 883)
Ġestjoni indiretta ċentralizzata	(3 762)	(422)	(34)	—	—	67	(4 151)
Ġestjoni deċentralizzata	(494)	(525)	—	—	—	—	(1 019)
Ġestjoni kondiviża	(106 464)	83	3	—	—	—	(106 378)
Ġestjoni konġunta	(269)	(1 550)	—	—	—	—	(1 819)
Spejjeż operatorji oħrajn	(774)	(3)	(634)	(48)	(8)	84	(1 383)
Spejjeż operatorji	(118 759)	(5 989)	(824)	(48)	(8)	995	(124 633)
Spejjeż operatorji totali	(122 144)	(6 617)	(3 169)	(48)	(3 617)	1 642	(133 953)
Spejjeż operatorji netti	(115 938)	(6 467)	(1 736)	(41)	(2 945)	0	(127 127)
Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet							130 919
Bilanċ pożittiv minn attivitajiet operatorji							3 792
Dħul finanzjarju nett							215
Ċaqliq fl-obbligazzjoni ta' pensjoni u benefiċċji oħrajn tal-impjegati							(8 846)
Sehem tad-defiċit nett ta' impriżi konġunti u assoċjati							(490)
Riżultat ekonomiku għas-sena							(5 329)

RAPPORTAR FUQ IS-SEGMENT – ATTIVITAJIET FI ĦDAN L-UE

EUR miljuni

	Ekonomiċi u Finanzjarji	Impriża u Industrija	Kompetizzjoni	Impjegi	Agricoltura	Trasport u Enerġija	Ambjent	Riċerka	Soċjetà tal-Infommazzjoni
Dħul operatorju ieħor:									
Multi	0	6	1 878	0	0	0	0	0	0
Imposti agrikoli	0	0	0	0	87	0	0	0	0
Irkupru ta' spejjeż	0	1	0	48	1 025	10	3	21	18
Dħul minn operazzjonijiet ammin	0	18	0	0	0	16	0	7	0
Dħul operatorju mixxellanju	4	93	0	34	239	220	39	845	12
DĦUL OPERATORJU IEĦOR	4	118	1 878	82	1 351	246	42	873	30
Spejjeż amministrattivi:	(68)	(210)	(89)	(107)	(127)	(412)	(126)	(432)	(131)
Spejjeż tal-persunal	(60)	(147)	(83)	(82)	(107)	(281)	(88)	(236)	(107)
Assi intanġibbli u spejjeż tal-PPE	0	(8)	0	(1)	0	(15)	(1)	(15)	0
Spejjeż amministrattivi oħrajn	(8)	(55)	(6)	(24)	(20)	(116)	(37)	(181)	(24)
Spejjeż operatorji:	(40)	394	(80)	(10 873)	(56 842)	(2 372)	(329)	(4 365)	(1 312)
Ġestjoni diretta ċentralizzata	(40)	211	0	(169)	(48)	(1 061)	(307)	(2 906)	(1 285)
Ġestjoni indiretta ċentralizzata	0	352	0	(3)	0	(1 127)	(10)	(1 408)	(22)
Ġestjoni deċentralizzata	0	0	0	(61)	(38)	0	0	0	0
Ġestjoni kondiviża	0	0	0	(10 618)	(56 655)	0	0	0	0
Ġestjoni konġunta	0	(130)	0	(7)	0	(123)	0	0	0
Spejjeż operatorji oħrajn	0	(39)	(80)	(15)	(101)	(61)	(12)	(51)	(5)
SPEJJEŻ OPERATORJI TOTALI	(108)	184	(169)	(10 980)	(56 969)	(2 784)	(455)	(4 797)	(1 443)
SPEJJEŻ OPERATORJI NETTI	(104)	302	1 709	(10 898)	(55 618)	(2 538)	(413)	(3 924)	(1 413)

EUR miljuni

	Ċentru Konġunt tar-Riċerka	Sajd	Suq Intern	Politika Regionali	Taxxi u Dwana	Edukazzjoni u Kultura	Saħħa u Protezzjoni tal-konsumatur	Ġustizzja, Libertà u Sigurtà	Total ta' Attivitajiet fi ħdan l-UE
Dħul operatorju ieħor:									
Multi	0	0	0	0	0	0	0	0	1 884
Imposti agrikoli	0	0	0	0	0	0	0	0	87
Irkupru ta' spejjeż	0	6	0	303	0	6	2	1	1 444
Dħul minn operazzjonijiet ammin	39	0	2	0	0	0	16	1	99
Dħul operatorju mixxellanju	78	9	225	(3)	1	287	363	246	2 692

EUR miljuni

	Ċentru Konġunt tar-Riċerka	Sajd	Suq Intern	Politika Reġjonali	Taxxi u Dwana	Edukazzjoni u Kultura	Saħħa u Protezzjoni tal-konsumatur	Ġustizzja, Libertà u Sigurtà	Total ta' Attivitajiet fi ħdan l-UE
DĦUL OPERATORJU IEĦOR	117	15	227	300	1	293	381	248	6 206
Spejjeż amministrattivi:	(358)	(47)	(229)	(78)	(113)	(205)	(348)	(305)	(3 385)
Spejjeż tal-persunal	(249)	(39)	(150)	(66)	(43)	(110)	(234)	(174)	(2 256)
Assi intanġibbli u spejjeż tal-PPE	(27)	0	(8)	0	(10)	(1)	(25)	(15)	(126)
Spejjeż amministrattivi oħrajn	(82)	(8)	(71)	(12)	(60)	(94)	(89)	(116)	(1 003)
Spejjeż operatorji:	(82)	(807)	(69)	(38 622)	(14)	(1 808)	(661)	(877)	(118 759)
Ġestjoni diretta ċentralizzata	(60)	(175)	(36)	(41)	(14)	(229)	(436)	(400)	(6 996)
Ġestjoni indiretta ċentralizzata	0	0	0	0	0	(1 478)	(66)	0	(3 762)
Ġestjoni deċentralizzata	0	0	0	(395)	0	0	0	0	(494)
Ġestjoni kondiviża	0	(629)	0	(38 186)	0	0	0	(376)	(106 464)
Ġestjoni konġunta	0	0	0	0	0	(2)	(7)	0	(269)
Spejjeż operatorji oħrajn	(22)	(3)	(33)	0	0	(99)	(152)	(101)	(774)
SPEJJEŻ OPERATORJI TOTALI	(440)	(854)	(298)	(38 700)	(127)	(2 013)	(1 009)	(1 182)	(122 144)
SPEJJEŻ OPERATORJI NETTI	(323)	(839)	(71)	(38 400)	(126)	(1 720)	(628)	(934)	(115 938)

RAPPORTAR FUQ IS-SEGMENT – ATTIVITAJIET BARRA L-UE

EUR miljuni

	Relazzjonijiet Esterni	Kummerċ	Żvilupp	Tkabbir	Ghajjnuna Umanitarja	Total ta' Attivitajiet barra l-UE
Dħul operatorju ieħor:						
Irkupru ta' spejjeż	34	0	2	24	(1)	59
Dħul minn operazzjonijiet ammin	1	0	0	0	0	1
Dħul operatorju mixxellanju	5	0	87	(1)	(1)	90
DĦUL OPERATORJU IEĦOR	40	0	89	23	(2)	150
Spejjeż amministrattivi:	(102)	(72)	(342)	(80)	(32)	(628)
Spejjeż tal-persunal	(15)	(65)	(165)	(49)	(24)	(318)
Assi intanġibbli u spejjeż tal-PPE	1	0	0	0	0	1
Spejjeż amministrattivi oħrajn	(88)	(7)	(177)	(31)	(8)	(311)

	Relazzjonijiet Esterni	Kummerċ	Żvilupp	Tkabbir	Għajnuna Umanitarja	Total ta' Attivitajiet barra l-UE
Spejjeż operatorji:	(2 876)	(11)	(1 091)	(863)	(1 148)	(5 989)
Ġestjoni diretta ċentralizzata	(1 729)	(6)	(782)	(485)	(570)	(3 572)
Ġestjoni indiretta ċentralizzata	(350)	0	(19)	(53)	0	(422)
Ġestjoni deċentralizzata	(218)	0	(37)	(270)	0	(525)
Ġestjoni kondiviża	83	0	0	0	0	83
Ġestjoni konġunta	(662)	(5)	(252)	(54)	(577)	(1 550)
Spejjeż operatorji oħrajn	0	0	(1)	(1)	(1)	(3)
SPEJJEŻ OPERATORJI TOTALI	(2 978)	(83)	(1 433)	(943)	(1 180)	(6 617)
SPEJJEŻ OPERATORJI NETTI	(2 938)	(83)	(1 344)	(920)	(1 182)	(6 467)

RAPPORTAR FUQ IS-SEGMENT – SERVIZZI U OĦRAJN

	Stampa u Komunikazzjoni	Uffiċċju Kontra l-Frodi	Koordinazzjoni	Persunal u Ammin	Eurostat	Baġit	Awditjar	Lingwi	Oħrajn	Total Servizzi u oħrajn
Dħul operatorju ieħor:										
Irkupru ta' spejjeż	1	0	0	0	0	0	0	0	0	1
Dħul minn operazzjonijiet ammin	0	7	2	829	0	56	0	98	0	992
Dħul operatorju mixxellanju	(2)	5	1	53	0	9	0	47	327	440
DĦUL OPERATORJU IEĦOR	(1)	12	3	882	0	65	0	145	327	1 433
Spejjeż amministrattivi:	(124)	(51)	(184)	(1 424)	(91)	(58)	(11)	(441)	39	(2 345)
Spejjeż tal-persunal	(79)	(38)	(159)	(632)	(70)	(45)	(10)	(358)	39	(1 352)
Assi intanġibbli u spejjeż tal-PPE	(2)	(1)	0	(109)	0	0	0	(1)	0	(113)
Spejjeż amministrattivi oħrajn	(43)	(12)	(25)	(683)	(21)	(13)	(1)	(82)	0	(880)
Spejjeż operatorji:	(124)	(22)	(2)	(14)	(32)	(341)	0	(16)	(273)	(824)
Ġestjoni diretta ċentralizzata	(90)	(22)	0	(12)	(32)	(3)	0	0	0	(159)
Ġestjoni indiretta ċentralizzata	(34)	0	0	0	0	0	0	0	0	(34)
Ġestjoni kondiviża	0	0	0	0	0	3	0	0	0	3
Spejjeż operatorji oħrajn	0	0	(2)	(2)	0	(341)	0	(16)	(273)	(634)
SPEJJEŻ OPERATORJI TOTALI	(248)	(73)	(186)	(1 438)	(123)	(399)	(11)	(457)	(234)	(3 169)
SPEJJEŻ OPERATORJI NETTI	(249)	(61)	(183)	(556)	(123)	(334)	(11)	(312)	93	(1 736)

4. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS

4.1 SKOP U TNEJJJA TAR-RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS

L-informazzjoni dwar il-fluss tal-flus tintuża biex tipprovdi bażi għall-valutazzjoni tal-ħila tal-UE sabiex tiġġenera flus u ekwivalenti ta' flus, u l-ħtiġijiet tagħha biex tuża daww il-flussi tal-flus.

Ir-rapport tal-fluss tal-flus jitħejja billi jintuża l-metodu indirett. Dan ifisser li l-bilanċ pożittiv jew negattiv nett għas-sena finanzjarja huwa aġġustat għall-effetti tat-tranżazzjonijiet ta' għamla mhux ta' flus, kwalunkwe differiment jew dovut ta' riċevuti jew pagamenti ta' flus operattivi passati jew futuri, u entrati ta' dħul jew spiża assoċjati ma' flussi ta' flus ta' investiment.

Il-flussi ta' flus li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'munita barranija huma rreġistrati fil-munita ta' rapportar tal-UE (Euro), billi tiġi applikata għall-ammont ta' flus barranin ir-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita barranija fid-data tal-fluss ta' flus.

Ir-rapport tal-fluss tal-flus ippreżentat jirrapporta flussi ta' flus matul il-perjodu kklassifikat skont attivitajiet operatorji u ta' investiment (l-UE ma għandhiex attivitajiet ta' finanzjament).

4.2 ATTIVITAJIET OPERATORJI

L-attivitajiet operatorji huma l-attivitajiet tal-UE li mhumiex attivitajiet ta' investiment. Dawn huma l-maġġoranza tal-attivitajiet imwettqa. Self mogħti lil benefiċjarji (u t-teħid b'self relatat, meta appikabbli) ma jitqisux bħala attivitajiet ta' investiment (jew ta' finanzjament) peress li huma parti mill-għanijiet ġenerali u b'hekk l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-UE. L-attivitajiet operatorji jinkludu wkoll investimenti bħall-FEI, il-BERŻ u fondi tal-kapital ta' riskju. Tabilħaqq, l-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li jieħdu sehem fil-kisba ta' eżiti mmirati għal politiki.

4.3 ATTIVITAJIET TA' INVESTIMENT

L-attivitajiet ta' investiment huma l-akkwiżizzjoni u d-disponiment ta' assi intanġibbli u proprjetà, impjant u tagħmir u ta' investimenti oħrajn li mhumiex inklużi fl-ekwivalenti ta' flus. L-attivitajiet ta' investiment ma jinkludux self mogħti lil benefiċjarji. L-għan huwa li jintwerew l-investimenti reali li saru mill-UE.

5. ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI U DIVULGAZZJONIJIET IMPORTANTI OĦRAJN

5.1 ASSI KONTINĠENTI

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Garanziji riċevuti:		
Garanziji ta' prestazzjoni	337	300
Garanziji oħrajn	43	34
Assi kontinġenti oħrajn	14	19
Total	394	353

Garanziji tal-prestazzjoni jintalbu biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratti tagħhom mal-UE.

5.2 OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Garanziji mogħtija	5.2.1	22 317	24 394
Multi	5.2.2	6 378	8 951
FAEG, żvilupp rurali u qabel l-ażezjoni	5.2.3	1 188	2 345
Politika ta' koeżjoni	5.2.4	546	318

EUR miljuni			
	Nota	31.12.2012	31.12.2011
Kawżi legali u tilwim ieħor	5.2.5	91	251
Obbligazzjonijiet kontinġenti oħrajn		1	2
Total		30 521	36 261

Jekk isiru dovuti, l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha, ħlief dawk relatati ma' multi, ikunu ffinanzjati mill-baġit tal-UE fis-snin li ġejjin.

5.2.1 Garanzji mogħtija

EUR miljuni		
	31.12.2012	31.12.2011
Fuq self mogħti mill-BEI mir-riżorsi proprji tiegħu:		
Garanzija ta' 65 %	18 683	20 362
Garanzija ta' 70 %	1 654	1 992
Garanzija ta' 75 %	383	534
Garanzija ta' 100 %	594	724
Total	21 314	23 612
Garanzji oħrajn mogħtija	1 003	782
Total	22 317	24 394

Il-baġit tal-UE jggarantixxi self iffirmit u mogħti mill-BEI mir-riżorsi tiegħu stess lil pajjiżi terzi fil-31 ta' Diċembru 2012 (inkluż self mogħti lil Stati Membri qabel l-adeżjoni). Madankollu, il-garanzija tal-UE hija limitata għal perċentwal tal-limitu massimu tal-linji tal-kreditu awtorizzati: 65 % (għall-mandat 2000-2007), 70 %, 75 % jew 100 %. Għall-mandat 2007-2013, il-garanzija tal-UE hija limitata għal 65 % tal-bilanċi pendenti u mhux fuq il-linji tal-kreditu awtorizzati. Meta ma jintlaħaqx il-livell massimu, il-garanzija tal-UE tkopri l-ammont sħiħ. Fil-31 ta' Diċembru 2012 l-ammont pendenti laħaq total ta' EUR 21 314 miljun u, għadaqstant, din hija l-iskopertura massima li tiltaqa' magħha l-UE.

L-ammont tal-2011 imsemmi hawn fuq għall-garanzija ta' 65 % ma jikkunsidrax fil-kalkolu d-differenza fir-rigward tal-mandati tal-2000-2007 u 2007-2013. Li kieku l-ammont tal-2011 ġie kkalkolat fuq il-bażi ta' din id-differenzjazzjoni, l-ammont li għandu jkun iddivulgat kien ikun ta' EUR 17 423 miljun.

Garanzji oħrajn mogħtija huma relatati l-aktar mal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (EUR 948 miljun) u l-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T (EUR 39 miljun). Għal aktar informazzjoni dwar dawn il-faċilitajiet ara n-nota 2.4.

5.2.2 Multi

Dawn l-ammonti jikkonċernaw multi l-imposti mill-Kummissjoni għall-ksur ta' regoli dwar il-kompetizzjoni li ma tħallsux b'mod provviżorju u meta jew ġie ppreżentat appell jew inkella ma jkunx magħruf hux sejjer jiġi ppreżentat appell. L-obbligazzjoni kontinġenti sejra tnizamm sakemm tinħareġ deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-każ. L-imgħax iggwadanjat fuq pagamenti provviżorji huwa inkluż fir-riżultat ekonomiku tas-sena u anki bħala obbligazzjoni kontinġenti biex tkun riflessa l-inċertezza tat-titolu tal-Kummissjoni għal dawn l-ammonti.

5.2.3 FAEG, żvilupp rurali u qabel l-adeżjoni

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri marbuta ma' korrezzjonijiet finanzjarji tad-deċiżjonijiet ta' konformità tal-FAEG, l-iżvilupp rurali u qabel l-adeżjoni li għadha ma nqatghatx sentenza fuqhom mill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-determinazzjoni tal-ammont finali tal-obbligazzjoni u s-sena li fiha l-effett tal-appell li rnextew sejrjn jiġu ddebitati lill-baġit tiddependi mit-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti.

5.2.4 *Politika ta' koeżjoni*

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri b'rabta ma' azzjonijiet fil-politika ta' koeżjoni li qegħdin jistennew data tas-smigħ orali jew li qegħdin jistennew li tinqata' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

5.2.5 *Kawżi legali u tilwim ieħor*

Din l-intestatura hija relatata ma' azzjonijiet għal danni li bħalissa huma mfittxija kontra l-Kummissjoni u korpi oħrajn tal-UE, tilwim legali ieħor u l-ispejjeż legali stmati. Ta' min jinnota li fazzjoni għal danni skont l-Artikolu 288 KE, l-applikant irid juri ksur serju biżżejjed mill-istituzzjoni ta' każistika maħsuba sabiex tagħti drittijiet lil individwi, dannu veru mġarrab mill-applikant, u rabta kawżali diretta bejn l-att illegali u d-dannu.

5.3 **DIVULGAZZJONIJIET IMPORTANTI OĦRAJN**

5.3.1 *Impenji pendenti li għadhom mhumiex iddebitati*

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Impenji pendenti li għadhom mhumiex iddebitati	175 853	165 236

L-ammont iddivulgat hawn fuq huwa l-RAL ("Reste à Liquider") baġitarju li minnu jitnaqqsu l-ammonti relatati li ġew inklużi bħala spejjeż fir-rapport tal-introjt tal-2012. Ir-RAL baġitarju huwa ammont li jirrappreżenta impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux il-ħlasijiet u/jew id-diżimpenji. Din hija l-konsegwenza normali tal-eżistenza ta' programmi pluriennali. Fil-31 ta' Diċembru 2012 ir-RAL baġitarju laħaq total ta' EUR 217 810 miljun (2011: EUR 207 443 miljun).

5.3.2 *Impenji legali importanti*

EUR miljuni

	31.12.2012	31.12.2011
Azzjonijiet Strutturali	71 775	142 916
Protokoll ma' pajjiżi Mediterranji	264	264
Ftehimiet tas-sajd	173	37
Programm Galileo	143	320
Programm GMES	233	400
TEN-T	1 331	3 416
Impenji kuntrattwali oħrajn	3 884	4 493
Total	77 803	151 846

Dawn l-impenji oriġinaw għaliex l-UE daħlet f'impenji legali b'terminu twil fir-rigward tal-ammonti li kienu għadhom mhumiex koperti minn approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit. Dan jista' jkun relatat ma' programmi pluriennali bħal Azzjonijiet Strutturali jew ammonti li l-UE ħadet l-impenn li tħallas fil-ġejjieni skont kuntratti amministrattivi eżistenti fid-data tal-karta bilanċjali (eż. fir-rigward tal-forniment ta' servizzi bħal sigurtà, tindif, eċċ, iżda anki impenji kuntrattwali li jikkonċernaw proġetti speċifiċi bħal xogħlijiet ta' bini).

Azzjonijiet Strutturali

It-tabella ta' hawn taħt turi paragon bejn l-impenji legali li għalihom għadhom ma ttiħdux impenji baġitarji u l-impenji massimi fir-rigward tal-ammonti previsti fil-qafas finanzjarju 2007-2013.

<i>EUR miljuni</i>					
	Ammonti tal-perspettiva finanzjarja 2007-2013 (A)	Impenji legali konklużi (B)	Impenji baġitarji 2007-2011 (C)	Impenji legali li minnhom jitnaqqsu impenji baġitarji (= B - C)	Impenn massimu (= A - C)
Fondi strutturali	347 552	347 521	293 050	54 471	54 502
Riżorsi Naturali	100 549	100 539	85 058	15 481	15 491
Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni	11 255	9 895	9 473	422	1 782
Total	459 356	457 955	387 581	70 374	71 775

Protokollu ma' pajjiżi tal-Mediterran

Dawn l-impenji huma relatati ma' protokollu finanzjarji ma' pajjiżi tal-Mediterran li mhumiex membri. L-ammont inkluż hawnhekk huwa d-differenza bejn l-ammont total tal-protokollu ffirmati u l-ammont tal-impenji baġitarji mdaħħla fil-kontijiet. Dawn il-protokollu huma trattati internazzjonali li ma jistgħux jiġu stralċati mingħajr qbil bejn iż-żewġ partijiet, għad li l-proċess ta' stralċ għadu għaddej.

Ftehimiet dwar is-sajd

Dawn huma impenji ma' pajjiżi terzi għal operazzjonijiet skont ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd.

Il-programm Galileo

Dawn huma ammonti impenjati għall-programm Galileo li qiegħed jiżviluppa Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita – ara wkoll in-nota 2.2.

Il-programm GMES

Il-Kummissjoni daħlet f'kuntratt mal-ESA għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013 għall-implimentazzjoni tal-komponent spazjali tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES). L-ammont total indikattiv għal dak il-perjodu huwa ta' EUR 728 miljun.

Impenji TEN-T

Dan l-ammont huwa relatat ma' għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) għall-perjodu 2007 - 2013. Il-programm japplika għal proġetti identifikati għall-iżvilupp ta' netwerk trans-Ewropew tat-trasport biex jappoġġja kemm proġetti ta' infrastruttura kif ukoll proġetti ta' riċerka u innovazzjoni għat-trawwim tal-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u proċessi innovattivi fuq l-iskjerament ta' infrastruttura ġdida tat-trasport. L-ammont totali indikattiv għal dan il-programm huwa ta' EUR 7 900 miljun.

It-tnaqqis fl-impenji legali relatati mat-TEN-T huwa l-effett ikkombinat tal-impenji legali mnaqqsa wara d-deċiżjonijiet emendatorji u l-impenji baġitarji miżjuda.

Impenji kuntrattwali oħrajn

L-ammonti inklużi f'din id-divulgazzjoni jikkorrispondu għal ammonti impenjati sabiex jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti. L-akbar ammonti inklużi hawn huma relatati ma' arranġamenti tal-akkwist tal-Aġenzija tal-Fużjoni għall-Enerġija fil-kuntest tal-proġett ITER u għal kuntratti ta' bini tal-Parlament Ewropew.

6. PROTEZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE

6.1 SFOND

Kunsiderazzjoni importanti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE hija l-bżonn li jiġu żgurati prevenzjoni jew qbid xierqa u korrezzjoni xierqa ta' żbalji, irregolaritajiet u frodi. L-għan ta' din in-nota huwa li tipprovdi: (1) ħarsa ġenerali lejn il-mekkaniżmi preventivi u korrettivi previsti fil-leġislazzjoni applikabbli li jagħtu dettalji dwar il-proċess ta' identifikazzjoni u mbaġhad ta' rranġar ta' żbaji, irregolaritajiet u frodi maqbuda mill-korpi tal-UE u mill-Istati Membri, u (2) l-aħjar stima tal-ammonti totali kkonċernati sabiex jintwera f'termini reali kif inhu protett il-baġit tal-UE.

L-informazzjoni mhijiex ippreżentata biss hawn taħt dwar azzjonijiet li saru fil-livell tal-UE, iżda tingħata wkoll dwar il-korrezzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża wara l-kontrolli u l-awditjar tagħhom stess (għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 biss, peress li għall-perjodi ta' programmar preċedenti, id-dejta ppreżentata mill-Istati Membri mhijiex sħiħa u/jew hija inaffidabbli). Dawn il-korrezzjonijiet mhumiex irreġistrati fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni għaliex f'diversi ċirkostanzi, l-Istati Membri jistgħu jerġgħu jużaw dawn l-ammonti għal nefqa eliġibbli oħra. Iċ-ċifri tal-Istati Membri huma rrapportati fit-tabella 6.7 hawn taħt.

Aktar dettalji dwar l-ammonti ppreżentati hawn taħt u l-proċessi involuti jistgħu jinkisbu minn komunikazzjoni speċifika mħejjija mill-Kummissjoni u mibgħuta lill-Awtorità tal-Kwittanza u l-Qorti tal-Awdituri kull Settembru mill-2013 – din hija disponibbli fuq il-websajt Europa tad-DĠ Baġit.

6.2 MEKKANIŻMI PREVENTIVI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

F'ġestjoni diretta, l-azzjonijiet preventivi jinkludu verifiki li jsiru mis-servizzi responsabbli fuq l-eliġibilità tan-nefqa li jintalbu mill-benefiċjarji. Dawn il-kontrolli ex-ante huma inkorporati fil-proċessi ta' ġestjoni tal-programmi u huma maħsuba sabiex jipprovdi garanzija raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa li qiegħda titħallas. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jipprovdu wkoll gwida, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet kuntrattwali, bil-għan li jiżguraw ġestjoni solida u effiċjenti tal-finanzjament u għaldaqstant, riskju aktar baxx ta' irregolaritajiet.

Bil-modalità ta' ġestjoni kondiviża (jiġifieri n-nefqa tal-agrikoltura u tal-politika ta' koeżjoni), l-Istati Membri huma primarjament responsabbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tan-nefqa sabiex jiżguraw li n-nefqa li titħallas mill-baġit tal-UE hija legali u regolari. Jeżistu wkoll mekkaniżmi preventivi fil-livell tal-Kummissjoni fir-rwol tagħha ta' korp superviżorju. Il-Kummissjoni tista':

— **tinterrompi** d-data ta' skadenza tal-pagament għal perjodu massimu ta' 6 xhur għall-programmi 2007-2013 jekk:

- (a) Hemm evidenza li tissuġġerixxi nuqqas importanti fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istat Membru kkonċernat; jew
- (b) Is-servizzi tal-Kummissjoni jridu jwettqu verifiki oħrajn wara informazzjoni li nefqa f'dikjarazzjoni ċertifikata tan-nefqa hija marbuta ma' irregolarità serja li ma ġietx ikkoreġuta.

— **tissospendi** l-pagament interim kollu jew parti minnu lil Stat Membru għall-programmi 2007-2013 fit-tliet każijiet li ġejjin:

- (a) Meta jkun hemm evidenza ta' nuqqas importanti fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm u l-Istat Membru ma jkunx ħa l-miżuri korrettivi meħtieġa; jew
- (b) Meta n-nefqa f'dikjarazzjoni ċertifikata tan-nefqa tkun marbuta ma' irregolarità serja li ma ġietx ikkoreġuta; jew
- (c) Jekk ikun hemm ksur serju minn Stat Membru tal-obbligi ta' ġestjoni u kontroll tiegħu.

Meta l-Istat Membru ma jiħux il-miżuri meħtieġa, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li timponi korrezzjoni finanzjarja. Iċ-ċifri dwar sospensjonijiet u interruzzjonijiet huma ppreżentati fin-nota 6.4.1 hawn taħt.

6.3 MEKKANIŻMI KORRETTIVI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

6.3.1. Korrezzjonijiet finanzjarji

Bil-ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-prevenzjoni, il-qbid u l-korrezzjoni ta' żbalji, irregolaritajiet jew frodi mwettqa minn benefiċjarji fl-ewwel istanza, filwaqt li l-Kummissjoni tiżgura rwol superviżorju ġenerali. Meta nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri jkun wasslu jew jistgħu jwasslu għal żbalji individwali jew sistemiċi, irregolaritajiet jew frodi, il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji. L-ipproċessar tal-**korrezzjonijiet finanzjarji** jsegwi dawn it-tliet passi ewlenin:

- (1) **Korrezzjonijiet finanzjarji fl-idejn:** dawn il-korrezzjonijiet huma soġġetti għal bidla peress li għadhom mhumiex formalment aċċettati mill-Istati Membri, pereżempju fil-każ ta' awditjar li jkun ġie ffinalizzat, iżda fejn il-Kummissjoni tkun għadha fil-fażi kontradittorja mal-Istat Membru kkonċernat.
- (2) **Korrezzjoni finanzjarja kkonfermata/deċiża:** dawn l-ammonti huma finali, jiġifieri jew ġew ikkonfermati (jiġifieri maqbula) mill-Istat Membru kkonċernat jew deċiżi permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni. Huma rrapportati fit-tabella **6.4.2.1** hawn taħt.
- (3) **Korrezzjoni finanzjarja implimentati:** Dawn l-ammonti jirrappreżentaw il-pass finali tal-proċess li fih is-sitwazzjoni osservata ta' nefqa li jkollha żball tkun ikkoreġuta b'mod definittiv. Huma previsti bosta mekkaniżmi ta' korrezzjoni fl-oqfsa regolatorji bbażati fuq is-settur. Dawn iċ-ċifri huma rrapportati fit-tabelli **6.4.2.2** u **6.4.3.1** hawn taħt.

6.3.2 Irkupri

B'ġestjoni diretta, u b'konformità mar-Regolament Finanzjarju, l-ordnijiet ta' rkupru għandhom ikunu stabbliti mill-uffiċjal awtorizzanti għal ammonti mħallsa bi żball. Imbagħad l-irkupri jiġu implimentati permezz ta' trasferiment bankarju dirett mid-debitur (eż. Stat Membru) jew permezz ta' tpaċija minn ammonti oħrajn li l-Kummissjoni hija dovuta lid-debitur. Ir-Regolament Finanzjarju jipprevedi proċeduri addizzjonali biex jiġi żgurat il-ġbir ta' ordnijiet ta' rkupru skaduti, li huma l-oġġett ta' segwitu speċifiku mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni.

Bil-ġestjoni kondiviża fil-qasam tal-Agricoltura, l-Istati Membri huma obbligati jidentifikaw żbalji u irregolaritajiet u jirkupraw ammonti mħallsa bi żball skont ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali. Għall-FAEG, l-ammonti rkuprati mill-benefiċjarji huma kkreditati lill-Kummissjoni, wara tnaqqis applikat mill-Istati Membri ta' 20 % (bħala medja), li jirreġistrawhom bħala dħul. Għall-FAEŻR, l-irkupri jitnaqqsu mill-pretensjoni tal-pagament li jmiss qabel ma tintbagħat lis-servizzi tal-Kummissjoni, u għaldaqstant, l-ammont rilevanti jista' jerġa' jintuża għall-programm. Jekk Stat Membru ma jipprova jirkupra jew mhuwiex diliġenti fl-azzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tintervjeni jew li timponi korrezzjoni finanzjarja fuq l-Istat Membru kkonċernat. Fil-qasam tal-Politika ta' Koeżjoni, l-Istati Membri (u mhux il-Kummissjoni) huma primarjament responsabbli għall-irkupru mill-benefiċjarji l-ammonti mħallsa bi żball flimkien ma' mgħax fuq il-pagament tard, meta jkun applikabbli. L-ammonti rkuprati mill-Istati Membri huma ddivulgati f'din in-nota għal skop ta' informazzjoni, minbarra korrezzjonijiet finanzjarji imposti mill-Kummissjoni. Għall-perjodu 2007-2013, l-Istati Membri huma mitluba mil-liġi li jipprovdur lill-Kummissjoni b'deġta ċara u strutturata fuq l-ammonti prelevati minn kofinanzjament qabel ma jkun finalizzat il-proċess nazzjonali ta' rkupru u jiġu rkuprati b'mod effettiv mill-benefiċjarji l-ammonti fil-livell nazzjonali.

6.3.3 L-irkupru ta' ammonti tal-prefinanzjament mhux użati

Kważi f'kull qasam, l-UE tagħmel prefinanzjament, jew pagamenti bil-quddiem lil benefiċjarji. Kif spjegat fin-nota **1.5.7**, dawn huma pagamenti maħsuba sabiex jipprovdur lill-benefiċjarju b'pagament fi flus bil-quddiem jew float. Meta benefiċjarju ma jkunx uża (nefaq) l-ammont sħiħ tal-prefinanzjament riċevut mill-UE, is-servizzi tal-Kummissjoni joħorġu ordni ta' rkupru biex jiżguraw li l-flejjes jitroddu lura lill-baġit tal-UE. Din il-proċedura tirrappreżenta pass importanti fis-sistema ta' kontroll tal-UE biex jiġi żgurat li l-benefiċjarju ma jżommx flus żejda mingħajr ġustifikazzjoni ta' spejjeż xierqa, u b'hekk issir kontribuzzjoni għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE. Dawn l-irkupri huma ppreżentati fit-tabella **6.5** ta' hawn taħt.

L-irkupri ta' ammonti tal-prefinanzjament mhux użati ma għandhomx jitħalltu ma' nefqa irregolari rkuprata. Meta s-servizzi tal-Kummissjoni jidentifikaw u jirkupraw nefqa bħal din fir-rigward tal-ammonti ta' prefinanzjament imħallsa, dawn ikunu inklużi fil-korrezzjoni finanzjarja normali jew il-proċessi ta' rkupru deskritti f'**6.3.1** u **6.3.2** aktar 'il fuq.

6.3.4 Dħul minn riżorsi proprji - irkupri

Fir-rigward tad-dħul minn riżorsi proprji, li huwa s-sors ewlieni ta' finanzjament tal-baġit tal-UE, l-irkupri jikkonċernaw is-segwitu ta': rapporti ta' spezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, l-awditjar tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-każijiet ta' responsabilità finanzjarja li jirriżultaw minn żbalji amministrattivi jew in-nuqqas ta' diliġenza tal-Istati Membri fl-azzjoni ta' rkupru tagħhom, proċedimenti ta' ksar, is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u anki l-ammonti li jirriżultaw minn pagamenti spontanji mill-Istati Membri u l-imgħax fuq pagamenti tardivi relatati ma' riżorsi proprji. Dawn l-ammonti huma rrapportati fit-tabella 6.6 hawn taħt.

6.4 L-IMPATT FINANZJARJU TAL-MEKKANIŻMI PREVENTIVI U KORRETTIVI

6.4.1 Interruzzjonijiet u sospensjonijiet fl-2012

Interruzzjonijiet:

It-tabelli ta' hawn taħt jippreżentaw għall-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FSE u l-FES, ħarsa ġenerali lejn l-evoluzzjoni tal-każijiet ta' interruzzjoni kemm fin-numru kif ukoll f-ammont. Il-bilanċ tal-ftuħ jinkludi l-każijiet kollha li kienu għadhom miftuħa fi tmiem l-2011, irrispettivament mis-sena li fiha ġiet innotifikata l-interruzzjoni lill-Istat Membru (għal din ir-ragaġni ċerti ċifri mhumiex direttament paragonabbli ma' dak iddivulgati fil-kontijiet annwali tal-2011). Il-każijiet il-ġodda jirreferu biss għall-interruzzjonijiet nnotifikati fis-sena 2012. Il-każijiet magħluqa jirrappreżentaw il-każijiet li għalihom il-pagament tal-pretensjonijiet tal-kost komplew fl-2012, irrispettivament mis-sena meta bdiet l-interruzzjoni. Il-każijiet li kienu għadhom miftuħa fi tmiem l-2012 jirrappreżentaw l-interruzzjonijiet li kienu għadhom miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2012, jiġifieri l-pagament ta' pretensjonijiet tal-kost għadu interrott sakemm jittieħdu miżuri korrettivi pendenti mill-Istat Membru kkonċernat.

EUR miljuni

Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013	FEŻR / Fond ta' Koeżjoni							
	Każijiet miftuħa totali fil-31.12.2011		Każijiet ġodda 2012		Każijiet magħluqa matul l-2012		Każijiet miftuħa totali fil-31.12.2012	
Stat Membru	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont
Il-Ġermanja	3	17	2	163			5	180
Spanja			49	1 495	41	1 319	8	176
Franza			6	51	5	24	1	27
L-Italja (1)	10	265	20	1 122	19	860	11	526
Il-Latvja			5	94	5	94	0	0
Il-Litwanja			4	164	4	164	0	0
L-Ungerija			3	55			3	55
Il-Polonja			5	605			5	605
Ir-Rumanija			1	41			1	41
Is-Slovenja			1	6	1	6	0	0
Is-Slovakkja	2	71			2	71	0	0
Ir-Renju Unit			1	22			1	22
Transfruntiera			11	59	8	52	3	6
Total	15	353	108	3 878	85	2 592	38	1 639

(1) Il-bilanċ tal-ftuħ jinkludi aġġustament taċ-ċifri rrapportati fl-2011.

Minbarra dawn il-proċeduri ta' interruzzjoni, fl-2012 intbaġhtu 119-il ittra ta' twissija (f'każijiet fejn ma kien hemm pendenti ebda pretensjoni ta' pagament) għall-FERŻ, li komplew jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ulterjuri ta' ammonti irregolari.

EUR miljuni

Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013	FSE							
	Każijiet miftuħa totali fil-31.12.2011		Każijiet ġodda 2012		Każijiet magħluqa matul l-2012		Każijiet miftuħa totali fil-31.12.2012	
Stat Membru	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont
Ir-Repubblika Ċeka			1	47			1	47
Il-Ġermanja			5	165	4	145	1	19
Spanja	2	10	8	159	9	160	1	9
Franza	2	25	9	142	4	91	7	76
L-Italja	4	53	7	207	6	231	5	30
Il-Latvja			2	26	2	26	0	0
Il-Litwanja			1	1	1	1	0	0
Ir-Rumanija			1	21	1	21	0	0
Is-Slovakkja			1	45	1	45	0	0
Ir-Renju Unit	2	234	2	69	4	303	0	0
Total	10	323	37	881	32	1 023	15	181

EUR miljuni

Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013	FES							
	Każijiet miftuħa totali fil-31.12.2011		Każijiet ġodda 2012		Każijiet magħluqa matul l-2012		Każijiet miftuħa totali fil-31.12.2012	
Stat Membru	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont	Numru ta' każijiet	Ammont
Ir-Repubblika Ċeka			1	1	1	1	0	0
Id-Danimarka	1	0			1	0	0	0
Il-Ġermanja	2	1					2	1
L-Estonja	1	0	3	0			4	0
Spanja	1	62	2	32	2	84	1	9
Franza	2	3					2	3
L-Italja			6	38			6	38
Il-Latvja			1	0			1	0
Il-Pajjiżi l-Baxxi			3	8	3	8	0	0
Il-Polonja			1	2	1	2	0	0
Il-Portugall			3	16	2	12	1	4
Ir-Rumanija			5	35			5	35
Is-Slovakkja			2	2			2	2
Il-Finlandja	2	0	3	0	5	1	0	0
L-Isvezja	1	0	2	6			3	6
Ir-Renju Unit	1	34	4	7	2	33	3	8
Total	11	100	36	149	17	141	30	108

Sospensjonijiet:

Rigward il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, id-deċiżjonijiet ta' sospensjoni ttieħdu għal 2 programmi fil-Ġermanja u fl-Italja. Iż-żewġ sospensjonijiet kienu għadhom effettivi fil-31 ta' Diċembru 2012. Dwar l-FSE, fl-2012 ġew adottati 2 deċiżjonijiet ta' sospensjoni li kienu jikkonċernaw ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja. Is-sospensjoni kienet għadha għaddeja għar-Repubblika Ċeka fil-31 ta' Diċembru 2012. Ma kien hemm ebda deċiżjoni ta' sospensjoni meħuda fl-2012 għall-FES.

6.4.2 Korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji li saru fl-2012**6.4.2.1 Korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji kkonfermati/deċiżi fl-2012**

EUR miljuni

	Korrezzjonijiet Finanzjarji	Irkupri	Total 2012	Total 2011
Agrikoltura:				
FAEG	475	162	638	839
Żvilupp rurali	76	145	221	228
Politika ta' Koeżjoni:				
FEŻR	958	N/A	958	424
Fond ta' Koeżjoni	203	N/A	203	17
FSE	425	N/A	425	227
SFGS/FES	2	N/A	2	3
Gwida tal-FAEGG	31	3	34	1
Oħrajn	N/A	19	19	50
Oqsma tal-politika interna	1	252	253	270
Oqsma tal-politika esterna	N/A	107	107	107
Amministrazzjoni ⁽¹⁾	N/A	7	7	8
Total deċiżi/kkonfermati fl-2012	2 172	695	2 867	
Total deċiżi/kkonfermati fl-2011	1 406	768		2 174

(1) Iċ-ċifra għall-Amministrazzjoni ma kinitx irrapportata qabel.

6.4.2.2 Korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji implimentati fl-2012

EUR miljuni

	Korrezzjonijiet Finanzjarji	Irkupri	Total 2012	Total 2011
Agrikoltura:				
FAEG	610	161	771	621
Żvilupp rurali	59	166	225	201
Politika ta' Koeżjoni:				
FEŻR	2 416	N/A	2 416	419
Fond ta' Koeżjoni	207	N/A	207	115
FSE	430	N/A	430	178
SFGS/FES	1	N/A	1	(90)
Gwida tal-FAEGG	17	3	20	1
Oħrajn	N/A	11	11	48
Oqsma tal-politika interna	1	229	230	268
Oqsma tal-politika esterna	N/A	99	99	77
Amministrazzjoni ⁽¹⁾	N/A	9	9	2
Total implimentati fl-2012	3 742	678	4 419	
Total implimentati fl-2011	1 106	733		1 840

(1) Iċ-ċifra għall-Amministrazzjoni ma kinitx irrapportata qabel.

6.4.2.3 Disaggregazzjoni skont kull Stat Membru tal-korrezzjonijiet finanzjarji 2012 implimentati b'għestjoni kondi-viża

EUR miljuni

Stat Membru	FAEG	Żvilupp rurali	FEŻR	Fond ta' Koeżjoni	FSE	Oħrajn	Total 2012	Total 2011
Il-Belġju	0	3	0	—	11	0	14	1
Il-Bulgarija	15	7	0	6	1	—	30	25
Ir-Repubblika Ċeka	0	—	116	8	—	0	125	6
Id-Danimarka	22	—	0	—	—	—	22	0
Il-Ġermanja	(16)	3	23	—	0	0	10	1
L-Estonja	0	1	0	0	0	—	1	0
L-Irlanda	(1)	10	—	—	—	—	9	2
Il-Greċja	85	5	0	13	159	0	262	448
Spanja	47	2	1 952	81	84	7	2 172	159
Franza	64	1	20	—	37	2	123	33
L-Italja	209	0	57	—	3	7	275	50
Ċipru	8	0	—	—	—	0	8	3
Il-Latvja	—	—	1	1	9	0	12	0
Il-Litwanja	3	4	3	1	0	0	10	0
Il-Lussemburgu	0	—	0	—	—	—	0	0
L-Ungerija	6	0	0	—	—	0	6	41
Malta	0	—	—	—	—	—	0	0
Il-Pajjiżi l-Baxxi	17	2	0	—	—	0	20	53
L-Awstrija	1	—	—	—	—	0	1	0
Il-Polonja	12	2	45	79	23	0	162	148
Il-Portugall	15	1	117	0	—	0	134	26
Ir-Rumanija	24	12	22	—	81	—	139	53
Is-Slovenja	0	0	—	—	—	0	0	4
Is-Slovakkja	0	—	29	17	11	—	57	5
Il-Finlandja	1	0	0	—	—	0	1	0
L-Isvezja	72	2	0	—	0	—	74	3
Ir-Renju Unit	27	4	4	—	12	2	50	44
Interreġ/transfruntiera	—	—	24	—	—	—	24	1
Total Implimentati	610	59	2 416	207	430	19	3 742	1 106

6.4.2.4 Spjegazzjoni taċ-ċaqliq tal-korrezzjonijiet u tal-irkupri finanzjarji fl-2012

Agrikoltura u Żvilupp Rurali: Il-korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/deċiżi huma relatati l-aktar mad-deċiżjonijiet ta' konformità u kklerjar tal-Kummissjoni, li jiġu minħabba awditjar imwettaq mill-Kummissjoni. L-ammont implimentat b'mod effettiv huwa differenti mill-ammont deċiż minħabba dewmien fit-tisrif. Għal irkupri, l-ammonti huma kemxejn stabbli meta mqabbla maċ-ċifri tas-sena l-oħra.

Politika ta' Koeżjoni:

FEŻR u Fond ta' Koeżjoni: L-ammonti tal-korrezzjoni finanzjarja kemm ikkonfermati/deċiżi kif ukoll implimentati żdiedu b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-sena l-oħra:

Ammonti deċiżi/ikkonfermati:

— *Il-perjodu 2007-2013:* aktar minn nofs tal-EUR 1 161 miljun f'korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/deċiżi fl-2012 (EUR 631 miljun) kienu kkonfermati il-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2007-2013 minħabba superviżjoni aktar stretta mill-Kummissjoni u numru li qiegħed jiżdied ta' awditjar li sar f'dan l-istadju tal-implimentazzjoni tal-programmi. L-ammont ta' korrezzjonijiet deċiżi/ikkonfermati fl-2012 li huwa relatat mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 huwa spjegat l-aktar minn korrezzjonijiet li

jikkonċernaw lil Spanja (EUR 267 miljun), ir-Repubblika Ċeka (EUR 111-il miljun), il-Greċja (EUR 82 miljun) u l-Polonja (EUR 77 miljun). Dawn l-ammonti ma jinkludux korrezzjonijiet għal nefqa ddikjarata minn benefiċjarji fil-livell tal-Istati Membri u għaldaqstant mhux iċċertifikati lill-Kummissjoni bħala riżultat tal-pjanijiet ta' azzjoni mitluba tagħha.

- *Il-perjodu 2000-2006:* L-ammont li fadal (EUR 531 miljun) ikopri korrezzjonijiet relatati mal-proċess ta' għeluq li għaddej tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006. Il-korrezzjonijiet fl-għeluq jirriżultaw mill-analiżi tad-dikjarazzjonijiet ta' stralċ, jew l-estrapolazzjoni tar-rata ta' żball residwa. Il-korrezzjonijiet ewlenin jikkonċernaw lil Spanja (EUR 316 miljun), l-Italja (EUR 65 miljun) u l-Portugall (EUR 53 miljun). Dawn il-korrezzjonijiet għandhom ikomplu fl-2013 minħabba l-finalizzazzjoni tal-eżerċizzju tal-għeluq, iżda b'ammonti aktar baxxi.

Ammonti implimentati:

L-ammonti rrapportati din is-sena jikkonċernaw il-perjodu 2000-2006 kważi b'mod esklussiv u l-korrezzjonijiet finanzjarji li ġew deċiżi/aċċettati fis-snin preċedenti. Korrezzjoni kbira għal Spanja (EUR 1,8 biljun) ġiet irrapportata kif implimentata wara t-tlesija tal-verifika tad-dokumenti kollha tal-għeluq, il-validazzjoni sħiħa tal-pretensjonijiet tal-kost ippreżentati mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li minnhom tnaqqsu l-korrezzjonijiet, kif ukoll l-ipproċessar tal-pagament parzjali tal-bilanċ li fadal għal Spanja. Ta' min jinnota li minħabba n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2012, fi tmiem is-sena (wara r-rifjut mill-awtorità tal-baġit tal-proposta għal baġit emnedatorju b'approprjazzjonijiet ta' pagament oġġa), is-servizzi tal-Kummissjoni ma setgħux jagħmlu pagament sħiħ tal-bilanċ dovut lil Spanja.

FSE:

- *2000-2006:* ħafna mill-korrezzjonijiet finanzjarji rrapportati huma relatati jew mal-estrapolazzjoni tar-rata ta' żball residwa fl-għeluq (wara l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet ta' stralċ), jew il-korrezzjonijiet netti fl-għeluq. L-awditjar tal-għeluq għadu għaddej.
- *2007-2013:* l-ammonti rrapportati huma relatati ma' ammonti regolari mnaqqsa mill-pretensjonijiet ta' pagament interim ippreżentati mill-Istati Membri matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-programm. Iż-żieda fl-ammonti rrapportati tirriżulta mill-istrategġija ta' awditjar konġunt żviluppata għal dan il-perjodu ta' programmazzjoni.

6.4.3 Ċifri kumulattivi għal korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji implimentati

6.4.3.1 Korrezzjonijiet finanzjarji implimentati – ċifri kumulattivi

Hawn tagħti tingħata informazzjoni li turi l-korrezzjonijiet finanzjarji kumulattivi rrapportati mill-perjodu ta' programmazzjoni:

Korrezzjonijiet finanzjarji	Perjodu ta' programmazzjoni			Deċiżjonijiet kumulattivi tal-FAEG	Total sa tmiem l-2012	% Implimentati / Deċiżjoni-konfermati	Total għad mhux implimentati Sa tmiem l-2012	Implimentati fi tmiem l-2011
	Perjodu 1994-1999	Perjodu 2000-2006	Perjodu 2007-2013					
Agrikoltura:	—	93	81	7 728	7 902	92,7 %	623	7 139
FAEG	—	—	—	7 728	7 728	93,3 %	558	7 024
Żvilupp rurali ⁽¹⁾	—	93	81	—	174	72,8 %	65	115
Politika ta' Koeżjoni:	2 535	6 359	779	—	9 673	89,7 %	1 114	
FEŻR	1 764	4 626	154	—	6 544	89,6 %	761	4 128
Fond ta' Koeżjoni	264	464	87	—	815	82,8 %	169	608
FSE	407	1 206	538	—	2 150	96,7 %	74	1 720
SFGS/FES	100	5	0	—	105	52,2 %	96	104
Gwida tal-FAEG ⁽¹⁾	0	58	—	—	58	80,6 %	14	41
Oħrajn	—	—	—	2	2	100,0 %	—	0
Total	2 535	6 452	861	7 730	17 577	91,0 %	1 737	13 741

⁽¹⁾ Issa, ċerti ammonti li qabel kienu ddivulgati bħala korrezzjonijiet finanzjarji huma rrapportati taħt irkupri.

L-ammonti ta' korrezzjonijiet finanzjarji ddivulgati f'din it-tabella għall-Agricoltura jirrappreżentaw ammonti gross relatati mad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità. Madankollu, l-ammonti ddivulgati fin-nota 6.4.2.2 jieħdu f'kunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni finanzjarja wkoll.

Rigward l-FAEG, l-ammont akkumulat implimentat ta' EUR 7 728 miljun ikopri l-korrezzjonijiet kollha li saru minn meta ttieħdet l-ewwel deċiżjoni fl-1999. Għall-**Iżvilupp Rurali**, l-ammont akkumulat ta' EUR 174 miljun ikopri l-korrezzjonijiet u l-irkupri kollha ta' irregolaritajiet sa mill-2007. Ta' min jinnota li f'xi każijiet, id-data ta' implimentazzjoni ġiet differita b'diversi snin, u xi deċiżjonijiet huma rimborżati wkoll f'pagamenti akkont annwali differiti. Dan huwa l-każ għall-Istati Membri soġġetti għal assistenza finanzjarja skont il-Ftehim Qafas Ewropew dwar l-Istabbiltà Finanzjarja ffirmat fis-7 ta' Ġunju 2010. Bħala konsegwenza, hemm diskrepanza li qiegħda tikber bejn l-ammonti kumulattivi deċiżi u dawk implimentati.

Rigward il-Politika ta' Koeżjoni:

Il-perjodu 2000-2006: Iż-żieda fir-rata ta' implimentazzjoni għall-FEŻR għall-perjodu ta' program-mazzjoni 2000-2006 fl-2012 (minn 53 % fl-2011 għal 92 % fl-2012) hija spjegata mill-fatt li ntbagħtet kull ittra ta' għeluq tal-FEŻR minbarra sebgħa lill-Istati Membri li koprew il-programmi operazzjonali sa tmiem l-2012, segwiti mill-awtorizzazzjoni ta' pretensjonijiet ta' pagament finali parzjali tal-FEŻR 2000-2006 (fi ħdan il-limiti ta' krediti disponibbli). Din ir-rata ta' implimentazzjoni għolja fi tmiem l-2012 tapplika wkoll għall-FSE. Għall-FIFG, id-dokumenti tal-għeluq u l-pretensjonijiet ta' pagament finali għadhom qegħdin jiġu pproċessati mis-servizzi tal-Kummissjoni, xi ħaġa li tispjega r-rata ta' implimentazzjoni baxxa għal dan il-perjodu ta' programmazzjoni.

Il-perjodu 2007-2013: Minħabba superviżjoni aktar stretta mill-Kummissjoni, f'dan l-istadju ta' implimentazzjoni tal-programmi qiegħed isir numru dejjem akbar ta' awditjar. Il-korrezzjonijiet ikkonfermati/deċiżi jew implimentati sejrni ikomplu jiżiedu fis-snin li ġejjin, minħabba r-rwol superviżorju tal-Kummissjoni u l-awditjar tal-UE.

Inklużi fit-tabella ta' hawn fuq hawn korrezzjonijiet finanzjarji li qegħdin jiġu appellati minn ċerti Stati Membri (ta' min jinnota l-esperjenza fl-imgħoddi wriet li l-Kummissjoni f'każijiet ferm rari biss kellha trodd lura ammonti wara kawżi bħal dawn). Għal aktar dettalji, ara n-nota 5.2.4.

6.4.3.2 Irkupri implimentati – ċifri kumulattivi

Għall-irkupri, informazzjoni kumulattiva affidabbli hija disponibbli biss mil-2008, meta ddaħħlet funzjonalità speċifika fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni biex titraċċa u tirrapporta aħjar irkupri bħal dawn. L-informazzjoni ta' hawn taħt turi d-disaggregazzjoni tal-irkupri li saru fis-sena:

Irkupri	Snin					Total sa tmiem l-2012	Total sa tmiem l-2011
	2008	2009	2010	2011	2012		
Agrikoltura:							
FAEG	356	148	172	178	161	1 015	854
Żvilupp Rurali	0	25	114	161	166	466	301
Koeżjoni	31	102	25	48	14	219	205
Oqsma tal-politika interna	40	100	162	268	229	799	570
Oqsma tal-politika esterna	32	81	136	77	99	425	326
Amministrazzjoni	0	9	5	2	9	25	16
Total	459	464	614	734	678	2 949	2 272

6.5 L-IRKUPRU TA' AMMONTI TA' PREFINANZJAMENT MHUX UŻATI

	EUR miljuni	
	2012	2011
Agrikoltura:		
FAEG	0	0
Żvilupp Rurali	0	0

	<i>EUR miljuni</i>	
	2012	2011
Politika ta' Koeżjoni:		
FEŻR	38	13
Fond ta' Koeżjoni	5	2
FSE	214	17
SFGS/FES	0	0
Gwida tal-FAEGG	5	10
Oqsma tal-politika interna	207	212
Oqsma tal-politika esterna	104	72
Amministrazzjoni	2	0
Total irkuprat	575	327

L-ammonti ta' hawn fuq tnaqqsu biex inġiebu l-ammonti tal-prefinanzjament inklużi fin-noti **2.6** u **2.10**.

6.6 IRKUPRI RELATATI MA' DĦUL MINN RIŻORSI PROPRI

	<i>EUR miljuni</i>	
	2012	2011
Ammonti rkuprati:		
— Kapital	133	63
— Imgħax	160	312
Total irkuprat	293	375

6.7 KORREZZJONIJIET ADDIZZJONALI (PRELEVAMENTI U RKUPRI) IRRAPPORTATI BĦALA IMPLIMENTATI MILL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PERJODU 2007-2013

	<i>EUR miljuni</i>			
Stat Membru	FEŻR/CF	FSE	FES	Total fi tmiem l-2012
Il-Belġju	3	11	—	14
Il-Bulgarija	13	2	0	15
Ir-Repubblika Ċeka	191	37	—	228
Id-Danimarka	0	0	0	0
Il-Ġermanja	290	49	1	340
L-Estonja	4	0	0	4
L-Irlanda	0	5	0	5
Il-Greċja	63	—	0	63
Spanja	204	39	9	252
Franza	42	37	0 ⁽¹⁾	79
L-Italja	141	27	0	168
Ċipru	0	0	0	1
Il-Latvja	10	—	0	10

EUR miljuni

Stat Membru	FEŻR/CF	FSE	FES	Total fi tmiem l-2012
Il-Litwanja	6	0	0	6
Il-Lussemburgu	—	0	—	0
L-Ungerija	26	—	0	26
Malta	1	0	—	1
Il-Pajjiżi l-Baxxi	1	2	0	3
L-Awstrija	4	1	0	5
Il-Polonja	204	—	0	204
Il-Portugall	46	28	1	75
Ir-Rumanija	43	—	0	43
Is-Slovenja	5	5	—	10
Is-Slovakkja	33	4	0	37
Il-Finlandja	1	0	0	1
L-Isvezja	2	1	1	4
Ir-Renju Unit	38	13	1	52
Transfruntiera	8	—	—	8
Total Implimentati	1 377	261	14	1 652

(¹) Il-konklużjonijiet tal-awditjar juru li hemm bżonn ta' titjib sostantiv fl-awtorità taċ-ċertifikazzjoni Franċiża li tirrapporta ċ-ċifri ta' rkupru tal-FES.

It-tabella ta' hawn fuq turi l-korrezzjonijiet finanzjarji kumulattivi rrapportati minn kull Stat Membru mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 sa tmiem l-2012. Dawn iżidu mal-korrezzjonijiet irrapportati b'mod kumulattiv mill-Kummissjoni (ara n-nota 6.4.3).

Sabiex tinkiseb garanzija addizzjonali dwar il-kompletezza u l-affidabilità tar-rapportar tal-Istati Membri dwar l-irkupri u l-prelevamenti, fl-2011 il-Kummissjoni bdiet bl-awditjar tal-azzjonijiet strutturali (FEŻR, CF, FSE, FES) bl-għan li tiżgura li r-rapportar tal-Istati Membri jkun komplut u affidabbli. Fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju, intgħażel kampjun ta' 12-il awtorità taċ-ċertifikazzjoni f'10 Stati Membri (¹). Matul l-2012, is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni kisbu garanzija raġonevoli li 11 mit-12-il awtorità taċ-ċertifikazzjoni awditjati għandhom arranġamenti sodisfaċenti fis-seħħ biex iżommu kont tal-ammonti li jikkonċernaw l-irkupru u l-prelevament ta' pagamenti bi żball u għar-rapportar tagħhom lill-Kummissjoni.

Is-servizzi tal-Kummissjoni sejr inkomplu b'dan l-awditjar fl-2013 u wara fi Stati Membri oħrajn, wara analiżi tad-dikjarazzjonijiet annwali mill-Istati Membri dwar il-prelevamenti u l-irkupri li għandhom jiġu riċevuti fl-2013.

7. MEKKANIŻMI GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU

Din in-nota għandha l-għan li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-mekkaniżmi eżistenti bħalissa għall-appoġġ finanzjarju fl-UE, u b'hekk tipprovdi aktar informazzjoni ma' dik irrapportata fin-nota 2. L-informazzjoni inkluża fl-ewwel parti ta' din in-nota (7.1) hija relatata ma' attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-UE mmexxija mill-Kummissjoni. L-informazzjoni fit-tieni parti ta' din in-nota (7.2) tkopri l-mekkaniżmi intergovernattivi ta' stabbiltà finanzjarja barra l-qafas tat-Trattat tal-UE u b'hekk mingħajr impatt fuq il-baġit tal-UE.

(¹) Konklużjonijiet dwar dan l-awditjar, fuq il-bażi tar-rapporti finali u s-segwitu implimentati mill-Istati Membri kkonċernati, ġew ikkomunikati lill-Awtorità tal-Kwittanza.

7.1 ATTIVITAJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF ĠESTITI MILL-KUMMISSJONI

7.1.1 *Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self – Ħarsa ġenerali*

Ammonti bil-valur riportat

	EUR miljuni						
	MFA	Euratom	BOP	EFSM	KEFA flik-widazzjoni	Total 31.12.2012	Total 31.12.2011
Self (nota 2.4.2)	549	425	11 623	44 476	221	57 294	41 281
Teħid b'self (nota 2.14)	549	425	11 623	44 476	194	57 267	41 251

L-ammonti ta' hawn fuq huma mogħtija bil-valur riportat filwaqt li t-tabelli ta' hawn taħt huma ppreżentati f'valuri nominali.

L-UE tingħata s-setgħa mit-Trattat tal-UE sabiex tadotta programmi ta' teħid b'self biex timmobilizza r-riżorsi finanzjarji neċessarji biex taqdi l-mandat tagħha. Il-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li taġixxi f'isem l-UE, bħalissa topera tliet programmi ewlenin, l-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA), l-assistenza tal-Bilanċ tal-Ħlasijiet (BOP) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM), li bihom tagħti self u tiffinanzjahom billi toħroġ strumenti tad-dejn fis-swieq kapitali jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji.

Il-punti jew il-karatteristiċi ewlenin li ta' min jinnotahom għal dawn it-tliet strumenti huma:

- It-teħid b'self tal-UE jinġabar fis-swieq kapitali jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji u mhux mill-baġit, peress li l-UE mhijiex awtorizzata tieħu b'self biex tiffinanzja l-ispejjeż baġitarji ordinarji tagħha jew bilanċ negattiv tal-baġit.
- Id-daqs tat-teħid b'self ivarja bejn tqegħid privat żgħir ta' ammonti f'miljuni ta' EUR b'ċifra waħda jew doppja għal operazzjonijiet ta' daqs referenzjarju fil-kuntest tal-BOP u s-self tal-EFSM.
- Il-fondi miġbura jingħataw b'self dahar ma' dahar lill-pajjiż benefiċjarju, jiġifieri bl-istess kupun, maturità u ammont. Minkejja l-metodoloġija ta' dahar ma' dahar, is-servizz tad-dejn tal-bond huwa obligu legali tal-UE, li sejjer jiżgura li l-pagamenti kollha tal-bonds isiru fil-ħin u bis-sħiħ. Għal dan l-għan, il-benefiċjarji tal-BOP huma meħtieġa jiddepożitaw rimborżi 7 ijiem minn qabel id-dati li huma dovuti fihom u l-benefiċjarji tal-EFSM 14-il jum minn qabel, u dan jagħti lill-Kummissjoni biżżejjed żmien biex tiżgura pagament fil-ħin fiċ-ċirkostanzi kollha.
- Għal kull programm tal-pajjiżi, id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jiddeterminaw l-ammont ġenerali mogħti, il-pagamenti akkont li għandhom jitħallsu, il-maturità individwali massima tiegħu u l-maturità medja massima tal-pakkett tas-self. Imbagħad, il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju jaqblu fuq parametri tas-self/ta' finanzjament, inklużi pagamenti akkont u l-pagament ta' segmenti. Barra minn hekk, il-pagamenti akkont kollha tas-self minbarra l-ewwel wieħed jiddependu fuq il-konformità ma' kundizzjonijiet stretti, b'termini u kundizzjonijiet maqbula simili għall-appoġġ tal-FMI, fil-kuntest ta' assistenza finanzjarja konġunta bejn l-UE/FMI, li huwa fattur ieħor li jinfluwenza t-twaqqit tal-finanzjament.
- Dan jimplika li t-twaqqit u l-maturitajiet tal-ħruġ jiddependu fuq l-attività relatata ta' għoti b'self tal-UE.
- Il-finanzjament huwa denominat b'mod esklussiv f'euro u l-ispettru tal-maturità huwa ta' bejn 5 u 30 sena.
- It-teħid b'self huma obbligati diretti u inkondizzjonali tal-UE u huwa ggarantit mit-28 Stat Membru.
- Jekk pajjiżi benefiċjarju jsir inadempjenti, is-servizz tad-dejn sejjer jiġi prelevat mill-bilanċ tat-teżor għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, jekk ikun possibbli. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-Kummissjoni tipp-releva l-fondi neċessarji mill-Istati Membri. L-Istati Membri tal-UE huma legalment obbligati, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-riżorsi proprji (l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000), sabiex iqiegħdu għad-dispożizzjoni biżżejjed fondi ħalli jissodisfaw l-obbligi tal-UE. B'hekk, l-investituri huma biss għar-riskju ta' kreditu tal-UE, u mhux dak tal-benefiċjarju tas-self iffinanzjat.
- Self "dahar ma' dahar" jiżgura li l-baġit tal-UE ma jġarrab ebda riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew riskju tal-kambju.

Barra minn hekk, l-entità legali **Euratom** (irrappreżentata mill-Kummissjoni) tieħu b'self flus biex tagħti b'self kemm lil Stati Membri kif ukoll lil dawk li mhumiex Stati Membri ħalli jiffinanzjaw proġetti relatati ma' installazzjonijiet tal-enerġija. Finalment, wara r-ristrutturar tad-djun ta' debitur inadempjenti, fl-2012 u l-2007 il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (**KEFA**) flikwidazzjoni xtart ċedoli mill-BEI (ikklassifikati AAA). Fid-data tal-karta bilanċjali, il-valur skont il-kotba taċ-ċedoli ammonta għal EUR 221 miljun.

Hawn taħt jingħataw aktar dettalji dwar kull wieħed minn dawn l-istrumenti. Ir-rati effettivi tal-imgħax (mogħtija bħala medda ta' rati tal-imgħax) kienu kif ġej:

Self	31.12.2012	31.12.2011
Assistenza Makrofinanzjarja (MFA)	0,298 %-4,54 %	1,58513 %-4,54 %
Euratom	0,431 %-5,76 %	1,067 %-5,76 %
BOP	2,375 %-3,625 %	2,375 %-3,625 %
EFSM	2,375 %-3,750 %	2,375 %-3,50 %
KEFA flikwidazzjoni	5,2354 %-5,8103 %	1,158 %-5,8103 %

Teħid b'self	31.12.2012	31.12.2011
Assistenza Makrofinanzjarja (MFA)	0,298 %-4,54 %	1,58513 %-4,54 %
Euratom	0,351 %-5,6775 %	0,867 %-5,6775 %
BOP	2,375 %-3,625 %	2,375 %-3,625 %
EFSM	2,375 %-3,750 %	2,375 %-3,50 %
KEFA flikwidazzjoni	6,92 %-9,78 %	1,158 %-9,2714 %

7.1.2 Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM)

Valur nominali tal-EFSM

	EUR miljuni		
	L-Irlanda	Il-Portugall	Total
Self totali mogħti	22 500	26 000	48 500
Imħallas fil-31.12.2011	13 900	14 100	28 000
Imħallas fl-2012	7 800	8 000	15 800
Self żborżat fil-31.12.2012	21 700	22 100	43 800
Self imħallas lura fil-31.12.2012 ⁽¹⁾	0	0	0
Self pendenti fil-31.12.2012	21 700	22 100	43 800
Amonti mhux prelevati fil-31.12.2012	800	3 900	4 700

⁽¹⁾ Fi tmiem in-nota 7.1.3 hija mogħtija tabella li turi l-iskeda tar-rimborżi għal dan is-self.

Fil-11 ta' Mejju 2010, il-Kunsill adotta l-EFSM biex iżomm l-istabbiltà finanzjarja fl-Ewropa (ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010). Il-mekkaniżmu huwa bbażat fuq l-Art. 122.2 tat-TFUE u jippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lil Stat Membru f'diffikultajiet jew mhedded serjament b'diffikultajiet gravi kkaġunati minn ċirkostanzi eċċezzjonali barra l-kontroll tiegħu. L-assistenza tista' tieħu l-forma ta' self jew linja ta' kreditu. Il-Kummissjoni tieħu b'self fondi fis-swieg kapitali jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji fisem l-UE u tagħti dawn il-fondi b'self lill-Istat Membru benefiċjarju. Għal kull pajjiż li jirċievi self skont l-EFSM, titwettag valutazzjoni trimestrali fuq l-ilħuq tal-kundizzjonijiet politiċi marbuta mas-self qabel ma jinħareġ pagament akkont.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-ECOFIN tad-9 ta' Mejju 2010 jillimitaw il-faċilità għal EUR 60 biljun iżda l-limitu legali huwa pprovdut fl-Artikolu 2,2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010, li jllimita l-ammont pendenti ta' self jew linji ta' kreditu għall-marġini disponibbli taħt il-limitu massimu ta' riżorsi proprji. It-teħid b'self relatat ma' self maħruġ skont l-EFSM huwa ggarantit mill-baġit tal-UE – b'hekk, fil-31 ta' Diċembru 2012, il-baġit huwa skopert għal riskju massimu possibbli ta' EUR 44 476 miljun rigward dan is-self (it-EUR 43,8 biljun ta' hawn fuq huma l-valur nominali). Peress li t-teħid b'self skont l-EFSM huwa ggarantit mill-baġit tal-UE, il-Parlament Ewropew jiskrutinizza l-azzjonijiet tal-EFSM tal-Kummissjoni u jeżerċita kontroll fil-kuntest tal-baġit u l-proċedura ta' kwittanza.

Il-Kunsill iddeċieda, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni f'Diċembru 2012 fuq self lill-Irlanda ta' massimu ta' EUR 22,5 biljun, u f'Mejju 2011 fuq self lill-Portugall ta' massimu ta' EUR 26 biljun. Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni inizjali stabbilixxew imgħax b'marġini għar-riżultat f'kundizzjonijiet simili għal dawk tal-appoġġ tal-FMI. Bl-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/682/UE u 2011/683/UE tal-11 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill niżżel il-marġini tal-imgħax b'mod retroattiv u estenda l-maturità medja massima minn 7,5 snin għal 12,5 snin u l-maturità ta' segmenti individwali sa 30 sena. Fit-12 ta' April 2013, l-ECOFIN qabel li jkompli jtawwal il-maturità medja massima tas-self tal-EFSM lill-Irlanda u l-Portugall b'7 snin għal 19,5 snin. L-estensjoni tneħħi intoppi fil-profil ta' tpaċija tad-dejn taż-żewġ pajjiżi u tbaxxi l-ħtiġijiet ta' rifinanzjament tagħhom fil-perjodu ta' wara l-programm.

Bl-EFSM, l-UE għandha l-ħsieb li toħroġ aktar bonds fl-aħħar trimestru tal-2013 għal ammont totali ta' EUR 3 biljun għal self lill-Irlanda u l-Portugall. L-EFSM mhuwiex sejjer jidħol fi programmi ġodda ta' finanzjament jew jidħol f'xi ftehim ġdid tal-faċilità ta' self, iżda sejjer jibqa' attiv fil-finanzjament tal-programmi kontinwi għall-Portugall u l-Irlanda (ara wkoll in-nota 7.2.2 aktar 'l isfel).

7.1.3 Bilanċ tal-Ħlasijiet (BOP)

Il-faċilità tal-BOP, strument finanzjarju bbażat fuq il-politiki, tipprovi assistenza finanzjarja fit-terminu medju lill-Istati Membri tal-UE. Tippermetti l-għoti ta' self lill-Istati Membri li qegħdin għaddeja jew li għandhom theddida serja minn diffikultajiet fil-bilanċ tal-ħlasijiet jew il-moviment ta' kapital tagħhom. Huma biss l-Istati Membri li ma adottawx l-euro li jistgħu jibbenefikaw minn din il-faċilità. L-ammont pendenti massimu ta' self mogħti bl-istrument huwa limitat għal EUR 50 biljun. It-teħid b'self relatat ma' dan is-self BOP huwa ggarantit mill-baġit tal-UE – u b'hekk fil-31 ta' Diċembru 2012, il-baġit huwa skopert għal riskju massimu possibbli ta' EUR 11 623 miljun rigward dan is-self (EUR 11,4 biljun anqas mill-valur nominali).

Valur nominali tal-BOP

	EUR miljuni			
	L-Ungerija	Il-Latvja	Ir-Rumanija	Total
Self totali mogħti	6 500	3 100	6 400	16 000
Imħallas fl-2008	2 000	—	—	2 000
Imħallas fl-2009	3 500	2 200	1 500	7 200
Imħallas fl-2010	—	700	2 150	2 850
Imħallas fl-2011	—	—	1 350	1 350
Imħallas fl-2012	—	—	—	—
Self imħallas fil-31.12.2012	5 500	2 900	5 000	13 400
Self imħallas lura fil-31.12.2012	(2 000)	—	—	(2 000)
Ammont pendenti fil-31.12.2012	3 500	2 900	5 000	11 400
Ammonti mhux prelevati 31.12.2012	0	0	1 400	1 400

Fi tmiem din in-nota hija mogħtija tabella li turi l-iskeda tar-rimborżi għal dan is-self.

Bejn Novembru 2008 u tmiem l-2012, ingħata self li jilħaq it-total ta' EUR 16-il biljun lill-Ungerija, il-Latvja u r-Rumanija, li EUR 13,4 biljun minnu tħallas sa tmiem l-2012. Ta' min jinnota li l-programm ta' assistenza tal-BOP għall-Ungerija skada f'Novembru 2010 (b'EUR 1 biljun mhux prelevati) u l-ewwel ripagament ta' EUR 2 biljun daħal kif skedat f'Diċembru 2011. Il-programm ta' assistenza tal-BOP għal-Latvja skada f'Jannar 2012 (b'EUR 200 miljun mhux prelevati). Il-programm tal-ewwel assistenza tal-BOP għar-Rumanija skada f'Mejju 2012 bil-ħlas tal-ammont kollu li ngħata.

Fi Frar 2011, ir-Rumanija talbet programm ta' assistenza finanzjarja ta' prekawzjoni ta' segwitu bil-Faċilità BOP biex tappoġġja t-treġġigħ lura lejn it-tkabbir ekonomiku. Fit-12 ta' Mejju 2011, il-Kunsill iddeċieda li jqiegħed għad-dispożizzjoni assistenza prekawzjonali tal-BOP tal-UE għar-Rumanija li tilħaq sa EUR 1,4 biljun (Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/288/UE) li jekk jintalbu, għandhom ikunu pprovduti f'forma ta' self b'maturità massima ta' seba' snin. Din l-assistenza prekawzjonali skadiet fi tmiem Marzu 2013 bla ma ġiet prelevata.

It-tabella li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn l-iskeda ta' rimborż ipplanata f'valur nominali għall-ammonti pendenti tas-self tal-EFSM u l-BOP fid-data tal-firma ta' dawn il-kontijiet:

EUR Biljuni

Sena	BOP				EFSM			Total
	L-Ungerija	Il-Latvja	Ir-Rumanija	Total	L-Irlanda	Il-Portugall	Total	
2014	2.0	1.0		3.0				3.0
2015		1.2	1.5	2.7	5.0		5.0	7.7
2016	1.5			1.5		4.75	4.75	6.25
2017			1.15	1.15				1.15
2018			1.35	1.35	3.9	0.6	4.5	5.85
2019		0.5	1.0	1.5				1.5
2021					3.0	6.75	9.75	9.75
2022						2.7	2.7	2.7
2025		0.2		0.2				0.2
2026					2.0	2.0	4.0	4.0
2027					1.0	2.0	3.0	3.0
2028					2.3		2.3	2.3
2032					3.0		3.0	3.0
2038						1.8	1.8	1.8
2042					1.5	1.5	3.0	3.0
Total	3.5	2.9	5.0	11.4	21.7	22.1	43.8	55.2

7.1.4 MFA, EURATOM u KEFA f'Likwidazzjoni

L-MFA hija strument finanzjarju bbażat fuq politika ta' bilanċ mhux marbut u mhux infassal ta' pagament u/jew appoġġ tal-baġit lil pajjiżi terzi msieħba ġeografikament qrib it-territorju tal-UE. Tieħu l-forma ta' self jew għotjiet b'terminu medju jew twil jew taħlita xierqa tat-tnejn u ġeneralment timxi id f'id mal-finanzjament ipprovdut fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament u riforma appoġġjat mill-FMI. Fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni daħlet f'EUR 100 miljun oħra ta' ftehimiet ta' self li madankollu kienu għadhom mhux prelevati mill-parti l-oħra qabel tmiem is-sena. Il-Kummissjoni ma rċevietx garanziji minn partijiet terzi għal dan is-self, iżda huma ggarantiti mill-Fond ta' Garanzija (ara n-nota 2.4).

L-Euratom hija entità legali tal-UE u hija rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. Tagħti self lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw proġetti ta' investiment fl-Istati Membri relatati mal-produzzjoni industrijali tal-elettriku fi stazzjonijiet tal-enerġija nukleari u ma' installazzjonijiet taċ-ċiklu tal-fjuwil industrijali. Tagħti self ukoll lil dawk li mhumiex Stati Membri sabiex itejbu l-livell ta' sikurezza u effiċjenza tal-istazzjonijiet tal-enerġija nukleari u installazzjonijiet fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari li huma operattivi jew li qegħdin jinbnew. Ġew riċevuti garanziji minn partijiet terzi li jammontaw għal EUR 423 miljun (2011: EUR 447 miljun) li jkopru dan is-self.

Is-self tal-KEFA jingħata mill-KEFA f'likwidazzjoni fuq fondi meħuda b'self skont l-Artikoli 54 u 54 tat-Trattat tal-KEFA kif ukoll tliet titoli ta' dejn mhux ikkwotati maħruġa mill-BEI bħala sostituti għal debitur inadempjenti. Dawn it-titoli ta' dejn sejin jinżammu sal-maturità finali tagħhom (2017 u 2019) sabiex ikopru s-servizz ta' teħid b'self relatat. Il-bidliet fl-ammont riportat jikkorrispondu għall-bidla fl-imgħaxijiet dovuti flimkien mal-amortizzament tas-sena tal-primjums imħallsa u l-kost tat-tranżazzjonijiet sostnuti fil-bidu, ikkalkolati skont il-metodu tar-rata effettiva tal-imgħax.

7.2 MEKKANIŻMI INTERGOVERNATTIVI TAL-ISTABILITÀ FINANZJARJA BARRA L-QAFAS TAT-TRATTAT TAL-UE

7.2.1 *Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF)*

Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja ("EFSF") inħolqot mill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro wara d-deċizzjonijiet meħuda fid-9 ta' Mejju 2010 mill-Kunsill tal-ECOFIN. Il-mandat tagħha huwa li tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja fl-Ewropa billi tipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro. L-EFSF ma tipprovdi self għid wara l-1 ta' Lulju 2013 (ara n-nota 7.2.2 aktar 'l isfel), b'konformità mal-Ftehim Qafas attwali. Skont ftehim mill-Kapijiet tal-Istat/Gvern taż-Żona tal-euro milħuq f'Lulju 2011, l-EFSF hija awtorizzata tuża l-istrumenti li ġejjin marbuta ma' kundizzjonalità xierqa:

- Tipprovdi self lil pajjiżi f'diffikultà finanzjarja
- Tintervjeni fis-swieg tad-dejn primarji u sekondarji. Intervent fis-suq sekondarju jsir biss fuq il-bażi ta' analiżi tal-BĊE li tirrikonoxxi l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali tas-suq finanzjarju u riskji għall-istabbiltà finanzjarja
- Taġixxi fuq il-bażi ta' programm ta' prekawzjoni
- Tiffinanzja rikapitalizzazzjonijiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji permezz ta' self lil gvernijiet
- Tipprovdi ċertifikati ta' protezzjoni parzjali mir-riskju flimkien ma' haġġiet ġodda ta' Stati Membri vulnerabbli

L-EFSF hija ggarantita minn impenji ta' garanzija mill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro għal total ta' EUR 780 biljun u għandha kapaċità ta' għoti b'self ta' EUR 440 biljun. Mhijiex iggarantita mill-baġit tal-UE. L-EFSF huwa kumpanija kummerċjali rreġistrata l-Lussemburgu li hija proprjetà tal-Istati Membri taż-Żona tal-euro barra l-qafas tat-Trattat tal-UE u b'hekk mhijiex korp tal-UE u hija kompletament separata mill-kontijiet tal-UE u mhijiex ikkonsolidata fihom. Konsegwentement, ma għandha l-ebda impatt fuq il-kontijiet tal-UE, minbarra s-sanzjonijiet possibbli deskritti hawn taħt.

Il-Kummissjoni hija responsabbli għan-negozjar tal-kundizzjonalità tal-politiki marbuta mal-assistenza finanzjarja u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dik il-kundizzjonalità. Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament u l-Kunsill jippermetti l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fil-forma ta' multi fuq Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Dawn il-multi, li huma 0.2 % tal-PDG tal-Istat Membru fis-sena preċedenti, jistgħu jkunu applikati f'każijiet meta Stat Membru ma jkunx ħa azzjonijiet xierqa biex jikkoreġi defiċit eċċessiv tal-baġit, jew meta jkun hemm manipulazzjoni tal-istatistika. B'mod simili, ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi jagħmel provvediment għal multa annwali fuq Stat Membru taż-Żona tal-euro ta' 0,1 % tal-PDG fil-każijiet fejn Stat Membru ma jkunx ħa l-azzjoni korrettiva mitluba jew f'każ li jkun ġie ppreżentat pjan ta' azzjoni korrettiva insuffiċjenti. Ir-Regolament (UE)

Nru 1177/2011 aġġorna r-Regolament (KE) Nru 1467/97 fuq it-tħaffif u l-iċċarar tal-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Dan ir-Regolament aġġornat jipprevedi wkoll il-possibilità ta' ħruġ ta' multi għal Stati Membri taż-Żona tal-euro (ta' 0,2 % tal-PDG fimbien ma' komponent varjabbli). Skont it-tliet Regolamenti kollha kemm huma, kwalunkwe multa miġbura mill-Kummissjoni għandha tingħadda lill-EFSF, jew lill-mekkaniżmu suċċessur tiegħu. Bħalissa, huwa previst li dawn il-multi jgħaddu mill-Baġit tal-UE u mbagħad jiġu ttrasferiti lill-EFSF. Dan ikun ifisser li dawn l-ammonti jidhru kemm bħala dħul kif ukoll bħala nefqa tal-baġit, u b'hekk ma għandhom l-ebda impatt fuq ir-riżultat tal-baġit ġenerali. Bl-istess mod, ma jkollhom ebda impatt fuq ir-riżultat ekonomiku kif ippreżentat fir-rapporti finanzjarji tal-UE.

Valur nominali tal-EFSF

	EUR miljuni			
	L-Irlanda	Il-Portugall	Il-Greċja (1)	Total
Self totali mogħti	17 700	26 000	144 600	188 300
Self imħallas fil-31.12.2012	12 000	18 200	108 300	138 500
Self imħallas lura fil-31.12.2012	—	—	—	—
Self pendenti fil-31.12.2012	12 000	18 200	108 300	138 500

(1) It-tieni programm

7.2.2 Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)

Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri taż-Żona tal-euro jstabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà permanenti: il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("MES"), organizzazzjoni intergovernattiva skont il-liġi internazzjonali pubblika barra l-qafas tat-Trattat tal-UE. It-Trattat dwar il-MES ġie ffirmat mis-17-il Stat Membru taż-Żona tal-euro fit-2 ta' Frar 2012 u sar operazzjonali f'Ottubru 2012. Il-MES ħa l-kompiti ssodisfati mill-EFSM u, mill-1 ta' Lulju 2013, il-kompiti mwettqa mill-EFSF biex b'hekk sar l-uniku mekkaniżmu u l-mekkaniżmu permanenti għar-rispons għal talbiet ġodda għal assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-Żona tal-euro. B'hekk, l-EFSF u l-EFSM mhumiex sejrin jibqgħu jidhru fi programmi ġodda ta' finanzjament jew jidhru fi ftehimiet ġodda tal-faċilità ta' self, iżda sejrin jibqgħu attivi fl-iffinanzjar tal-programmi kontinwi għall-Portugall, l-Irlanda u l-Greċja. Għaldaqstant, is-self mogħti skont l-EFSM sejjer ikompli jingħata u jitħallas lura skont ir-regoli tal-EFSM u b'hekk, it-teħid b'self relatat xorta sejjer jibqa' jkun iggarantit mill-baġit tal-UE u sejjer jibqa' fil-karta bilanċjali tal-UE. B'hekk, il-ħolqien tal-MES mhuwiex sejjer iħalli impatt fuq l-impenji eżistenti fl-EFSM. Ta' min jinnota wkoll li l-baġit tal-UE mhuwiex sejjer jigarantixxi t-teħid b'self tal-MES.

Il-MES huwa ggarantit minn struttura kapitali robusta, b'kapital sottoskritt totali ta' EUR 700 biljun, li EUR 80 biljun minnhom fil-forma ta' kapital imħallas ipprovdut mill-Istati Membri taż-Żona tal-euro. B'kapital bħal dan, il-kapaċità ta' self tagħha fil-prinċipji għandha tilħaq il-EUR 500 biljun. L-assistenza pprovduta fil-MES sejra tkun akkumpanjata bil-kundizzjonalità, xierqa għall-istrument ta' assistenza magħżul. Is-self lill-Istati Membri benefiċjarji sejjer ikun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' programm ekonomiku u ta' aġġustament fiskali strett, b'konformità mal-arranġamenti eżistenti. Peress li dan il-mekkaniżmu għandu l-personalità legali tiegħu stess u huwa ffinanzjat direttament mill-Istati Membri taż-Żona tal-euro, mhuwiex korp tal-UE u ma għandux impatt, la fuq il-kontijiet tal-UE u lanqas fuq il-baġit tal-UE, minbarra d-dħul mis-sanzjonijiet possibbli deskritti hawn taħt. Il-Kummissjoni hija responsabbli għan-negozjar tal-kundizzjonalità politika marbuta mal-assistenza finanzjarja u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dik il-kundizzjonalità (bħal fl-EFSF aktar 'il fuq). Kull pajjiż li jirċievi assistenza finanzjarja mill-MES sejjer ikun soġġett għal valutazzjonijiet regolari fuq l-issodisfar tal-kundizzjonalità politika qabel ma jinħareġ kull pagament akkont.

Kif intqal hawn fuq, multi miġbura skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, (UE) Nru 1174/2011 u (UE) Nru 1177/2011 sejrin jgħaddu mill-baġit tal-UE u sejrin jiġu ttrasferiti lill-MES ladarba l-EFSF ma tibqax operazzjonali. Barra minn hekk, it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza ffirmat minn 25 Stat Membru (minbarra r-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka) jipprevedi pagamenti ta' penali fuq kwalunkwe waħda mill-"Partijiet Kontraenti" meta dak l-Istat Membru ma jkunx ħa l-miżuri meħtieġa biex jindirizza ksur ta' kriterju tad-defiċit. Il-penali imposti (li ma jstgħux jaqbuż ż-0.1 % tal-PDG) sejrin ikunu pagabbli lill-MES jekk jiġu applikati lill-Istati Membri taż-Żona tal-euro (b'hekk l-ebda impatt fuq ir-riżultat tal-baġit tal-UE, bħal fl-EFSF aktar 'il fuq), jew lill-baġit tal-UE għal Stati Membri mingħajr l-euro – ara l-Artikolu 8 paragrafu 2 tat-Trattat. F'dan l-aħħar każ, l-ammont tas-sanzjoni sejjer ikun dħul għall-baġit tal-UE u sejjer ikun rifless bħala tali fil-kontijiet tagħha.

Valur nominali tal-MES

	EUR miljuni
	Spanja
Self mogħti totali	100 000
Self imħallas fil-31.12.2012	39 468
Self imħallas lura fil-31.12.2012	—
Self pendenti fil-31.12.2012	39 468
Ammonti mhux prelevati fil-31.12.2012	60 532

8. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

Id-divulgazzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-UE huma relatati ma':

- attivitajiet ta' għoti u teħid b'self imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta': Mekkaniżmu Ewropew tal-Istabbiltà Finanzjarja (EFSM), Bilanċ tal-Ħlasijiet (BOP), Assistenza Makrofinanzjarja (MFA), azzjonijiet tal-Euratom u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (l-Likwidazzjoni);
- l-operazzjonijiet tat-teżor imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea sabiex timplimenta l-baġit tal-UE, inkluża r-riċevuta ta' multi; u
- il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni.

8.1 TIPI TA' RISKJU

Riskju tas-suq huwa r-riskju li l-valur ġust tal-flussi ta' flus futuri ta' strument finanzjarji jiċċaqalqu, minħabba bidliet fil-prezzijiet tas-suq. Ir-riskju tas-suq ma jinkorporax biss il-potenzjal għal telf, iżda anki l-potenzjal għal qligħ. Jinvolvi r-riskju tal-valuta, riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u riskju ta' prezz ieħor (l-UE ma għandha l-ebda riskju tal-prezz importanti ieħor).

1. **Riskju tal-valuta** huwa r-riskju li l-operazzjonijiet tal-UE jew il-valur tal-investimenti tagħha jkunu affettwati minn bidliet fir-rati tal-kambju. Dan ir-riskju jfeġġ mill-bidla fil-prezz ta' munita meta mqabbla m'oħra.
2. **Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax** huwa l-possibilità ta' tnaqqis fil-valur ta' titolu, speċjalment bond, li jirriżulta minn żieda fir-rati tal-imgħax. B'mod ġenerali, rati tal-imgħax ogħla jwasslu għal prezzijiet anqas ta' bonds b'rati fissa, u viċi versa.

Riskju ta' kreditu huwa r-riskju ta' telf dovut għan-nuqqas ta' ħlas minn debitur/mutwatarju ta' self jew linja ta' kreditu oħra (jew il-kapital jew l-imgħax jew it-tnejn) jew nuqqas ieħor biex jiġi ssodisfat obbligu kuntrattwali. L-avvenimenti ta' inadempjenza jinkludu dewmien fir-ripagamenti, ristrutturar ta' ripagamenti ta' mutwatarju u falliment.

Riskju ta' likwidità huwa r-riskju li jfeġġ mid-diffikultà ta' bejgħ ta' ass, pereżempju r-riskju li titolu jew ass partikolari ma jistax jiġi nnegożjat malajr biżżejjed fis-suq sabiex jiġi evitat telf jew issodisfat obbligu.

8.2 POLITIKI TA' MMANIĠĠJAR TAR-RISKJU**Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self**

It-tranżazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self, kif ukoll l-immaniġġjar tat-teżor relatat, jitwettqu mill-UE skont id-Deċizzjonijiet rispettivi tal-Kunsill, jekk applikabbli, u linji gwida interni. Il-manwali tal-proċedura bil-miktub li jkopru oqsma speċifiċi bħal teħid b'self, self u mmaniġġjar tat-teżor ġew żviluppati u jintużaw mill-unitajiet operattivi rilevanti. Bħala regola ġenerali, ma hemmx attivitajiet biex jikkompensaw għal varjazzjonijiet fir-rata tal-imgħax jew varjazzjonijiet fil-kambju (attivitajiet ta' "hedging") imwettqa peress li l-operazzjonijiet ta' għoti b'self huma ġeneralment iffinanzjati minn teħid b'self "dahar ma' dahar", li b'hekk ma jiġġenerax pożizzjonijiet miftuħa tar-rata tal-imgħax jew tal-valuta. L-applikazzjoni tal-karattru "dahar ma' dahar" huwa vverifikat b'mod regolari.

Il-Kummissjoni Ewropea tmexxi l-likwidazzjoni tal-obbligazzjonijiet ma l-ebda self ġdid jew finanzjament korrispondenti ma huwa previst għall-KEFA f'likwidazzjoni. Teħid b'self ġdid tal-KEFA huwa ristrett għar-rifinanzjament bil-għan li jitnaqqas il-kost tal-fondi. F'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet tat-teżor, huma applikati l-prinċipji ta' ġestjoni prudenti bil-għan li jiġu limitati r-riskji finanzjarji.

Teżor

Ir-regoli u l-prinċipji għall-immaniġġjar tal-operazzjonijiet tat-teżor tal-Kummissjoni huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 (emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2028/2004 u (KE, Euratom) Nru 105/2009) u fir-Regolament Finanzjarju (Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006, (KE) Nru 1525/2007 u (UE, Euratom) Nru 1081/2010) u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu (Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, emendat mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 1261/2005, (KE, Euratom) Nru 1248/2006 u (KE, Euratom) Nru 478/2007).

Minħabba r-regolamenti ta' hawn fuq, japplikaw il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

- Ir-riżorsi proprji huma mħallsa mill-Istati Membri f'kontijiet miftuħa għal dan il-għan fisem il-Kummissjoni mat-Teżor jew il-korp maħtur minn kull Stat Membru. Il-Kummissjoni tista' toqgħod fuq il-kontijiet ta' hawn fuq biss biex tkopri r-reqwiziti ta' flus tagħha.
- Ir-Riżorsi Proprji jitħallsu mill-Istati Membri fil-muniti nazzjonali tagħhom stess, filwaqt li l-pagamenti tal-Kummissjoni huma denominati f'EUR fil-parti l-kbira.
- Il-kontijiet tal-bank miftuħa fisem il-Kummissjoni ma jstgħux iġarrbu prelevament żejjed. Din ir-restrizzjoni ma tapplikax għall-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni f'każ ta' inadempjenza fuq self kuntrattat jew iggarantit skont ir-regolamenti u deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE u u f'ċerti kundizzjonijiet f'każ li r-reqwiziti tar-riżorsi tal-flus jaqbżu l-assi tal-kontijiet.
- Fondi miżmuma f'kontijiet tal-bank denominati f'muniti oħrajn minbarra EUR jew li jintużaw għall-pagamenti fl-istess muniti jew jinqalbu b'mod perjodiku f'EUR.

Minbarra l-kontijiet tar-riżorsi proprji, il-Kummissjoni tiftaħ kontijiet bankarji oħrajn, ma' banek ċentrali u banek kummerċjali, għall-fini ta' eżekuzzjoni ta' pagamenti u riċevuta ta' dħul minbarra kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit.

L-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti huma ferm awtomatizzati u jiddependu fuq sistemi tal-informazzjoni moderni. Huma applikati proċeduri speċifiċi biex tkun iggarantita sigurtà tas-sistema u sabiex tiġi żgurata segregazzjoni tad-dmirijiet b'konformità mar-Regolament Finanzjarju, l-istandards ta' kontroll intern tal-Kummissjoni, u l-prinċipji tal-awditjar.

Sett miktub ta' linji gwida u proċeduri jirregola l-immaniġġjar tal-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagament tal-Kummissjoni bil-għan li jkun limitat ir-riskju operazzjonali u finanzjarju u jiġi żgurat livell xieraq ta' kontroll. Ikopri l-oqsma differenti tal-operazzjoni (pereżempju: eżekuzzjoni ta' pagament u mmaniġġjar ta' flus, tbassir tal-fluss tal-flus, kontinwità tan-negozju, eċċ.), u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri hija vverifikata b'mod regolari. Barra minn hekk, tiġi skambjata informazzjoni bejn id-DĠ BAĠIT u d-DĠ ECFIN dwar l-immaniġġjar tar-riskju u l-aħjar skoperturi.

Multi

Multi msarrfa b'mod provviżorju: depożiti

L-ammonti riċevuti qabel l-2010 għadhom f'kontijiet tal-bank ma' banek maġżua b'mod speċifiku għad-depożitu ta' multi msarrfa b'mod provviżorju. L-għażla ta' banek issir b'konformità ma' proċeduri tal-offerta definiti mir-Regolament Finanzjarju. It-tqegħid ta' fondi ma' banek speċifiċi huwa ddeterminat mill-politika ta' mmaniġġjar tar-riskju intern li tiddefinixxi r-reqwiziti ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-ammont ta' fondi li jista' jitqiegħed skont is-sehem tal-ekwità tal-kontroparti. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali huma identifikati u evalwati u l-konformità mal-politiki u l-proċeduri interni hija vverifikata b'mod regolari.

Multi msarrfa b'mod provviżorju: portafoll BUFI

Mill-2010 'il quddiem, l-ammonti tal-multi msarrfa b'mod provviżorju huma investiti f'fond maħluq b'mod speċifiku, BUFI. L-immaniġġjar ta' assi għal multi msarrfa b'mod provviżorju jsir mill-Kummissjoni skont il-linji gwida interni u l-linji gwida ta' mmaniġġjar ta' assi. Il-manwali proċedurali jkopru oqsma speċifiċi bħall-immaniġġjar tat-teżor ġew żviluppatti u qiegħed jintużaw mill-unitajiet operattivi rilevanti. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali huma identifikati u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri interni hija vverifikata b'mod regolari.

L-għanijiet tal-attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' assi huma li jsir investiment f'multi mħallsa lill-Kummissjoni b'tali mod li:

- (a) jiġi żgurat li l-fondi huma faċilment disponibbli meta jkunu meħtieġa, filwaqt li
- (b) jinżamm l-għan li f'ċirkostanzi normali jiġi pprovdut redditu li bħala medja huwa daqs ir-redditu tal-Punt ta' Riferiment tal-BUFI li minnu jitnaqqsu l-kostijiet sostnuti.

L-investimenti huma ristretti bażikament għall-kategoriji li ġejjin: depożiti b'terminu fiss ma' Banek Ċentrali taż-Żona tal-euro, aġenziji tad-dejn sovrani taż-Żona tal-euro, banek jew istituzzjonijiet supranazzjonali li huma proprjetà sħiħa tal-Istat jew iggarantiti mill-istat; bonds, kambjali u Ċertifikati ta' Depożitu maħruġa minn entitajiet sovrani li joħlqu espożizzjoni sovrana diretta taż-Żona tal-euro jew li huma maħruġa minn istituzzjonijiet supranazzjonali.

Garanziji tal-bank

Ammonti importanti ta' garanziji maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji jinżammu mill-Kummissjoni fir-rigward tal-multi li timponi lil kumpaniji li jiksru r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni (ara n-nota **2.9.1**). Dawn il-garanziji huma pprovduti minn kumpaniji mmultati bħala alternattiva minflok ma jsiru pagamenti provviżorji. Il-garanziji huma mmexxija skont il-politika intern dwar l-immaniġġjar tar-riskju. Ir-riskji finanzjarji u operazzjonali huma identifikati u evalwati u l-konformità mal-politiki u l-proċeduri interni hija vverifikata b'mod regolari.

Fond ta' Garanzija

Ir-regoli u l-prinċipji għall-immaniġġjar ta' assi tal-Fond ta' Garanzija (ara n-nota **2.4**) huma stabbiliti fil-Konvenzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI datata l-25 ta' Novembru 1994 u l-emendi sussegwenti datati s-17/23 ta' Settembru 1996, it-8 ta' Mejju 2002, il-25 ta' Frar 2008 u d-9 ta' Novembru 2010. Il-Fond ta' Garanzija jopera biss f'EUR. Jinvesti b'mod esklussiv f'din il-munita sabiex jevita kwalunkwe riskju tal-kambju. L-immaniġġjar tal-assi huwa bbażat fuq ir-regoli tradizzjonali tal-prudenza li tinżamm konformità magħhom għal attivitajiet finanzjarji. Hemm bżonn li tinxteħet attenzjoni partikolari fuq it-tnaqqis tar-riskji u fuq l-iżgurar li l-assi mmaniġġjati jistgħu jinbiegħu jew jiġu ttrasferiti bla dewmien importanti, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-impenji koperti.

8.3 RISKJI TAL-VALUTA

Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self

Ħafna mill-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji huma f'EUR, u b'hekk, f'dawn il-każijiet l-UE ma jkollha ebda riskju tal-kambju. Madankollu, l-UE ma tagħtix self f'USD permezz tal-istrument finanzjarju Euratom, li huwa ffinanzjat mit-teħid b'self b'ammont ekwivalenti f'USD (operazzjoni dahar ma' dahar). Fid-data tal-karta bilanċjali l-UE jkollha riskju tal-kambju fir-rigward tal-Euratom. Il-KEFA f'likwidazzjoni għandha espożizzjoni netta żgħira tal-kambju ekwivalenti għal EUR 1,35 miljun li ġeja minn ekwivalenti ta' EUR 1,13 miljun f'self immobiljari u ekwivalenti ta' EUR 0,22 miljun f'bilanċi tal-kont kurrenti.

Teżor

Ir-riżorsi proprji mħallsa mill-Istati Membri f'muniti li mhumieħ EUR jinżammu fil-kontijiet tar-riżorsi proprji, skont ir-Regolament dwar ir-Riżorsi Proprji. Jinqelbu f'EUR meta jkunu meħtieġa biex ikopru għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti. Il-proċedura applikata għall-immaniġġjar ta' dawn il-fondi huma ddettagliati mir-Regolament ta' hawn fuq. F'numru limitat ta' każijiet dawn il-fondi jintużaw direttament għal pagamenti li għandhom jiġu eżegwiti fl-istess muniti.

Numru ta' kontijiet fmuniti tal-UE minbarra EUR, u f'USD u CHF, jinżammu mill-Kummissjoni ma' banek kummerċjali, għall-fini ta' eżekuzzjoni ta' pagamenti denominati f'dawn l-istess muniti. Dawn il-kontijiet jintlew skont l-ammont ta' pagamenti li għandhom jiġu eżegwiti, bħala konsegwenza l-bilanċi tagħhom ma jirrappreżentawx kopertura għar-riskju tal-valuta.

Meta rikavati mixxellanji (minbarra riżorsi propji) ikunu riċevuti fmuniti li mhumiex EUR, jew jiġu trasferiti fil-kontijiet tal-Kummissjoni miżmuma fl-istess muniti, jekk ikunu meħtieġa biex ikopru għall-eżekuzzjoni ta' pagamenti, jew jinqelbu f'EUR u mbagħad jiġu ttrasferiti f'kontijiet miżmuma f'EUR. Kontijiet imprest miżmuma fmuniti li mhumiex EUR jintlew skont il-ħtiġijiet stmati ta' pagamenti lokali b'terminu qasir fl-istess muniti. Il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fi ħdan il-limiti massimi rispettivi tagħhom.

Multi

Multi msarfa b'mod provviżorju (depożiti u l-portafoll BUFI) u garanziji tal-bank

Peress li l-multi kollha huma imposti u mħallsa f'EUR, ma hemm l-ebda riskju tal-kambju.

Fond ta' Garanzija

L-assi finanzjarji huma f'EUR u għalhekk ma hemmx riskju tal-valuta.

8.4 RISKJU TAĊ-ĊAQLIQ FIR-RATA TAL-IMGĦAX

Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self

Teħid b'self u self b'rati tal-imgħax varjabbli

Minħabba l-għamla tal-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tagħha, l-UE għandha assi u obligazzjonijiet importanti li jġarrbu l-imgħax. Teħid b'self tal-MFA u l-Euratom maħruġ b'rati varjabbli jesponi lill-UE għal riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Madankollu, ir-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jiġu minn teħid b'self huma kkompensati minn self ekwivalenti f'termini u kundizzjonijiet (dahar ma' dahar). Fid-data tal-karta bilanċjali, l-UE għandha self (espressi f'ammonti nominali) b'rati varjabbli ta' EUR 0,7 biljun (2011: EUR 0,8 biljun), b'reviżjoni tal-prezzijiet li sseħħ kull 6 xhur.

Teħid b'self u self b'rati tal-imgħax fissi

L-UE għandha wkoll self tal-MFA u l-Euratom b'rati fissi għal total ta' EUR 271 miljun fl-2012 (2011: EUR 236 miljun) u li għandhom data ta' maturità finali ta' bejn sena u ħames snin (EUR 25 miljun) u aktar minn ħames snin (EUR 246 miljun). Aktar importanti minn hekk, l-UE tat għaxar selfiet bl-istrument finanzjarju BOP b'rati tal-imgħax fissi għal total ta' EUR 11,4 biljun fl-2012 (2011: EUR 11,4 biljun) u b'maturità finali ta' bejn sena u ħames snin (EUR 8,4 biljun) u aktar minn ħames snin (EUR 3,0 biljun). Bl-istrument finanzjarju EFSM, l-UE għandha 18-il self b'rati tal-imgħax fissi għal total ta' EUR 43,8 biljun fl-2012 u b'maturità finali bejn sena u ħames snin (EUR 9,8 biljun) u aktar minn ħames snin (EUR 34 biljun).

Minħabba l-għamla tal-attivitajiet tagħha, il-KEFA flikwidazzjoni hija skoperta għal riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Ir-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jiġu minn teħid b'self huma ġeneralment ikkompensati minn self ekwivalenti fit-termi u l-kundizzjonijiet. Fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' assi, hemm bonds b'rati tal-imgħax varjabbli li jirrappreżentaw 4 % tal-portafoll tal-KEFA. Bonds bla kupun irrappreżentaw 8 % tal-portafoll tal-bonds fid-data tal-karta bilanċjali.

Teżor

It-teżor tal-Kummissjoni ma jjeħu b'self ebda flus; bħala konsegwenza, mhuwiex skopert għal riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Madankollu, jaqla' mgħax fuq il-bilanċi li għandu fil-kontijiet tal-bank differenti tiegħu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni implimentat miżuri biex tiżgura li l-imgħax maqlugħ fuq il-kontijiet tal-bank tiegħu jirrifletti b'mod regolari r-rati tal-imgħax tas-suq, kif ukoll iċ-ċaqliq possibbli fihom.

Il-kontijiet miftuħa ma' Teżori jew Banek Ċentrali Nazzjonali ta' Stati Membri għar-rikavat tar-riżorsi proprji ma jġarrbux imgħax u ħielsa minn imposti. Għall-kontijiet kollha l-oħrajn miżmuma ma' Banek Ċentrali Nazzjonali, ir-remunerazzjoni tiddependi fuq il-kundizzjonijiet speċifiċi offruti minn kull bank; ir-rati tal-imgħax applikati huma varjabbli u aġġustati skont iċ-ċaqliq tas-suq.

Il-bilanċi mil-lum għall-għada miżmuma f'kontijiet tal-bank kummerċjali jaqilgħu mgħax fuq bażi ta' kuljum. Dan huwa bbażat fuq rati tas-suq varjabbli li għalihom huwa applikat marġini kuntrattwali (pożittiv jew negattiv). Għal ħafna mill-kontijiet, il-kalkolu tal-imgħax huwa marbut mal-EONIA (medja tal-indiċi mil-lum għall-għada tal-euro), u huwa aġġustat biex jirrifletti kwalunkwe ċaqliq f'din ir-rata. Għal xi kontijiet oħrajn, il-kalkolu tal-imgħax huwa marbut mar-rata marġinali tal-BĊE għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu. B'hekk, ma jeżisti ebda riskju li l-Kummissjoni taqla' mgħax b'rati anqas mir-rati tas-suq.

Multi

Multi msarfa b'mod provviżorju (depożiti, portafoll BUFI) u garanziji tal-bank

Depożiti u garanziji tal-bank mhumiex skoperti għal riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Imgħax maqlugħ minn depożiti jirrifletti r-rati tal-imgħax tas-suq kif ukoll iċ-ċaqliq possibbli tagħhom. Ma hemm l-ebda bonds b'rati tal-imgħax varjabbli fil-portafoll BUFI.

Fond ta' Garanzija

Titoli ta' dejn fi ħdan il-Fond ta' Garanzija maħruġa b'rati tal-imgħax varjabbli huma soġġetti għall-effetti tal-volatilità ta' dawn ir-rati, filwaqt li t-titoli ta' dejn b'rati fissi għandhom riskju fir-rigward tal-valur ġust tagħhom. Bonds b'rata fissa jirrapreżentaw madwar 67 % tal-portafoll tal-investiment fid-data tal-karta bilanċjali (2011: 83 %).

8.5 RISKJU TA' KREDITU

Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self

Skopertura għar-riskju ta' kreditu hija mmaniġġjata l-ewwel billi jinkisbu garanziji tal-pajjiżi fil-każ tal-Euratom, u mbagħad permezz tal-Fond ta' Garanzija (MFA u Euratom), u mbagħad mill-possibilità ta' prelevament tal-fondi meħtieġa mill-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni mal-Istati Membri u finalment permezz tal-baġit tal-UE. Il-leġiżlazzjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tistabbilixxi l-limitu massimu għall-pagamenti tar-riżorsi proprji għal 1.23 % tal-ING tal-Istati Membri u matul l-2012 fil-fatt intuża 0.93 % biex ikopri approprazzjonijiet ta' pagament. Dan ifisser li fil-31 ta' Diċembru 2012 kien hemm marġini disponibbli ta' 0.3 % biex ikopri dawn il-garanziji. Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni twaqqaf fl-1994 biex ikopri riskji ta' inadempjenza relatati ma' teħid b'self li jiffinanzja self lil pajjiżi barra l-UE. Fi kwalunkwe każ, l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu hija mmitigata mill-possibilità ta' prelevament mill-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni mal-Istati Membri oltre l-assi f'dawk il-kontijiet f'każ li debitor ma jkunx jista' jrodd lura l-ammonti dovuti bis-sħiħ. Għal dan l-għan, l-UE hija intitolata teżiġi lill-Istati Membri kollha sabiex jiżguraw konformità mal-obbligu legali tal-UE rigward il-mutwanti tagħha.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet tat-teżor, iridu jkun applikati l-linji gwida dwar l-għażla tal-kontropartijiet. Kif xieraq, l-unità operattiva sejra tkun tista' tidħol biss f'kummerċ ma' banek eliġibbli li għandhom limiti tal-kontroparti suffiċjenti.

L-iskopertura tal-KEFA għar-riskju ta' kreditu hija mmaniġġjata permezz ta' analiżi regolari tal-ħila tal-mutwatarji sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' ripagament tal-imgħax u tal-kapital. L-iskopertura għar-riskju ta' kreditu hija mmaniġġjata wkoll billi jinkiseb kollateral kif ukoll garanziji tal-pajjiż, korporattivi u personali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet tat-teżor, iridu jiġu applikati linji gwida dwar l-għażla tal-kontropartijiet. L-unità operattiva hija awtorizzata tidħol f'kummerċ ma' banek eliġibbli b'limiti tal-kontroparti suffiċjenti biss.

Teżor

Ħafna mir-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni jinżammu, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 dwar ir-riżorsi proprji, fil-kontijiet miftuħa mill-Istati Membri għall-pagament tal-kontribuzzjonijiet tagħhom (riżorsi proprji). Dawn il-kontijiet kollha jinżammu mat-teżori jew il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri. Dawn l-istituzzjonijiet iġarrbu l-anqas riskju ta' kreditu (jew kontroparti) għall-Kummissjoni peress li l-iskopertura hija mal-Istati Membri tagħha. Għall-parti tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni miżmuma ma' banek kummerċjali biex tkopri l-eżekuzzjoni ta' pagamenti, il-mili ta' dawn il-kontijiet huwa ordnat fuq bażi ta' bl-eżatt fil-ħin u huwa mmaniġġjat b'mod awtomatiku mis-sistema ta' mmaniġġjar tal-flus tat-teżor. Il-livelli minimi ta' flus, proporzjonali għall-ammont medju ta' pagamenti ta' kuljum eżegwiti minnha, jinżammu f'kull kont. Bħala konsegwenza, l-ammonti miżmuma mil-lum għall-għada f'dawn il-kontijiet jibqgħu dejjem f'livelli baxxi (b'mod ġenerali bejn EUR 20 miljun u EUR 100 miljun fuq medja, mifruxa fuq aktar minn 20 kont) u b'hekk jiżguraw li l-iskopertura għar-riskju tal-Kummissjoni huwa limitat. Dawn l-ammonti għandhom jitqiesu fir-rigward tal-bilanċi tat-teżor ġenerali li jiċċaqlqu fil-medda ta' bejn EUR 1 biljun u EUR 35 biljun, u b'ammont ġenerali ta' pagamenti eżegwiti fl-2012 li jilħaq il-EUR 139,5 biljun.

Barra minn hekk, huma applikati linji gwida speċifiċi għall-għażla tal-banek kummerċjali sabiex ikompli jiġi minimizzat ir-riskju tal-kontroparti li għalih hija skoperta l-Kummissjoni:

- Il-banek kummerċjali kollha jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni ta' kreditu minima b'terminu qasir meħtieġa għall-ammissjoni fil-proċeduri tal-offerti hija Moody's P-1 jew ekwivalenti (S&P A-1 jew Fitch F1). Livell anqas jista' jiġi aċċettat f'ċirkostanzi speċifiċi u ġġustifikati kif xieraq.
- Il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-banek kummerċjali li fihom għandha kontijiet il-Kummissjoni huma riveduti tal-anqas darba fix-xahar, jew bi frekwenza ogħla jekk u meta jkun meħtieġ. Miżuri ta' monitoreaġġ intensifikati u reviżjonijiet ta' kuljum tal-klassifikazzjonijiet tal-banek kummerċjali ġew adottati fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja, u baqgħu fis-seħħ matul l-2012.
- Fid-delegi barra l-UE, jinżammu kontijiet imprest ma' banek lokali magħżula permezz ta' proċedura tal-offerti simplifikata. Ir-rekwiżiti tal-klassifikazzjoni jiddependu fuq is-sitwazzjoni lokali u jistgħu jvarjaw sew minn pajjiż għal ieħor. Sabiex tiġi limitata l-iskopertura għar-riskju, il-bilanċi f'dawn il-kontijiet jinżammu fl-anqas livelli possibbli (filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet operazzjonali); jimplaw b'mod regolari, u l-limiti massimi applikati huma riveduti darba fis-sena.

Multi

Multi msarrfa b'mod provviżorju: depożiti

Il-banek b'depożiti għall-multi msarrfa b'mod provviżorju qabel l-2010 jintgħażlu fi proċedura tal-offerti skont il-politika dwar l-immaniġġjar tar-riskji li tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-ammont ta' fondi li jistgħu jitqiegħdu fi proporzjon mal-ekwità tal-kontroparti.

Għal banek kummerċjali li ntgħażlu b'mod speċifiku għd-depożitu ta' multi msarrfa b'mod provviżorju (flus ristretti), bħala regola ġenerali hemm bżonn ta' klassifikazzjoni minima fit-tul ta' A (S&P jew ekwivalenti) fit-tliet aġenziji ta' klassifikazzjoni ewlenin kollha kemm huma u klassifikazzjoni minima f'terminu qasir ta' A-1 (S&P jew ekwivalenti). Huma applikati miżuri speċifiċi fil-każ li l-banek f'dan il-grupp ikunu soġġetti għal li jinżlu fil-klassifikazzjoni. Barra minn hekk, l-ammont iddepożitat ma' kull bank huwa limitat għal ċertu perċentwal tal-fondi proprji tiegħu, li jvarja skont il-livell tal-klassifikazzjoni ta' kull istituzzjoni. Il-kalkolu ta' dan il-limitu għandu jtehdur f'kunsiderazzjoni wkoll l-ammont ta' garanziji pendenti maħruġa lill-Kummissjoni mill-istess istituzzjoni. Il-konformità tad-depożiti pendenti mar-rekwiżiti politiċi applikabli hija riveduta b'mod regolari.

Multi msarrfa b'mod provviżorju: portafoll BUFI

Għal investimenti minn multi msarrfa b'mod provviżorju, il-Kummissjoni ġġarrab skopertura għar-riskju ta' kreditu li huwa r-riskju li kontroparti ma tkunx tista' tħallas l-ammonti sħaħ meta jkunu dovuti. L-ogħla konċentrazzjoni ta' skopertura hija lejn Franza u l-Ġermanja peress li kull wieħed minn dawn il-pajjiżi jirrappreżenta 53 % u 24 % rispettivament tal-volum totali tal-portafoll.

Garanziji tal-bank

Il-Kummissjoni żżomm ukoll ammonti importanti ta' garanziji maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-multi li timponi fuq kumpaniji li jiksru r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni (ara n-nota **2.9.1**). Dawn il-garanziji huma pprovduti minn kumpaniji mmultati bħala alternattiva minflok ma jagħmlu pagamenti provviżorji. Il-politika dwar l-immaniġġjar tar-riskji applikata għall-aċċettazzjoni ta' dawn il-garanziji ġiet irrieduta fl-2012 u ġiet iddefinita taħlita ġdida ta' rekwiżiti ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u perċentwali limitati għal kull kontroparti (proporzjonali għall-fondi proprji ta' kull kontroparti) fid-dawl tal-ambjent finanzjarju attwali fl-UE. Din tkompli tiżgura kwalità għolja tal-kreditu għall-Kummissjoni. Il-konformità tal-garanziji pendenti mar-rekwiżiti politiċi applikabli hija riveduta b'mod regolari.

Fond ta' Garanzija

B'konformità mal-ftehim bejn l-UE u l-BEI dwar l-immaniġġjar tal-Fond ta' Garanzija, kull investiment interbankarju għandu jkollu klassifikazzjoni minima mingħand Moody's jew ekwivalenti ta' P-1. Sal-31 ta' Diċembru 2012 saru depożiti b'terminu fiss għall-valur ta' EUR 242 miljun ma' kontropartijiet bħal dawn (2011: EUR 300 miljun).

8.6 RISKJU TAL-LIKWIDITÀ

Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self

Ir-riskju tal-likwidità li jiġi mit-teħid b'self huwa ġeneralment ikkumpensat minn self ekwivalenti fit-termini u l-kundizzjonijiet (operazzjonijiet daħar ma' daħar). Għal MFA u Euratom, il-Fond ta' Garanzija jservi ta' riżervazzjoni ta' likwidità (jew xibka tas-sigurtà) f'każ ta' inadempjenza tal-pagament u dewmien fil-pagamenti ta' mutwatarji. Għall-BOP, ir-Regolament tal-Kunsill 431/2009 jipprevedi proċedura li tagħti biżżejjed żmien għall-mobilizzazzjoni ta' fondi permezz tal-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni mal-Istati Membri. Għall-EFSM, ir-Regolament tal-Kunsill 407/2010 jipprevedi proċedura simili.

Għall-immaniġġjar ta' assi u obligazzjonijiet tal-KEFA f'likwidazzjoni, il-Kummissjoni timmaniġġja r-rekwiżiti tal-likwidità fuq il-bażi tat-tbassir tal-iżburżar miksub permezz ta' konsultazzjonijiet mas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli.

Teżor

Il-prinċipji tal-baġit tal-UE jiżguraw li r-riżorsi ġenerali tal-flus għas-sena dejjem ikunu biżżejjed għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti kollha. Fil-fatt, il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri jilhqgħu l-ammont tal-approprijazzjonijiet ta' pagament għas-sena baġitarja. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, huma riċevuti fi tnaħ-il pagament akkont fix-xahar matul is-sena, filwaqt li l-pagamenti huma soġġetti għal ċerta staġunalità. Barra minn hekk, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 (ir-Regolament dwar ir-Riżorsi Proprji), il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri relatati mal-baġits (emendatorji) approvati wara s-16 ta' xahar (N) partikolari jsiru disponibbli biss fix-xahar N+2, filwaqt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament relatati jkunu disponibbli minnufih. Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tat-teżor dejjem ikunu biżżejjed biex ikopru l-pagamenti li għandhom ikunu eżegwiti fi kwalunkwe xahar partikolari, hemm fis-seħħ proċeduri rigward it-tbassir regolari tal-flus, u r-riżorsi proprji u finanzjament addizzjonali jistgħu jiġu eżerċitati minn qabel mill-Istati Membri jekk ikun meħtieġ, u f'ċerti kundizzjonijiet. Minbarra dan ta' hawn fuq, fil-kuntest tal-operazzjonijiet tat-teżor tal-Kummissjoni, l-għodod awtomatizzati ta' mmaniġġjar tal-flus jiżguraw li hemm għad-dispożizzjoni biżżejjed likwidità f'kull wieħed mill-kontijiet tal-bank tal-Kummissjoni, ta' kuljum.

Fond ta' Garanzija

Il-fond huwa mmaniġġjat skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom grad suffiċjenti ta' likwidità u mobilizzazzjoni fir-rigward tal-impenji rilevanti. Il-fond irid ikollu fih minimu ta' EUR 100 miljun f'portafoll b'maturità ta' < 12-il xahar li għandhom ikunu investiti fi strumenti monetarji. Sal-31 ta' Diċembru 2012 dawn l-investimenti li jinkludu flus ammontaw għal EUR 250 miljun. Barra minn hekk, minimu ta' 20 % tal-valur nominali tal-fond għandhom jinvolvu strumenti monetarji, bonds b'rata fissa b'maturità li jifdal ta' mhux aktar minn sena u bonds b'rata flessibbli. Sal-31 ta' Diċembru 2012 dan il-proporzjon kien ta' 52 %.

9. DIVULGAZZJONIJIET DWAR PARTIJIET RELATATI

9.1 PARTIJIET RELATATI

Il-partijiet relatati tal-UE huma l-entitajiet ikkonsolidati l-oħrajn tal-UE u l-persunal prinċipali tal-maniġment ta' dawn l-entitajiet. It-tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet iseħħu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-UE u peress li dan huwa l-każ, l-ebda rekwiżit ta' divulgazzjoni speċifiku ma huwa meħtieġ għal dawn it-tranżazzjonijiet skont ir-regoli tal-UE dwar il-kontabilità.

9.2 INTITOLAMENTI TAL-MANIĠMENT PRINĊIPALI

Għall-fini ta' preżentazzjoni tat-tagħrif dwar tranżazzjonijiet relatati tal-partijiet dwar il-maniġment prinċipali tal-UE, dawn il-persuni qegħdin jintwerew hawn taħt f'fames kategoriji:

Kategorija 1: il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja

Kategorija 2: il-Viċi-President tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi-Presidenti l-oħrajn tal-Kummissjoni

Kategorija 3: is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, il-Membri tal-Kummissjoni, l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-President u l-Membri tal-Qorti Ġenerali, il-President u l-Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, l-Ombudsman u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Kategorija 4: il-President u l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri

Kategorija 5: il-ħaddiema tas-servizz pubbliku tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji bl-ogħla karigi

Hawn taħt jingħata sommarju tal-intitolamenti tagħhom – aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [ĠU 187, 8.8.1967 modifikat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 904/2012 tal-24 ta' Awwissu 2012 (ĠU L 269, 4.10.2012) u ĠU L 268, 20.10.1977 modifikat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1293/2004 tat-30 ta' April 2004 (ĠU L 243, 15.7.2004)]. Hemm ukoll informazzjoni oħra disponibbli fir-Regolamenti tal-Persunal ippubblikati fuq il-websajt Europa li hija d-dokument uffiċjali li jispjega d-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali kollha tal-UE. Il-persunal prinċipali tal-maniġment ma rċieva ebda self ta' preferenza mill-UE.

INTITOLAMENTI FINANZJARJI TAL-MANIĠMENT PRINĊIPALI

EUR

Intitolament (kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Salarju bażiku (fix-xahar)	25 351,76	22 963,55 – 23 882,09	18 370,84 – 20 667,20	19 840,51 – 21 126,47	11 681,17 – 18 370,84
Benefiċċju Residenzjali/ta' Espatrijazzjoni	15 %	15 %	15 %	15 %	16 %
Benefiċċji tal-familja:					
Famija (% salarju)	2 % + 170,52	2 % + 170,52	2 % + 170,52	2 % + 170,52	2 % + 170,52
Iben/bint dipendenti	372,61	372,61	372,61	372,61	372,61
Qabel l-iskola	91,02	91,02	91,02	91,02	91,02
Edukazzjoni, jew	252,81	252,81	252,81	252,81	252,81
Edukazzjoni barra l-post tax-xogħol	505,39	505,39	505,39	505,39	505,39
Benefiċċju tal-imħallfin li jipprevedu	N/A	N/A	500 - 810,74	N/A	N/A
Benefiċċju ta' rappreżentazzjoni	1 418,07	0 - 911,38	500 - 607,71	N/A	N/A
Spejjeż annwali tal-ivvjaġġar	N/A	N/A	N/A	N/A	Yes
Trasferimenti lejn Stat Membru:					
Benefiċċju tal-edukazzjoni ⁽¹⁾	Yes	Yes	Yes	Yes	Yes
% tas-salarju ⁽¹⁾	5 %	5 %	5 %	5 %	5 %
% tas-salarju mingħajr cc	mass 25 %	mass 25 %	mass 25 %	mass 25 %	mass 25 %
Spejjeż ta' rappreżentazzjoni	rimborżati	rimborżati	rimborżati	N/A	N/A
Obbligu tal-bidu tal-impjeg:					
Spejjeż ta' installazzjoni	50 703,52	45 927,10 – 47 764,18	36 741,68 – 41 334,40	39 681,02 – 42 252,94	rimborżati
Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati
Spejjeż taċ-ċaqliq	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati
Tluq mill-uffiċċju:					
Spejjeż ta' risistemazzjoni	25 351,76	22 963,55 – 23 882,09	18 370,84 – 20 667,20	19 840,51 – 21 126,47	rimborżati
Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-familja	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati
Spejjeż taċ-ċaqliq	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati
Tranżizzjoni (% salarju) ⁽²⁾	40 % - 65 %	40 % - 65 %	40 % - 65 %	40 % - 65 %	N/A

EUR					
Intitolament (kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Assigurazzjoni tal-mard	koperti	koperti	koperti	koperti	fakultattivi
Pensjoni (% salarju, qabel it-taxxa)	Mass 70 %	Mass 70 %	Mass 70 %	Mass 70 %	Mass 70 %
Tnaqqis:					
Taxxa Komunitarja	8 % - 45 %	8 % - 45 %	8 % - 45 %	8 % - 45 %	8 % - 45 %
Assigurazzjoni tal-mard (% salarju)	1,8 %	1,8 %	1,8 %	1,8 %	1,8 %
Imposta speċjali fuq is-salarju	5,5 %	5,5 %	5,5 %	5,5 %	5,5 %
Tnaqqis mill-pensjoni	N/A	N/A	N/A	N/A	11,6 %
Numru ta' persuni fi tmiem is-sena	3	8	91	27	109

(1) b'koeffiċjent ta' korrezzjoni ("cc") applikat

(2) imħallsa għall-ewwel 3 snin wara t-tluq

10. AVVENIMENTI WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI

Fid-data tal-iffirmar ta' dawn il-kontijiet, la tressqu u lanqas ġew irrapportati l-ebda kwistjonijiet materjali quddiem l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni li kienu jeħtieġu divulgazzjoni separata f'din it-taqsim. Il-kontijiet annwali u n-noti relatati tħejjew billi ntużat l-aktar informazzjoni riċenti għad-dispożizzjoni u dan huwa rifless fl-informazzjoni ppreżentata.

11. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONSOLIDAZZJONI

11.1 ENTITAJIET IKKONSOLIDATI

A. ENTITAJIET IKKONTROLLATI (51)

1. Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi (11)

Parlament Ewropew

Kunsill Ewropew

Kummissjoni Ewropea

Kumitat tar-Reġjuni

Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Ombudsman Ewropew

Qorti Ewropea tal-Awdituri

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

2. Aġenziji tal-UE (38)

2.1. Aġenziji Eżekuttivi (6)

Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura

Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi
Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka
Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni
Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport
Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka

2.2. Aġenziji *Deċentralizzati* (32)

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima
Aġenzija Ewropea għall-Mediċini
Aġenzija Ewropea GNSS
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
Fużjoni għall-Enerġija (Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija minn Fużjoni)
Eurojust
Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard
Aġenzija Ewropea għall-Ambjent
Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali
Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija
Awtorità Bankarja Ewropea
Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ⁽¹⁾
Uffiċċju għall-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi
Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-UE
Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel
Aġenzija Ferrovjarja Ewropea
Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti
Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd
Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga
Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)
Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL)
Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni
Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni
Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

⁽¹⁾ Ikkonsolidati għall-ewwel darba fl-2012

Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol
Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea
Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ
Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol
Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinji)

3. Entitajiet ikkontrollati oħrajn (2)

Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (f'likwidazzjoni)
Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija

B. IMPRIŻI KONĠUNTI (5)

ITER Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija minn Fużjoni
Impriża Konġunta SESAR
Impriża Konġunta FCH
Impriża Konġunta Galileo f'Likwidazzjoni
Impriża Konġunta IMI

C. ASSOĠJATI (4)

Fond Ewropew tal-Investment
Impriża Konġunta Clean Sky
Impriża Konġunta ARTEMIS
Impriża Konġunta ENIAC

11.2 ENTITAJIET MHUX IKKONSOLIDATI

Għad li l-UE timmaniġġja l-assi tal-entitajiet imsemmija hawn taħt, dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti li għandhom ikunu kkonsolidati u b'hekk mhumiex inklużi fil-kontijiet tal-UE.

11.2.1 Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa l-istrument ewlieni għall-forniment ta' għajjnuna tal-UE għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-Pajjiżi u t-Territorji lil Hinn mill-Baħar (OCTs). It-Trattat ta' Ruma tal-1957 għamel dispożizzjoni għall-ħolqien tiegħu bil-għan li tingħata assistenza teknika u finanzjarja, inizjalment limitata għal pajjiżi Afrikani li l-Istati Membri kellhom rabtiet storiċi magħhom.

Il-FEŻ mhuwiex ifffinanzjat mill-baġit tal-UE iżda minn kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati Membri, li huma maqbuli f'negozjati fil-livell intergovernattiv. Il-Kummissjoni u l-BEI jimmaniġġjaw ir-riżorsi tal-FEŻ. Normalment, kull FEŻ huwa konkluż għal perjodu ta' madwar ħames snin. Mill-konklużjoni tal-ewwel konvenzjoni ta' sħubija fl-1964, iċ-ċikli ta' programmar tal-FEŻ ġeneralment segwew iċ-ċikli tal-ftehim/konvenzjoni ta' sħubija.

Il-FEŻ huwa rregolat mir-Regolament Finanzjarju tiegħu stess (ĠU L 78, 19.3.2008) li jipprevedi l-preżentazzjoni tar-rapporti finanzjarji tiegħu stess, b'mod separat minn dawk tal-UE. Il-kontijiet annwali u l-immaniġġjar tar-riżorsi tal-FEŻ huma soġġetti għall-kontroll estern tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Parlament Ewropew. Għal skopijiet ta' informazzjoni, hawn taħt jintwerew il-karta bilanċjali u r-rapport tal-introjt ta-8, id-9 u l-10 FEŻ:

Karta bilanċjali – it-8, id-9 u l-10 FEŻ

	EUR miljuni	
	31.12.2012	31.12.2011
Assi mhux kurrenti	438	380
Assi kurrenti	2 094	2 510
Assi totali	2 532	2 890
Obbligazzjonijiet kurrenti	(1 057)	(1 033)
Obbligazzjonijiet mhux kurrenti	(40)	—
Obbligazzjonijiet totali	(1 097)	(1 033)
Assi netti	1 435	1 857
FONDI U RIŻERVI		
Kapital tal-fond eżerċitat	29 579	26 979
Riżervi oħrajn	2 252	2 252
Riżultat ekonomiku riportati mis-snin preċedenti	(27 374)	(24 674)
Riżultat ekonomiku tas-sena	(3 023)	(2 700)
Assi netti	1 435	1 857

Rapport tal-introjt – it-8, id-9 u l-10 FEŻ

	EUR miljuni	
	2012	2011
Dħul operatorju	124	99
Spejjeż operatorji	(3 017)	(2 702)
Spejjeż amministrattivi	(107)	(75)
DEFIĊIT MINN ATTIVITAJIET OPERATORJI	(3 001)	(2 679)
Attivitajiet finanzjarji	(22)	(21)
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA	(3 023)	(2 700)

11.2.2 *L-Iskema tal-Assigurazzjoni tal-Mard*

L-Iskema tal-Assigurazzjoni tal-Mard hija l-iskema li tipprovdi assicurazzjoni medika lill-persunal tal-bosta korpi tal-UE. Il-fondi tal-Iskema huma l-proprjetà tagħha stess u mhumiex ikkontrollati mill-UE, għad li l-assi finanzjarji tagħha huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni. L-Iskema hija ffinanzjata minn kontribuzzjonijiet mill-membri (persunal) tagħha u mill-impjegaturi (l-Istituzzjonijiet/Aġenziji/Korpi). Kwalunkwe bilanċ pożittiv fi ħdan l-iskema.

L-iskema għandha erba' entitajiet separati – l-iskema ewlenija tkopri l-persunal tal-Istituzzjonijiet, l-Aġenziji tal-UE, u tliet skemi iżgħar li jkopru l-persunal fl-Istitut Universitarju Ewropew, l-iskejjel Ewropej u l-persunal li jhadem barra l-UE bħal persunal fid-delegazzjonijiet tal-UE. L-assi totali tal-Iskema fil-31 ta' Diċembru 2012 ammontaw għal total ta' EUR 296 miljun (2011: EUR 294 miljun).

11.2.3 *Il-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF)*

Ċerti ammonti tal-prefinanzjament imħallsa skont is-Seba' Programm Qafas ta' Riċerka għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7) huma koperti b'mod effettiv minn Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF) - l-ammont tal-prefinanzjament imħallas fl-2012 ammonta għal total ta' EUR 4 biljun (2011: EUR 3,3 biljun). Dan il-fond huwa entità separata mill-Kummissjoni Ewropea u mhuwiex ikkonsolidat f'dawn il-kontijiet.

Il-PGF huwa strument ta' benefiċċju reċiproku stabbilit biex ikopri r-riskji finanzjarji li huma sostnuti mill-UE u l-parteċipanti matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti tal-FP7, bil-kapital u l-imgħaxijiet tiegħu li jikkostitwixxu titolu ta' prestazzjoni. Il-parteċipanti kollha ta' azzjonijiet indiretti li jieħdu l-forma ta' għotja jikkontribwixxu għal 5 % tal-kontribuzzjoni totali tal-UE għall-kapital tal-PGF għad-durata tal-azzjoni. B'hekk, il-parteċipanti huma s-sidien tal-PGF, bl-UE (rappreżentata mill-Kummissjoni) li taġixxi l-aġent eżekuttiv tagħhom. Fi tmiem azzjoni indiretta, il-parteċipanti għandhom jirkupraw il-kontribuzzjoni tagħha għall-kapital bis-sħiħ, ħlief meta l-PGF isostni telf minħabba benefiċjarji inadempjenti – f'dan il-każ il-parteċipanti għandhom jirkupraw, tal-anqas, 80 % tal-kontribuzzjoni tagħhom. B'hekk, il-PGF jiggarrantixxi l-interess finanzjarju tal-UE kif ukoll tal-parteċipanti.

Sal-31 ta' Diċembru 2012 il-PGF kellu assi totali ta' EUR 1 452 miljun (2011: EUR 1 171 miljun). Il-fondi tal-PGF huma l-proprjetà tiegħu stess u mhumiex ikkontrollati mill-UE, u l-assi finanzjarji tiegħu huma mmaniġġjati mill-BEL.

PARTI II

RAPPORTI AGGREGATI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT U NOTI TA' SPJEGA ⁽¹⁾

WERREJ

	<i>Paġna</i>
1. Riżultat tal-implimentazzjoni tal-UE baġit u noti ta' spjega:	
1.1 Riżultat tal-Baġit tal-UE	90
1.2 Rikonċiljazzjoni tar-Riżultat ekonomiku mar-Riżultat tal-baġit	90
1.3 Dikjarazzjoni ta' Paragun tal-Ammonti tal-Baġit u l-Ammonti Reali	91
Rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit	
2. Dħul: Sommarju tal-implimentazzjoni tad-dħul tal-baġit	103
3. Nefqa:	
3.1 Disaggregazzjoni u bidliet fl-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju	104
3.2 Implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' impenn skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju	105
3.3 Implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju	105
3.4 Ċaqliq fl-impenji pendenti skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju	106
3.5 Disaggregazzjoni tal-impenji pendenti skont is-sena ta' oriġini skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju	106
3.6 Disaggregazzjoni u bidliet fl-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament skont il-qasam politiku	107
3.7 Implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' impenn skont il-qasam politiku	109
3.8 Implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament skont il-qasam politiku	111
3.9 Ċaqliq fl-impenji pendenti skont il-qasam politiku	113
3.10 Disaggregazzjoni tal-impenji pendenti skont is-sena ta' oriġini skont il-qasam politiku	115
4. Istituzzjonijiet u Aġenzji:	
4.1 Sommarju tal-implimentazzjoni tad-dħul tal-baġit skont l-Istituzzjoni	116
4.2 Implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament skont l-Istituzzjoni	117
4.3 Dħul tal-aġenzji: tbassir tal-baġit, intitolamenti u ammonti riċevuti	119
4.4 Approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament skont l-Aġenzja	120
4.5 Riżultat tal-baġit inklużi l-Aġenzji	121

⁽¹⁾ Ta' min jinnota li minħabba t-tqarrib taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi dejta finanzjarja fit-tabelli ta' hawn taħt ma taqbilx fl-għadd finali.

1. RIŻULTAT TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE

1.1 RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAL-UE

	<i>EUR miljuni</i>	
	2012	2011
Dħul għas-sena finanzjarja	139 541	130 000
Pagamenti kontra approprjazzjonijiet tas-sena kurrenti	(137 738)	(128 043)
Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1	(936)	(1 019)
Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena N-1	92	457
Differenzi tal-kambju għas-sena	60	97
Riżultat tal-baġit ⁽¹⁾	1 019	1 492

(¹) Li minnu r-riżultat tal-EFTA huwa EUR (4) miljun fl-2012 u EUR (5) miljun fl-2011.

Il-bilanċ pożittiv tal-baġit għall-UE (EUR 1 023 miljun) jtrodd lura lill-Istati Membri matul is-sena li jmiss permezz ta' tnaqqis tal-ammonti tagħhom dovuti għal dik is-sena.

1.2 RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU MAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT

	<i>EUR miljuni</i>	
	2012	2011
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA	(5 329)	(1 789)
Dħul		
Intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti iżda li għadhom ma nġabrux	(2 000)	(371)
Intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti	4 582	2 072
Introjtu dovut (nett)	(38)	(236)
Spejjeż		
Spejjeż dovuti (netti)	(1 933)	3 410
Spejjeż tas-sena preċedenti mħallsa fis-sena kurrenti	(2 695)	(936)
Prefinanzjament b'effett nett	1 210	1 131
Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena li jmiss	(4 666)	(1 211)
Pagamenti li jsiru minn riporti u kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati	4 768	2 000
Ċaqliq fil-provvedimenti	7 805	(2 109)
Oħrajn	(670)	(378)
Riżultat ekonomiku tal-Aġenziji u l-KEFA	(15)	(91)
RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAS-SENA	1 019	1 492

1.3 DIKJARAZZJONI TA' PARAGUN TAL-BAĠIT U L-AMMONTI REALI

1.3.1 DĦUL

EUR miljuni

	Baġit Inizjali	Baġit Finali	Dħul Reali
1. Riżorsi proprji	127 512	128 655	128 886
Li minnhom Dazji doganali	19 171	16 701	16 261
Li minnhom VAT	14 499	14 546	14 648
Li minnhom ING	93 719	97 284	97 856
3. Bilanċi pożittivi, bilanċi u aġġustamenti	0	1 994	2 041
4. Dħul li ġej minn persuni li jaħdmu mal-istituzzjonijiet u ma' korpi oħrajn tal-Unjoni	1 312	1 312	1 236
5. Dħul li ġej mit-tħaddim amministrattiv tal-istituzzjonijiet	60	68	612
6. Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet b'rabta ma' ftehimiet u programmi tal-Unjoni	50	50	2 928
7. Imgħax fuq pagamenti tardivi u multi	123	3 648	3 807
8. Operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self	0	0	0
9. Dħul mixxellanju	30	30	31
Total	129 088	135 758	139 541

1.3.2 IMPENJI SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

EUR miljuni

	Baġit Inizjali	Baġit Finali ⁽¹⁾	Impenji
1. Tkabbir sostenibbli	67 506	70 842	69 000
2. Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali	59 976	62 198	60 817
3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà, ġustizzja	2 065	2 994	2 892
4. L-UE bħala attur globali	9 406	9 931	9 753
5. Amministrazzjoni	8 280	9 113	8 822
6. Kumpensi	0	0	0
Total	147 232	155 077	151 284

⁽¹⁾ Inklużi baġits emendatorji, approprjazzjonijiet riportati u dħul assenjat.

1.3.3 IMPENJI SKONT IL-QASAM POLITIKU

EUR miljuni

	Baġit Inizjali	Baġit Finali ⁽¹⁾	Impenji
01 Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji	611	536	535
02 Impriża	1 148	1 276	1 236
03 Kompetizzjoni	92	96	94
04 Impjegi u affarijiet soċjali	11 581	11 818	11 782
05 Agrikoltura u żvilupp rurali	58 587	60 877	59 514
06 Mobilità u trasport	1 664	1 754	1 713
07 Azzjoni Ambjentali u Klimatika	493	508	496
08 Riċerka	5 930	7 618	7 059

	<i>EUR miljuni</i>		
	Baġit Inizjali	Baġit Finali ⁽¹⁾	Impenji
09 Soċjetà tal-informazzjoni u l-midja	1 678	1 985	1 878
10 Riċerka diretta	411	932	494
11 Affarijiet marittimi u Sajd	1 033	1 011	1 007
12 Suq intern	101	107	101
13 Politika reġjonali	42 045	42 662	42 647
14 Taxxa u unjoni doganali	143	147	144
15 Edukazzjoni u kultura	2 697	3 292	3 088
16 Komunikazzjoni	262	271	265
17 Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur	687	653	639
18 Affarijiet interni	1 264	1 322	1 290
19 Relazzjonijiet esterni	4 817	4 969	4 872
20 Kummerċ	104	106	104
21 Żvilupp u relazzjonijiet ma' Stati AKP	1 498	1 733	1 719
22 Tkabbir	1 088	1 166	1 135
23 Għajnuna umanitarja	900	1 299	1 294
24 Ġlieda kontra l-frodi	79	79	79
25 Koordinazzjoni politika u pariri legali tal-Kummissjoni	194	204	196
26 Amministrazzjoni tal-Kummissjoni	1 017	1 200	1 149
27 Baġit	69	63	61
28 Awditjar	12	12	12
29 Statistika	134	144	135
30 Pensjonijiet u nefqa relatata	1 335	1 321	1 318
31 Servizzi lingwistiċi	399	477	435
32 Enerġija	718	764	731
33 Ġustizzja	218	233	222
40 Riżervi	759	461	0
90 Istituzzjonijiet Oħrajn	3 464	3 983	3 841
Total	147 232	155 077	151 284

⁽¹⁾ Inklużi baġits emendatorji, approprjazzjonijiet riportati u dħul assenjat.

1.3.4 NEFQA SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

	<i>EUR miljuni</i>		
	Baġit Inizjali	Baġit Finali ⁽¹⁾	Pagamenti li saru
1. Tkabbir sostenibbli	55 337	63 753	61 585
2. Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali	57 034	60 409	59 096
3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja	1 484	2 477	2 375
4. L-UE bħala attur globali	6 955	7 182	7 064
5. Amministrazzjoni	8 278	9 824	8 564
6. Kumpensi	0	0	0
Total	129 088	143 644	138 683

⁽¹⁾ Inklużi baġits emendatorji, approprjazzjonijiet riportati u dħul assenjat.

1.3.5 NEFQA SKONT IL-QASAM POLITIKU

	<i>EUR miljuni</i>		
	Baġit Inizjali	Baġit Finali ⁽¹⁾	Pagamenti li saru
01 Affarijiet ekonomiċi u finanzzarji	511	493	484
02 Impriża	1 079	1 395	1 271
03 Kompetizzjoni	92	103	92
04 Impjiegi u affarijiet soċjali	9 075	11 755	11 699
05 Agrikoltura u żvilupp rurali	55 880	59 242	57 948
06 Mobilità u trasport	1 079	1 156	1 105
07 Azzjoni Ambjentali u Klimatika	393	409	382
08 Riċerka	4 218	6 245	5 307
09 Soċjetà tal-informazzjoni u l-midja	1 357	1 776	1 501
10 Riċerka diretta	404	893	466
11 Affarijiet marittimi u Sajd	806	757	745
12 Suq intern	98	112	99
13 Politika reġjonali	35 538	38 282	38 254
14 Taxxa u unjoni doganali	110	140	130
15 Edukazzjoni u kultura	2 112	3 059	2 761
16 Komunikazzjoni	253	278	256
17 Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur	592	652	635
18 Affarijiet interni	756	860	835
19 Relazzjonijiet esterni	3 276	3 271	3 233
20 Kummerċ	102	111	105
21 Żvilupp u relazzjonijiet ma' Stati AKP	1 310	1 475	1 429
22 Tkabbir	921	976	943
23 Għajnuna umanitarja	842	1 141	1 128
24 Ġlieda kontra l-frodi	74	83	71
25 Koordin. politika u pariri legali tal-Kummissjoni	193	219	195
26 Amministrazzjoni tal-Kummissjoni	1 001	1 343	1 149
27 Baġit	69	73	61
28 Awditjar	12	13	12
29 Statistika	122	148	128
30 Pensjonijiet u nefqa relatata	1 335	1 321	1 318
31 Servizzi lingwistiċi	399	501	433
32 Enerġija	1 339	782	723
33 Ġustizzja	187	206	190
40 Riżervi	90	0	0
90 Istituzzjonijiet Oħrajn	3 464	4 376	3 596
Total	129 088	143 644	138 683

⁽¹⁾ Inklużi baġits emendatorji, approprjazzjonijiet riportati u dħul assenjat.

Fil-baġit inizjali adottat, iffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew fl-1 ta' Diċembru 2011, l-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kien EUR 129 088 miljun u l-ammont li għandu jkun iffinanzjat minn riżorsi proprji laħaq total ta' EUR 127 512 miljun. Is-soltu, l-istimi tad-dħul u n-nefqa fil-baġit inizjali huma aġġustati matul is-sena baġitarja, d'dawn il-modifiki li jiġu ppreżentati fil-baġits emendatorji. L-aġġustamenti fir-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jiżguraw li d-dħul ibbaġitjat jilħaq bl-eżatt in-nefqa bbaġitjata. Skont il-prinċipju ta' ekwilibriju, id-dħul u n-nefqa tal-baġit (approprjazzjonijiet ta' pagament) iridu jkunu bilanċjati.

Dħul:

Matul l-2012 ġew adottati sitt baġits emendatorji. Jekk jittieħdu f'kunsiderazzjoni, id-dħul finali totali fil-baġit tal-2012 ammonta għal EUR 135 758 miljun. Dan kien iffinanzjat mir-riżorsi proprji li laħqu total ta' EUR 128 655 miljun (b'hekk EUR 1 143 miljun aktar minn dak imbassar inizjalment) u l-bqija minn dħul ieħor. Il-ħtieġa akbar ta' finanzjament tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet koperta fil-parti l-kbira mill-inklużjoni ta' EUR 3 525 miljun relatati ma' multi u mgħax fuq pagamenti tardivi fil-Baġit Emendatorju Nru 6/2012 taħt dħul ieħor.

Fdak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi proprji, il-ġbir ta' riżorsi proprji tradizzjonali kien qrib l-ammonti mbassra. L-aktar għaliex l-istimi tal-baġit li kienu modifikati fiż-żmien meta ġie stabbilit il-Baġit Emendatorju Nru 4/2012 (tnaqqsu b'EUR 1 520 miljun skont it-tbassir makroekonomiku ġdid tar-rebbieġha 2012), reġġu ġew emendati fil-Baġit Emendatorju 6/2012 sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni r-ritmu attwali tal-ġbir. B'hekk, reġġu tnaqqsu b'EUR 950 miljun.

Anki l-pagamenti finali tal-VAT u l-ING mill-Istati Membri jikkorrispondu mill-qrib għall-istima baġitarja finali. Id-differenzi bejn l-ammonti mbassra u l-ammonti li fil-fatt tħallsu huma dovuti għad-differenzi bejn ir-rati tal-euro użati għal skopijiet baġitarji u r-rati fis-seħħ meta l-Istati Membri barra l-UEM għamlu l-pagamenti tagħhom.

Nefqa:

Is-sena 2012 kienet is-sitt sena u dik ta' qabel tal-aħħar għall-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti 2007-2013. Il-programmi importanti kollha qabdu sew, u l-fluss ta' dħul ta' pretensjonijiet ta' pagamenti żdied b'mod notevoli, xi ħaġa normali meta ċ-ċiklu jkun wasal fi tmiemu. Fil-kuntest ġenerali ta' konsolidazzjoni fiskali fl-Istati Membri, il-baġit ivvotat għall-2012 kien kemxejn konservattiv. Dan, flimkien ma' ammont importanti ta' pretensjonijiet ta' pagament mhux imħallsa mill-2011, u t-talbiet li baqgħu jakkumulaw għal rimborżi, ħoloq pressjoni qawwija fuq l-approprjazzjonijiet ta' pagament, li kellha tiġi indirizzata matul is-sena permezz ta' ġestjoni baġitarja attenta, u finalment permezz ta' baġit emendatorju.

Għall-impenji, il-baġit awtorizzat, u b'hekk il-miri politiċi mfasla, ġew implimentati bis-sħiħ (99.6 %). L-aktar aġġustamenti notevoli permezz ta' baġits emendatorji matul is-sena kienu jikkonċernaw żidiet ta' EUR 650 miljun għall-ITER, b'konformità mal-ftehim ta' Diċembru 2011 dwar il-finanzjament tiegħu, u EUR 688 miljun għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, nefqa imprevedibbli fis-sura tagħha stess. L-impenji tnaqqsu b'EUR 142 miljun fil-Baġit Emendatorju 6/2012, billi troddew lura ammonti mhux użati għall-marġini, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżerva għal ftehimiet internazzjonali tas-sajd, u programmi ta' eradikazzjoni u monitoraġġ ta' mard tal-annimali.

Il-livell totali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament żdied fi tmiem is-sena permezz tal-Baġit Emendatorju 6/2012 għal ammont ta' EUR 6 biljun, u b'hekk żied il-baġit inizjali b'4.8 %. In-nuqqas ta' pagamenti laqat kważi l-intestaturi kollha, u b'mod partikolari l-intestatura 1b Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Ta' min ifakkar ukoll li EUR 6 biljun maqbula kienu EUR 3 biljun anqas mill-ammont mitlub mill-Kummissjoni. Finalment, is-sena 2012 intemmet bi pretensjonijiet ta' pagamenti pendenti ta' EUR 16,2 biljun għall-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti tal-Politika ta' Koeżjoni (2007-2013), u EUR 1,1 biljun oħrajn relatati mal-għeluq tal-programmi tal-2000-2006. Dawn l-ammonti sejrjn ikollhom jitħallsu fl-2013. Bħal fil-każ tal-impenji, l-intestatura baġitarja għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ssaħħet b'EUR 688 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament matul is-sena. L-approprjazzjonijiet ta' pagament ivvotati u mhux użati ammontaw għal EUR 1 102 miljun (2011: EUR 1 582 miljun) u wara r-riport għall-2013, jiskadu total ta' EUR 166 miljun (2011: EUR 562 miljun).

Analiżi aktar dettaljata tal-aġġustamenti baġitarji, il-kuntest rilevanti tagħhom, il-ġustifikazzjoni u l-impatt tagħhom hija ppreżentata fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja 2012, Parti A "Ħarsa ġenerali fil-livell tal-baġit" u l-Parti B li tittratta kull intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali.

NOTI TA' SPJEGA DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE

1. ĦARSA ĠENERALI

Il-kontijiet baġitarji jinżammu skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 298, 26.10. 2012), dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (li minn hawn 'il quddiem sejjer jissejjaħ ir-'Regolament Finanzjarju') u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju. Il-baġit ġenerali, l-istrument ewlieni tal-politika finanzjarja tal-Unjoni, huwa l-istrument li jipprovdi għad-dħul u n-nefqa tal-Unjoni ta' kull sena u jawtorizzaha.

Kull sena, il-Kummissjoni toħroġ stimi tal-dħul u n-nefqa tal-Istituzzjonijiet kollha għas-sena u tfassal abbozz tal-baġit li tibgħat lill-awtorità baġitarja. Fuq il-bażi ta' dan l-abbozz tal-baġit, il-Kunsill ifassal il-pożizzjoni tiegħu li mbagħad tkun soġġetta għal negozjati bejn iż-żewġ naħat tal-awtorità baġitarja. Il-President tal-Parlament jiddikjara li l-abbozz konġunt finalment ġie adottat u b'hekk il-baġit isir infurzabbli. Il-kompitu ta' eżekuzzjoni tal-baġit huwa fil-parti l-kbira r-responsabilità tal-Kummissjoni.

L-**istruttura tal-baġit** tikkonsisti għall-Kummissjoni f'approprjazzjonijiet amministrattivi u operazzjonali. L-Istituzzjonijiet l-oħrajn għandhom biss approprjazzjonijiet amministrattivi. Barra minn hekk, il-baġit jagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' approprjazzjoni: approprjazzjonijiet mhux differenzjati u approprjazzjonijiet differenzjati. Approprjazzjonijiet mhux differenzjati jintużaw biex jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' għamla annwali (li jikkonformaw mal-prinċipju ta' annwalità). Approprjazzjonijiet differenzjati ddaħħlu sabiex jirri-konċiljaw il-prinċipju ta' annwalità mal-bżonn li jiġu ġestiti operazzjonijiet pluriennali. Huma maħsuba sabiex ikopru primarjament operazzjonijiet pluriennali. Approprjazzjonijiet differenzjati jinqasmu f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament:

- **approprjazzjonijiet ta' impenn:** ikopru l-ispiża totali tal-obbligi legali meħuda għas-sena finanzjarja attwali għal operazzjonijiet mifruxa fuq għadd ta' snin. Madankollu, l-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu disaggregati fuq bosta snin f'pagamenti akkont annwali meta l-att bażiku jistipula hekk.
- **approprjazzjonijiet ta' pagament:** ikopru nefqa li ġeja minn impenji meħuda fis-sena finanzjarja attwali u/jew fi snin finanzjarji ta' qabel.

Oriġini tal-Approprjazzjonijiet

Is-sors ewlieni tal-approprjazzjonijiet huwa l-baġit tal-Unjoni għas-sena kurrenti. Madankollu, hemm tipi oħrajn ta' approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-provvedimenti tar-Regolament Finanzjarju. Jiġu minn snin finanzjarji ta' qabel jew sorsi minn barra:

- **Approprjazzjonijiet tal-baġit inizjali** adottati għas-sena kurrenti jistgħu jkunu supplimentati bi **trasferimenti** bejn intestaturi u minn baġits emendatorji.
- **Approprjazzjonijiet riportati** minn sena preċedenti jew li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-ġdid jissupplimentaw il-baġit kurrenti wkoll. Dawn huma (i) approprjazzjonijiet ta' pagament mhux differenzjati li jistgħu jiġu riportati b'mod awtomatiku għal sena finanzjarja waħda biss; (ii) approprjazzjonijiet riportati b'deċiżjoni tal-Istituzzjonijiet f'każ minn dawn it-tnejn: jekk l-istadji ta' tħejjija tlestew jew jekk il-bażi legali tiġi adottata tard. L-approprjazzjonijiet imqiegħda għad-dispożizzjoni mill-ġdid minħabba diżimpenji: Dan jinvolvi t-tidħil mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkonċernaw fondi strutturali li ġew diżimpenjati. L-ammonti jistgħu jerġgħu jiddaħħlu permezz ta' eċċezzjoni fil-każ ta' żball mill-Kummissjoni jew jekk huma indispensabbli għat-tlestija tal-programm.

— **Dħul assenjat** li huwa magħmul minn

- (i) rifużjonijiet meta l-ammonti huma dħul assenjat fl-intestatura baġitarja li ġarrbet in-nefqa inizjali u jistgħu jiġu riportati bla limitu;
- (ii) approprjazzjonijiet tal-EFTA: Il-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-membri tiegħu għal ċerti attivitajiet fil-baġit tal-UE. L-intestaturi baġitarji kkonċernati u l-ammonti proġettati huma ppubblikati fl-Anness III tal-baġit tal-UE. L-intestaturi kkonċernati jiżiedu bil-kontribuzzjoni tal-EFTA. L-approprjazzjonijiet mhux użati fi tmiem is-sena huma kkanċellati u jitroddu lura lill-pajjiżi taż-ŻEE;
- (iii) Id-dħul minn partijiet terzi/ pajjiżi oħrajn li kkonkludew ftehimiet mal-UE li jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja għall-attivitajiet tal-UE. L-ammonti riċevuti jitiqesu li huma dħul minn partijiet terzi li huwa allokat għal-intestaturi baġitarji kkonċernati (spiss fil-qasam tar-riċerka) u jistgħu jiġu riportati mingħajr limitu;
- (iv) Ix-xogħol għal partijiet terzi: Bħala parti mill-attivitajiet ta' riċerka tagħhom, iċ-ċentri ta' riċerka tal-UE jistgħu jaħdmu għal korpi esterni. Bħad-dħul minn partijiet terzi, ix-xogħol għal partijiet terzi huwa assenjat għal intestaturi baġitarji speċifiċi u jista' jkun riportat bla limitu; u
- (v) Approprjazzjonijiet imqiegħda għad-dispożizzjoni mill-ġdid minħabba ripagament ta' pagamenti fuq kont: Dawn huma fondi tal-UE li tħallsu lura mill-benefiċjarji u jistgħu jiġu riportati bla limitu.

Kompożizzjoni tal-Approprjazzjonijiet Disponibbli

- Baġit inizjali = approprjazzjonijiet ivvotati f'Diċembru tas-sena N-1;
- *Approprjazzjonijiet tal-baġit finali* = approprjazzjonijiet tal-baġit inizjali adottat + approprjazzjonijiet tal-baġit emendatorju + trasferimenti + approprjazzjonijiet addizzjonali;
- *Approprjazzjonijiet addizzjonali* = dħul assenjat (ara aktar 'il fuq) + approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja ta' qabel jew imqiegħda għad-dispożizzjoni mill-ġdid wara diżimpenji.

1.1 RIŻULTAT TAL-BAĠIT GĦAS-SENA

L-ammonti ta' riżorsi proprji mdaħħla fil-kontijiet huma daww kreditati matul is-sena għal kontijiet miftuħa f'isem il-Kummissjoni mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Id-dħul jinvolvi wkoll, fil-każ ta' bilanċ pożittiv, ir-riżultat tal-baġit għas-sena finanzjarja ta' qabel. Id-dħul l-ieħor imdaħħal fil-kontijiet huwa l-ammont li fil-fatt kien riċevut matul is-sena.

Għall-fini tal-kalkolu tar-riżultat tal-baġit għas-sena, nefqa tinvolvi pagamenti li saru għall-approprjazzjonijiet tas-sena għal pagamenti flimkien ma' kwalunkwe waħda mill-approprjazzjonijiet għal dik is-sena li hija riportata għas-sena li jmiss. Il-pagamenti li jsiru kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena għal pagamenti jfissru pagamenti li jsiru mill-uffiċjal tal-kontabilità sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja. Fil-każ tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, il-pagamenti huma daww effettwati mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru N-1 u l-15 ta' Ottubru N, diment li l-uffiċjal tal-kontabilità kien innotifikat bl-impenn u l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Jannar N+1. In-nefqa tal-FAEG tista' tkun soġġetta għal deċiżjoni ta' konformità wara kontrolli fl-Istati Membri.

Ir-riżultat tal-baġit jinvolvi żewġ elementi: ir-riżultat tal-UE u r-riżultat tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-EFTA li jappartjenu għaż-ŻEE. B'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 dwar ir-riżorsi proprji, dan ir-riżultat jirrappreżenta d-differenza bejn:

- id-dħul totali riċevut għal dik is-sena;
- u l-pagamenti totali li saru għall-approprjazzjonijiet ta' dik is-sena flimkien mal-ammont totali tal-approprjazzjonijiet ta' dik is-sena riportati għas-sena ta' wara.

Dawn li ġejjin jiżiedu maċ-ċifra li tirriżulta jew jitnaqqsu minnha:

- il-bilanċ nett tal-kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mis-snin preċedenti u kwalunkwe pagament li, minħabba ċaqliq fir-rata tal-euro, jaqbeż l-approprjazzjonijiet mhux differenzjati riportati mis-sena preċedenti;
- il-bilanċ tal-qligħ u t-telf mir-rati tal-kambju rreġistrat matul is-sena.

Ir-riżultat tal-baġit jitrodd lura lill-Istati Membri s-sena ta' wara permezz ta' tnaqqis tal-ammonti li huma dovuti minnhom għal dik is-sena finanzjarja.

L-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja ta' qabel fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi u x-xogħol għalihom, li skont id-definizzjoni ta' tagħhom qatt ma jiskadu, huma inklużi mal-approprjazzjonijiet addizzjonali għas-sena finanzjarja. Dan jispjega d-differenza bejn ir-riporti mis-sena preċedenti fid-dikjarazzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit 2012 u dawk riportati għas-sena ta' wara fid-dikjarazzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit 2011. L-approprjazzjonijiet ta' pagament għal użu mill-ġdid u l-approprjazzjonijiet imqiegħda għad-dispożizzjoni mill-ġdid wara r-ripagament tal-pagament fuq il-kont huma injorati meta jiġi kkalkolat ir-riżultat għas-sena.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati jinkludu: riporti awtomatiċi u riporti b'deċiżjoni. Il-kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena preċedenti turi l-kanċellazzjonijiet fuq approprjazzjonijiet riportati b'mod awtomatiku u b'deċiżjoni. Tinkludi wkoll it-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet tad-dħul assenjat riportati għas-sena ta' wara meta mqabbla mal-2011.

1.2 RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU MAR-RIŻULTAT TAL-BAĠIT

Ir-riżultat ekonomiku tas-sena huwa kkalkolat fuq il-bażi tal-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti. Madankollu, ir-riżultat tal-baġit huwa bbażat fuq regoli modifikati tal-kontabilità dwar il-ħlasijiet, skont ir-Regolament Finanzjarju. Peress li t-tnejn huma r-riżultat tal-istess tranżazzjonijiet sottostanti, huwa kontroll utli li jiġi żgurat li huma rikonċiljabbli. It-tabella ta' hawn taħt turi din ir-rikonċiljazzjoni, li tixħet dawl fuq l-ammonti ta' rikonċiljazzjoni ewlenin, maqsuma bejn entrati tad-dħul u n-nefqa.

Entrati ta' rikonċiljazzjoni - Dħul

Id-dħul baġitarju propju għas-sena finanzjarja jikkorrispondi għad-dħul miġbur minn intitolamenti stabbiliti matul is-sena u l-ammonti miġbura minn intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti. Għaldaqstant, l-**intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti iżda li għadhom mhumiex miġbura** għandhom jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għal skopijiet ta' rikonċiljazzjoni peress li ma jiffurmawx parti mid-dħul baġitarju. Min-naħa l-oħra, l-**intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti** jridu jiżiedu mar-riżultat ekonomiku għal skopijiet ta' rikonċiljazzjoni.

Id-**dħul dovut nett** jikkonsisti l-aktar fi dħul dovut għal imposti agrikoli, riżorsi proprji u mgħaxxijiet u dividendi. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri d-dħul dovut għas-sena kurrenti li minnu jitnaqqas id-dħul dovut imreġġa' lura minn sena preċedenti, li jittieħed f'kunsiderazzjoni.

Entrati ta' rikonċiljazzjoni - Nefqa

L-**ispejjeż dovuti netti** jikkonsistu l-aktar f'dovuti li saru għal skopijiet ta' limitu ta' tmiem is-sena, jiġifieri spejjeż eliġibbli sostnuti minn benefiċjarju tal-fondi tal-Komunità li però għadhom mhumiex irrapporati lill-Kummissjoni.

Filwaqt li l-ispejjeż dovuti ma jitqisux bħala nefqa baġitarja, il-pagamenti li saru **fis-sena kurrenti relatati ma' fatturi rreġistrati fis-snin preċedenti** huma parti min-nefqa baġitarja tas-sena kurrenti.

L-**effett nett tal-prefinanzjament** huwa t-taħlita ta' (1) l-ammonti ġodda tal-prefinanzjament imħallsa fis-sena kurrenti u rikonnoxxuti bħala nefqa baġitarja tas-sena u (2) l-ikklerjar tal-prefinanzjament imħallas fis-sena kurrenti jew fis-snin preċedenti permezz tal-aċċettazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli. Dawn tal-aħħar jirrappreżentaw nefqa f'termini tad-dovuti iżda mhux fil-kontijiet baġitarji peress li l-pagament tal-prefinanzjament inizjali diġà tqies li huwa nefqa baġitarja meta sar il-pagament tiegħu.

Minbarra l-pagamenti li saru kontra l-appropriazzjonijiet tas-sena, anki l-appropriazzjonijiet għal dik is-sena li huma **riportati għas-sena ta' wara** jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-kalkolu tar-riżultat tal-baġit għas-sena (b'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1150/2000). L-istess japplika għal pagamenti baġitarji li jsiru fis-sena kurrenti minn **riporti u l-kanċellazzjoni ta' appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati**.

L-**ċaqliq fil-provvedimenti** huwa relatat mal-istimi ta' tmiem is-sena li saru fil-kontijiet tad-dovuti (primarjament benefiċċji tal-impjegati) li ma għandhomx impatt fuq il-kontijiet baġitarji. **Ammonti oħrajn ta' rikonċiljazzjoni** jinvolvu elementi differenti bħal deprezzament tal-assi, akkwiżizzjonijiet ta' assi, pagamenti ta' kirja finanzjarja u parteċipazzjonijiet finanzjarji li għalihom iwarjaw it-trattament baġitarju u dak tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti.

2. RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA: DĦUL

Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja huma ppreżentati billi jiġu segwiti dawn in-noti ta' spjega.

Il-maġġoranza qawwija tad-dħul ġej minn riżorsi proprji. dan huwa stabbilit fl-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, li jiddikjara li: "Salv kull dħul ieħor, l-estimi għandhom ikunu ffinanzjati kompletament minn riżorsi proprji." Ammont qawwi min-nefqa baġitarja huwa ffinanzjat minn riżorsi proprji. Dħul ieħor jirrappreżenta biss sehem żgħir mill-finanzjament totali.

Ir-riżorsi proprji jistgħu jitqassmu fil-kategoriji li ġejjin:

- (1) Riżorsi proprji tradizzjonali (TOR) jikkonsistu f'dazji doganali u imposti fuq iz-zokkor. Dawn ir-riżorsi proprji għandhom imposti fuq operaturi ekonomiċi u jinġabru mill-Istati Membri fisem l-UE. Madankollu, l-Istati Membri jżommu 25 % bħala kumpens għall-ispejjeż tal-ġbir tagħhom. Id-dazji doganali għandhom imposti fuq importazzjonijiet ta' prodotti li ġejjin minn pajjiżi terzi, b'rati bbażati fuq it-Tariffa Doganali Komuni. L-imposti fuq iz-zokkor jitħallsu minn produtturi taz-zokkor biex jiffinanzjaw ir-rifuzzjonijiet tal-esportazzjoni għaz-zokkor. Is-soltu, it-TOR jammontaw għal +/- 13 % tad-dħul minn riżorsi proprji.
- (2) Ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għandha imposta fuq il-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri, li huma armonizzati għal dan l-għan skont ir-regoli tal-UE. L-istess perċentwal jingħata bħala imposta fuq il-bażi armonizzata ta' kull Stat Membru. Madankollu, il-bażi tal-VAT li għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni għandha limitu massimu ta' 50 % tal-ING ta' kull Stat Membru. Ir-riżorsa bbażata fuq il-VAT normalment tammonta għal madwar 12 % tad-dħul minn riżorsi proprji.
- (3) Ir-riżorsa bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) tintuża biex tibbilanċja d-dħul u n-nefqa tal-baġit, jiġifieri biex tiffinanzja l-parti tal-baġit li mhijiex koperta minn xi sors ieħor tad-dħul. L-istess rata perċentwali tingħata bħala imposta fuq l-ING ta' kull Stat Membru, li hija stabbilita skont ir-regoli tal-UE. Ir-riżorsa bbażata fuq l-ING normalment tammonta għal +/- 75 % tad-dħul minn riżorsi proprji.

L-allokazzjoni tar-riżorsi proprji ssir skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ORD 2007). Fl-1 ta' Marzu 2009 daħlet fis-seħħ l-ORD 2007. Madankollu, kellha effett mill-1 ta' Jannar. Għalhekk, l-effetti retroattivi ttieħdu f'kunsiderazzjoni fis-sena baġitarja 2009.

2.1 RIŻORSI PROPRJI TRADIZZJONALI

Riżorsi proprji tradizzjonali: L-ammonti kollha stabbiliti ta' riżorsi proprji tradizzjonali jridu jiddaħħlu f'xi wieħed mill-kontijiet miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti.

- Fil-kont ordinarju stipulat fl-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000: l-ammonti kollha rkuprati jew iggarantiti.
- Fil-kont separat stipulat fl-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000: l-ammonti kollha li għadhom mhumiex irkuprati u/jew iggarantiti; l-ammonti ggarantiti iżda appellati jistgħu jiddaħħlu f'dan il-kont ukoll.

Għall-kont separat, id-dikjarazzjoni trimestrali tal-Istati Membri lill-Kummissjoni tinkludi:

- il-bilanċ li għandu jkun irreġistrat matul it-trimestru ta' qabel,
- l-intitolamenti stabbiliti matul it-trimestru inkwistjoni,
- rettifi tal-bażi (korrezzjonijiet/kanċellazzjonijiet) matul it-trimestru inkwistjoni,
- ammonti mħassra (li ma jistgħux jitqiegħdu għad-dispożizzjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000),
- l-ammonti rkuprati matul it-trimestru inkwistjoni,
- il-bilanċ li għandu jkun irkuprat fi tmiem it-trimestru inkwistjoni.

Riżorsi proprji tradizzjonali jridu jiddaħħlu fil-kont tal-Kummissjoni mat-Teżor jew il-korp maħtur mill-Istat Membru sa mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li fih ġie stabbilit l-intitolament (jew l-irkupru fil-każ tal-kont separat). Permezz tal-ispejjeż tal-ġbir, l-Istati Membri jżommu 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali. L-intitolamenti kontinġenti tar-riżorsi proprji huma aġġustati fuq il-bażi tal-probabilità li jiġu rkuprati.

2.2 RIŻORSI BBAŻATI FUQ IL-VAT U RIŻORSI BBAŻATI FUQ L-ING

Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT jiġu mill-applikazzjoni ta' rata uniformi, għall-Istati Membri kollha, għall-bażi tal-VAT armonizzata ddeterminata skont ir-regoli tal-Artikolu 2(1)(b) tal-ORD 2007. Ir-rata unifiroma hija stabbilita għal 0.30 % ħlief għall-perjodu 2007-2013 li fih ir-rata tal-eżerċitar għall-Awstrija hija stabbilita għal 0.225, għall-Ġermanja għal 0.15 % u għall-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għal 0.10 %. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tal-ING għall-Istati Membri kollha.

Ir-riżorsa bbażata fuq l-ING hija riżorsa varjabbli maħsuba sabiex tforni d-dħul meħtieġ, fi kwalunkwe sena partikolari, sabiex tkopri nefqa li taqbeż l-ammont miġbur minn riżorsi proprji tradizzjonali, riżorsi tal-VAT u dħul mixxellanju. Id-dħul ġej mill-appikazzjoni ta' rata unifiroma għall-ING aggregat tal-Istati Membri kollha. Ir-riżorsi bbażati fuq il-VAT u l-ING huma ddeterminati fuq il-bażi tat-tbassir tal-bażijiet tal-VAT u l-ING li jsiru meta jkun qiegħed jitħejja l-abbozz tal-baġit. Imbagħad, dan it-tbassir jiġi rivedut; iċ-ċifri jiġu aġġornati matul is-sena tal-baġit inkwistjoni permezz ta' baġit emendatorju.

Iċ-ċifri reali għall-bażijiet tal-VAT u l-ING ikunu disponibbli matul is-sena wara s-sena tal-baġit inkwistjoni. Il-Kummissjoni tikkalkola d-differenza bejn l-ammonti dovuti mill-Istati Membri b'referenza għall-bażijiet reali u s-somom realment imħallsa fuq il-bażi tat-tbassir (rivedut). Il-Kummissjoni tipprelewa l-bilanċi tal-VAT u l-ING, pożittivi jew negattivi, mill-Istati Membri għall-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru tas-sena wara s-sena tal-baġit inkwistjoni. Xorta jistgħu jsiru korrezzjonijiet fil-bażijiet reali tal-VAT u l-ING matul l-erba' snin ta' wara, sakemm ma tinħariġx riżerva. Il-bilanċi kkalkolati aktar kmieni huma aġġustati u d-differenza tiġi prelevata fl-istess żmien mal-bilanċi tal-VAT u l-ING għas-sena tal-baġit ta' qabel.

Meta tagħmel kontrolli tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u d-dejta tal-ING, il-Kummissjoni tista' tinnotifika riżervi lill-Istati Membri rigward ċerti punti li jista' jkollhom konsegwenzi għall-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji. Pereżempju, dawn il-punti jistgħu jirriżultaw minn nuqqas ta' dejta aċċettabbli, jew il-bżonn li tiġi żviluppata metodoloġija xierqa. Dawn ir-riżervi jridu jitqiesu bħala pretensjonijiet potenzjali fuq l-Istati Membri għal ċerti ammonti peress li l-impatt finanzjarju tagħhom ma jistax jiġi stmat bi preċiżjoni. Meta jkun jista' jiġi ddeterminat l-ammont eżatt, ir-riżorsi korrispondenti bbażati fuq il-VAT u l-ING jiġu eżerċitati jew b'raba mal-bilanċi tal-VAT u tal-ING jew inkella peremzz ta' sejħiet individwali għal fondi.

2.3 KORREZZJONI TAR-RENJU UNIT

Dan il-mekkaniżmu jnaqqas il-pagamenti tar-riżorsi proprji tar-Renju Unit bi proporzjon għal dak li huwa magħruf bħala "żbilanċ baġitarju" u jżid il-pagamenti tar-riżorsi proprji tal-Istati Membri l-oħrajn b'mod korrispondenti. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tal-iżbilanċ baġitarju favur ir-Renju Unit twaqqaf mill-Kunsill Ewropew f'Fontainebleau (Ġunju 1984) u d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji li rriżultat fis-7 ta' Mejju 1985. L-iskop tal-mekkaniżmu kien li jnaqqas l-iżbilanċ baġitarju tar-Renju Unit permezz ta' tnaqqis fil-pagamenti tiegħu lill-UE. Il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Isvezja u l-Pajjiżi l-Baxxi jibbenefikaw minn finanzjament imnaqqas tal-korrezzjoni (limitat għal kwart mis-sehem normali tagħhom).

2.4 TNAQQIS GROSS

Il-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 ikkonkluda li l-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom ibbażati fuq l-ING matul il-perjodu 2007-2013. B'hekk, dan il-mekkaniżmu ta' kumpens jistipula li l-Pajjiżi l-Baxxi għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross ta' EUR 605 miljun fil-kontribuzzjoni annwali tal-ING tagħhom u l-Isvezja minn tnaqqis gross ta' EUR 150 miljun fil-kontribuzzjoni annwali tal-ING tagħha, imkejla fi prezzijiet tal-2004.

3. RAPPORTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI BAĠITARJA: NEFQA

Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja jistgħu jinkisbu wara dawn in-noti ta' spjega.

3.1 Qafas Finanzjarju 2007-2013

	EUR miljuni						
	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
1. Tkabbir sostenibbli	53 979	57 653	61 696	63 555	63 974	67 614	70 147
2. Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali	55 143	59 193	56 333	59 955	59 888	60 810	61 289
3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja	1 273	1 362	1 518	1 693	1 889	2 105	2 376
4. UE bħala attur globali	6 578	7 002	7 440	7 893	8 430	8 997	9 595
5. Amministrazzjoni	7 039	7 380	7 525	7 882	8 091	8 523	9 095
6. Kumpensi	445	207	210	0	0	0	0
Approprjazzjonijiet ta' impenn	124 457	132 797	134 722	140 978	142 272	148 049	152 502
Total approprjazzjonijiet ta' pagament	122 190	129 681	120 445	134 289	133 700	141 360	143 911

Din it-taqsimha tiddeskrivi l-kategoriji ewlenin tan-nefqa tal-UE, ikklassifikati skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju 2007-2013. Is-sena finanzjarja 2012 kienet is-sitt waħda koperta mill-qafas finanzjarju 2007-2013. Il-limitu massimu ġenerali fuq l-appropriazzjonijiet ta' impenji għall-2012 huwa ta' EUR 148 049 miljun, ekwivalenti għal 1.13 % tal-ING. Il-limitu massimu korrispondenti fuq l-appropriazzjonijiet huwa ta' EUR 141 360 miljun, jiġifieri 1.08 % tal-ING. It-tabella ta' hawn fuq turi l-qafas finanzjarju bil-prezzijiet attwali.

Intestatura 1 – Tkabbir sostenibbli

Din l-intestatura hija maqsuma f'żewġ komponenti separati, iżda marbuta ma' xulxin:

- 1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi, li tkopri n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, in-netwerks trans-Ewropej, il-politika soċjali, is-suq intern u l-politiki li jakkumpanjawhom.
- 1b. Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, imfassla sabiex issaħħaħ il-konverġenza tal-anqas Stati Membri u reġjuni żviluppati, biex taħdem mal-istrategġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli barra l-anqas reġjuni prosperużi u biex tappoġġja l-kooperazzjoni interreġjonali.

Intestatura 2 – Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali

L-intestatura 2 tinkludi l-politika agrikola komuni u tas-sajd, miżuri tal-iżvilupp rurali ambjentali, b'mod partikolari Natura 2000. L-ammont assenjat għall-politika agrikola komuni jirrifletti l-ftehim mill-huq fil-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2002.

Intestatura 3 – Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja

L-intestatura 3 l-ġdida (Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja) tirrifletti l-importanza dejjem akbar marbuta ma' ċerti oqsma fejn l-UE għet assenjata kompiti ġodda – ġustizzja u affarijiet interni, protezzjoni tal-fruntieri, politika dwar l-immigrazzjoni u l-asil, is-saħħa pubblika u protezzjoni tal-konsumatur, il-kultura, iż-żgħażaġh, l-informazzjoni u d-djaloga maċ-ċittadini. Hija maqsuma f'żewġ komponenti:

— 3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

— 3b. Ċittadinanza

Intestatura 4 – L-UE bħala attur globali

L-intestatura 4 tkopri l-azzjoni esterna kollha, inklużi l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni kienet ipproponiet sabiex il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) jiġi integrat fil-qafas finanzjarju, il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew qablu li jħalluh barra.

Intestatura 5 – Amministrazzjoni

Din l-intestatura tkopri l-ispiża amministrattiva għall-istituzzjonijiet kollha, il-pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej. Għall-istituzzjonijiet minbarra l-Kummissjoni, dawn l-ispejjeż jammontaw b'kolloxx għan-nefqa tagħhom, iżda l-Aġenziji u l-korpi l-oħrajn għandhom kemm nefqa amministrattiva kif ukoll operazzjonali.

Intestatura 6 – Kumpensi

Skont il-ftehim politiku li l-Istati Membri l-ġodda ma għandhomx isiru kontributori netti għall-baġit mill-bidu nett tas-sħubija tagħhom, f'din l-intestatura kien previst kumpens. Dan l-ammont kien disponibbli bħala trasferimenti għalihom biex jibbilanċjaw l-introjt u l-kontribuzzjonijiet għall-baġit tagħhom.

3.2 L-oqsma politiċi

Bħala parti mill-użu tagħha tal-Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività (ABM), il-Kummissjoni timplimenta l-Ibbaġitar Ibbażat fuq l-Attività (ABB) fil-proċessi ta' ppjanar u ġestjoni tagħha. L-ABB jinvolvi struttura tal-baġit li fih it-titoli tal-baġit jikkorrispondu għall-oqsma politiċi u l-kapitoli tal-baġit għall-attivitajiet. L-ABB għandu l-għan li jipprovi qafas ċar għat-trasformazzjoni tal-għanijiet politiċi tal-Kummissjoni f'azzjoni, jew permezz ta' mezz leġislattiv, finanzjarju jew xi mezz ieħor tal-politika pubblika. Bl-istrutturar tal-ħidma tal-Kummissjoni f'termini ta' attivitajiet, tinkiseb idea ċara dwar l-impriżi tal-Kummissjoni u b'mod simultanju, jiġi stabbilit qafas komuni għat-tfassil tal-prijoritajiet. Ir-riżorsi huma allokati għal prijoritajiet matul il-proċedura tal-baġit, billi l-attivitajiet jintużaw bħala pedamenti għal skopijiet baġitarji. Billi tiġi stabbilita rabta bħal din bejn l-attivitajiet u r-riżorsi allokati għalihom, l-ABB għandu l-għan li jżid l-effiċjenza u l-effettività fl-użu tar-riżorsi fil-Kummissjoni.

Qasam politiku jista' jkun definit bħala raggruppament omoġenu ta' attivitajiet li jikkostitwixxi partijiet tax-xogħol tal-Kummissjoni li huma rilevanti għall-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet. Kull qasam politiku jikkorrispondi, b'mod ġenerali għal DG, u bħala medja jkopri madwar 6 jew 7 attivitajiet individwali. L-oqsma politiċi huma operazzjonali fil-parti l-kbira, peress li l-attivitajiet ewlenin tagħhom għandhom l-għan li jibbenefikaw lil parti terza benefiċarja fi ħdan l-oqsma ta' attività rispettivi tagħhom. Il-baġit operatorju huwa kompletat bin-nefqa amministrattiva meħtieġa għal kull qasam politiku.

4. ISTITUZZJONIJET U AĠENZJI

Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja jistgħu jinkisbu wara dawn in-noti ta' spjega.

Bħal fis-snin preċedenti, ir-rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-UE jinkludu l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istituzzjonijiet kollha peress li fi ħdan il-baġit tal-UE hemm stabbilit baġit separat għal kull Istituzzjoni. L-Aġenziji ma għandhomx baġit separat fil-baġit tal-UE u huma parzjalment ifffinanzjati minn sussidju tal-baġit tal-Kummissjoni.

Rigward is-SEAE, ta' min jinnota li, minbarra l-baġit proprju tiegħu, jirċievi wkoll kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 212-il miljun (2011: EUR 202 miljun) u l-FEŻ ammont ta' EUR 53 miljun (2011: EUR 50 miljun). Dawn il-krediti tal-baġit huma mqiegħda għad-dispożizzjoni tas-SEAE (bħala dħul assenjat) sabiex ikopru l-aktar l-ispejjeż tal-persunal tal-Kummissjoni li jaħdem fid-delegazzjonijiet tal-UE, b'dawn id-delegazzjonijiet li huma ġestiti b'mod amministrattiv mis-SEAE.

Sabiex tiġi pprovduta d-dejta baġitarja rilevanti kollha għall-Aġenziji, il-parti baġitarja tal-kontijiet annwali kkonsolidati tinkludi rapporti separati dwar l-implimentazzjoni tal-baġits individwali tal-aġenziji tradizzjonali kkonsolidati.

